# IL-PONT

rivista letterarja elettronika miġbura minn Patrick Sammut
literary online magazine compiled by Patrick Sammut

Nu. 68 – SETTEMBRU 2022

# werrej


| | |
|---|---|
| L-Editorjal | 2 |
| L-Aħbarijiet | 3 |
| Reazzjonijiet | 9 |
| Niltaqgħu ma' Anthony Farrugia | 11 |
| L-Intervisti: Ray Fenech Gonzi u Claudine Borg | 14 |
| L-Intervisti: Paola Marchese u Sonia Muscat | 22 |
| Il-pubblikaturi dwar il-prezz tal-karta | 27 |
| Niftakar lil Nicholas Monsarrat | 30 |
| Reċensjoni *Woman in Red* | 32 |
| Żewġ Reċensjonijiet Oħra | 34 |
| Novella ta' Anthony Farrugia | 39 |
| Il-Pittur u l-Poeta - Victor V. Vella | 44 |
| Kitba ta' Carmen Refalo | 47 |
| Il-Baħar fil-Versi ta' Simone Galea | 51 |
| Il-Poeżiji | 52 |
| Versi lil hinn minn xtutna | 56 |
| Minn fuq l-ixkaffa | 57 |


Min jixtieq jikkontribwixxi f'IL-PONT b'materjal ta' livell, mhux twil u adatt jista' jibagħtu direttament lill-Editur fl-indirizz **ilpontliterarymagazine@gmail.com**







Min isegwi l-aħbarijiet regolarment jaf li d-dinja u l-ħajja tal-bniedem trid tinbidel u qiegħda tinbidel, irridu u ma rridux. Hemm il-problema, li ilna nisimgħu biha, tat-tisħin globali; hemm dik tal-pandemija li għadna ma ħriġniex kompletament minnha; u issa hemm ukoll il-problema tal-gwerra fl-Ukrajna, li tikkonċernana wkoll bħala parti mill-Ewropa.

Jidhru bħala problemi li ma jikkonċernawx lilna bħala qarrejja, imma fuq kollox bħala bnedmin. Dan wassalni biex nirrifletti ftit. Ftit ġimgħat ilu fiż-żona fejn noqgħod inqatgħet il-provvista tal-elettriku għal numru sostanzjali ta' sigħat: xejn televiżjoni, xejn internet, xejn mużika, apparti dik ġejja minn radju ċkejken li għandi jaħdem ukoll bil-batteriji; dawl limitat. Kien se jagħtini ferħ ta' ġenn li kieku ma kinux il-kotba għalija. Qbadt ktieb li kien ilu jistenna fuq l-ixkaffa u ntfajt komdu fuq pultruna naqrah għall-kwiet għad-dawl ta' lampa bil-batteriji.

Dwar il-pandemija: min jaf kemm minna sabu ruħhom maqfulin ġewwa għal jiem sħaħ u sabu kenn fil-qari ta' ktieb. Il-pandemija affettwat sewwa t-trasport internazzjonali tant li l-prezzijiet tal-prodotti kollha, inkluż dak tal-karta, għolew m'ogħla s-sema. U minn xi xhur 'l hawn, biex tgħaxxaqha, għandna wkoll il-gwerra fl-Ukrajna li ġabet magħha problema fejn tidħol il-proviżjoni ta' żejt u gass tant bżonnjużi għall-ġenerazzjoni tal-elettriku. Dan kollu hu parti mill-istampa l-kbira li fl-aħħar mill-aħħar jasal biex jaffettwa anki lilna li ngħixu fuq dawn il-gżejjer ċkejknin f'nofs il-Mediterran li tant jiddependu mill-importazzjoni ta' kważi kollox.

Bħala l-editur ta' dan il-magażin avviċinawni persuni marbutin mal-produzzjoni tal-ktieb lokali u għarrfuni li l-karta għoliet ħafna bħala prezz u dan qed jaffettwa sewwa l-pubblikazzjoni tal-ktieb Malti. Konsegwentement il-prezz tal-ktieb Malti se jogħla wkoll, u dan żgur mhux se jgħin biex in-numru limitat ta' qarrejja lokali jiżdied. X'jista' jsir? Apparti għajnuna min-naħa tal-awtoritajiet ikkonċernati, soluzzjoni oħra hija li bħala Maltin ninvestu iktar fl-industrija tal-ktieb Malti billi nixtru l-ktieb għalina u nagħmluha ħaġa regolari li niddedikaw ftit ħin għall-qari, jew nintroduċu l-idea li nagħtu ktieb bħala rigal lil persuni li huma qribna u għal qalbna. U biex nagħmlu dan, ix-xahar ta' Novembru huwa ideali ladarba bħal kif jiġri kull sena jiġi organizzat il-Festival tal-Ktieb mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb f'Ta' Qali, fejn ikun hemm għadd kbir ta' pubblikaturi, awturi, distributuri u l-bqija jbigħu eluf ta' kotba, inkluż dak Malti, bi prezijiet vantaġġjużi. Mela naħtfu l-opportunità biex nixtru l-ktieb Malti kemm għalina u kemm biex nagħtuh rigal lil ta' madwarna, anki f'rabta mal-istaġun li qed joqrob, dak tal-Milied.

Meta kont nistudja f'belt ewlenija fl-Italja ta' fuq, kienet drawwa fost l-istudenti universitarji li jibqgħu barra sa tard jistudjaw u jaqraw f'biblijoteki u swali pubbliċi differenti mxerrdin matul il-belt kollha. Dawn kienu mkejjen fejn kien jaħkem is-skiet u fejn l-istudenti setgħu anki jsibu kotba u volumi li kienu jeħtieġu għall-istudji tagħhom, u fl-istess ħin kien hemm imwejjed u siġġijiet fejn setgħu joqogħdu komdi u bla għaġla jaħdmu fuq il-proġetti akkademiċi tagħhom, anki sa tard billejl. Illum ċentri bħal dawn għadhom jeżistu, u apparti l-ixkafef mimlijin bil-kotba, hemm disponibbli wkoll numru ta' laptops jew kompjuters li permezz tagħhom dawk interessati jistgħu jagħmlu r-riċerka meħtieġa. Hawn Malta dan m'għandux ikun limitat biss għal-librerija tal-Università ta' Malta u istituzzjonijiet simili, jew għall-Biblijoteka Nazzjonali fil-Belt, imma għandu jkun hawn iktar imkejjen u swali li jibqgħu miftuħin biex iħajru aktar żgħażagħ u mhux daqstant żgħażagħ jgħaddu ħinhom jaqraw, jirriċerkaw, u saħansitra jiddiskutu u jaqsmu l-ideat tagħhom.

Waqt lejla letterarja li attendejt ftit ilu kont qed nitkellem ma' kittieb barrani li jgħix Malta. Staqsieni għaliex f'pajjiżna m'hawnx post fejn issib bħal wirja permanenti tal-kittieba Maltin u x-xogħlijiet tagħhom, bħal mużew ħaj fejn dak li jkun jista' jmur u jara eżibiti kotba u xogħlijiet varji ta' awturi differenti, bi swali fejn il-pubbliku, imma anki l-istudenti u persuni interessati jkunu jistgħu jiltaqgħu ma' kittieba varji, ta' kull età u ġeneru ta' kitba. Imma jekk qatt proġett bħal dan iseħħ, m'għandux għal darb'oħra jaqa' f'idejn l-istess nofs tużżana persuni li jimmanipulaw oqsma varji marbutin mal-qasam tal-ktieb bir-riżultat li l-pubbliku jingħata l-impressjoni li l-letteratura Maltija hi magħmula minn grupp limitat ta' kittieba li isimhom tarah kullimkien, bis-saħħa ta' ċerti mekkaniżmi u influwenzi li nibtu u jibqgħu jinbtu fuq bażi ta' klikek u ħokkli dahri u nħokk tiegħek. Kif dejjem ngħid, min jinnega dan jagħmel hekk għax hu parti minn dan il-mekkaniżmu li għamillu ħajtu bħala kittieb - u mhux biss - komda ferm. Il-letteratura Maltija hi magħmula minn spektrum wiesa' u vast ta' kittieba.

Infakkar li min irid jibgħat reazzjonijiet jew kontributi jista' juża l-email ilpontliterarymagazine@gmail.com

## IMUT IL-KITTIEB TALJAN RAFFAELE LA CAPRIA



Raffaele La Capria [Ritratt: raicultura.it]

Nhar is-26 ta' Ġunju 2022, ftit xhur biss qabel ma kien se jagħlaq 100 sena, miet il-kittieb Taljan Raffaele La Capria. Huwa twieled f'Napli fit-3 ta' Ottubru fl-1922, imma kien ilu jgħix f'Ruma sa mill-1950. Fl-1961 kien rebaħ il-Premju Strega bir-rumanz *Ferito a morte*, ambjentat f'Napli. Huwa rċieva bosta premji oħra għall-karriera bħala kittieb, fosthom il-Premju Campiello (2001), il-Premju Chiara (2002), il-Premju Alabarda d'oro (2011) u l-Premju Brancati (2012). Fl-2005 rebaħ il-Premju Viareggio għall-ġabra ta' kitbiet ta' tifkira *L'estro quotidiano*. Permezz tan-narrattiva tiegħu La Capria rrakkonta s-sabiħ u l-ikrah ta' Napli. Kien ukoll ġurnalista, kollaboratur ta' rivisti u ġurnali diversi, bħal "Il Mondo", "Tempo presente" u "Corriere della Sera". Mill-1990 kien kodirettur tar-rivista letterarja "Nuovi Argomenti". Matul ħajtu qatta' perijodi twal fl-Ingilterra, fi Franza u fl-Istat Uniti, biex wara stabilixxa ruħu f'Ruma. Ħadem ukoll mar-Rai bħala awtur ta' radjudrammi u kiteb għaċ-ċinema, bħala koxeneġġatur ta' bosta films ta' Francesco Rosi. Fost ir-rumanzi tiegħu, *Un giorno d'impazienza* (1952), *Amore e psiche* (1973), *La neve del Vesuvio* (1988), u *L'amorosa inchiesta* (2006). Kiteb ukoll esejs, miġburin f'kotba bħal *Letteratura e salti mortali* (1990), *L'occhio di Napoli* (1994), *La mosca nella bottiglia* (1996), *Napolitan Graffiti* (1998), *Lo stile dell'anatra* (2001) u l-esej-intervista *Me visto da lui stesso. Interviste 1970-2001 sul mestiere di scrivere* (2002). Ittraduċa anki xogħlijiet għat-teatru ta' awturi bħal Jean-Paul Sartre, Jean Cocteau, T. S. Eliot, u George Orwell.

## LAQGĦA ĠENERALI ORDINARJA TAL-AKKADEMJA TAL-MALTI 2022

Nhar it-8 ta' Lulju saret il-Laqgħa Ġenerali Ordinarja tal-Akkademja tal-Malti, f'Dar L-Ewropa, fil-Belt Valletta. Is-Segretarju, is-Sur Joseph P. Borg, ta rendikont dettaljat tal-ħidma sfiqa li seħħet matul din l-aħħar sena minn kemm ilu li ġie ffurmat il-Kunsill attwali. Minkejja l-isfida tal-pandemija l-Kunsill baqa' għaddej bil-ħidma tiegħu bħal pubblikazzjonijiet u laqgħat għall-membri. Wara t-Teżoriera, is-Sinjura Phyllis Debono, tat ir-rendikont finanzjarju. Fl-aħħar il-President tal-Akkademja, Dr George Farrugia, ta d-diskors tiegħu. Fost diversi punti huwa semma s-sehem tal-Akkademja fil-kampanja 'L-Ilsien Malti għal Qalbi'. Huwa rringrazzja minn qalbu lil kull min qed jgħin u jagħti sehmu biex l-Akkademja tibqa' għaddejja b'ħidmitha u tiffjorixxi. Wara saret l-ikla mal-membri li attendew. Il-Kunsill jirringrazzja lil dawk kollha li għoġobhom jattendu fiżikament u 'l dawk li ngħaqdu b'mod virtwali.



[Ritratt: https://www.facebook.com/akkademjatalmalti]

## REBBIEĦ TAL-PREMJU STREGA 2022

Lejn il-bidu ta' Lulju 2022 tħabbar ir-rumanz rebbieħ tal-Premju Strega 2022. Din id-darba - is-67 edizzjoni minn mindu twaqqaf - fl-ewwel post ta' dan il-premju letterarju prestiġjuż Taljan ġie r-rumanz *Spatriati* ta' Mario Desiati (Einaudi). Fit-tieni post ġie kklassifikat Claudio Piersanti, bir-rumanz *Quel maledetto Vronskij* (Rizzoli), filwaqt li t-tielet post ingħata lil Alessandra Carati għar-rumanz *E poi saremo salvi* (Mondadori). Fir-raba' post ikklassifikat Veronica Raimo bir-rumanz *Niente di vero* (Einaudi), rebbieħa tal-premju Strega Giovani; fil-ħames post, Marco Amerighi, bir-rumanz *Randagi* (Bollati Boringhieri, gruppo Gems); fis-sitt post Fabio Bacà bir-rumanz *Nova* (Adelphi); u fis-seba' post Veronica



Mario Desiati [Ritratt: ilLibraio.it]

Galletta bir-rumanz *Nina sull'argine* (minimun fax). Din is-sena kienet speċjali b'seba' finalisti. Waqt is-serata tal-premjazzjoni tfakkar Raffaele La Capria (li miet fis-26 ta' Ġunju 2022), rebbieħ tal-Premju Strega 1961 bir-rumanz *Ferito a morte*.

**IMUT LUCA SERIANNI, LINGWISTA, FILOLOGU U AKKADEMIKU TALJAN**



Luca Serianni

Nhar it-18 ta' Lulju, Luca Serianni, filologu, lingwista u akkademiku, ġie mtajjar minn karozza f'Ostia (qrib Ruma) u tilef ħajtu. Serianni, li twieled f'Ruma fl-1947, ħa l-lawrija fil-Letteratura fl-1970 fl-Università ta' La Sapienza, ħadem f'universitajiet oħra fi Siena, l'Aquila u Messina, biex fl-1980 reġa' lura fl-università La Sapienza bħala professur tal-Istorja tal-Lingwa Taljana. Serianni hu l-awtur ta' *Grammatica italiana. Italiano comune e lingua letteraria* (Torino, UTET, 1988), grammatika li għamlet suċċess kbir, u ma' Maurizio Trifone ħa ħsieb, sa mill-2004, id-*Devoto-Oli. Vocabolario della lingua italiana*, xogħol fejn kien koawtur tiegħu fl-edizzjoni tal-2017. Ma' Pietro Trifone ħa ħsieb l-i*Storia della lingua italiana in tre volumi*. Kien ukoll membru tal-Accademia della Crusca, tal-Accademia dei Lincei u tal-Casa di Dante f'Ruma, mentri fil-11 ta' Diċembru 2010 ġie nnominat bħala viċipresident tas-Società Dante Alighieri. Kien ukoll direttur tar-rivisti "Studi linguistici italiani" u "Studi di lessicografia italiana".

**ŻEWĠ KOTBA ĠODDA F'RABTA MAL-MALTI MEDIKU**

Riċentement Charles Daniel Saliba ppubblika żewġ kotba ġodda: *Maltese Grammar Essentials in Context for Healthcare Professionals* u *Speaking Medical Maltese from Zero*. Dawn iż-żewġ kotba jkomplu jibnu mal-pubblikazzjonijiet l-oħra tiegħu fuq il-Malti Mediku. Dr Saliba stqarr: "L-esperjenza tiegħi fit-tagħlim tal-Malti bħala Lingwa Barranija u l-Malti Mediku fl-Università ta' Barts and the London School of Medicine and Dentistry (QMUL), fil-kampus t'Għawdex, tatni ċ-ċans nitgħallem aktar dwar l-isfidi li jiffaċċjaw l-istudenti li jitgħallmu l-Malti Mediku. Din l-esperjenza servietni immens meta fassalt dawn il-kotba, għax indirizzajt ċerti sfidi li jħabbtu wiċċhom magħhom l-istudenti. Barra minn hekk, l-esperjenza tiegħi fit-tfassil u l-akkreditazzjoni, mingħand il-Malta Further & Higher Education Authority (MFHEA), għat-tliet korsijiet mgħallma fil-QMUL - Award in Maltese as a Foreign Language MQF 1 (5 ECTS), Award in Medical Maltese MQF 1 (5 ECTS), u Award in Medical Maltese MQF 2 (5 ECTS) - kienet ta' benefiċċju kbir għalija wkoll". *Maltese Grammar Essentials in Context for Healthcare Professionals* hu ktieb bilingwi (bil-Malti u bl-Ingliż) li jgħallem il-grammatika Maltija f'format faċli biex issegwih, bl-użu ta' diversi sitwazzjonijiet li wieħed jiltaqa' magħhom l-isptar. L-eżerċizzji u l-attivitajiet huma mfassla biex jgħallmu l-lingwa f'kuntest, filwaqt li fl-istess ħin jgħinu fl-akkwist tal-vokabularju kif ukoll fl-iżvilupp tal-ħiliet. Kull kapitlu fih ukoll sezzjoni kulturali relatata mal-kura tas-saħħa f'Malta, inkluża s-sistema tal-kura tas-saħħa pubblika u privata; il-Kattoliċiżmu u l-manifestazzjoni tiegħu fi sptarijiet u djar tal-kura; is-sigurtà fl-isptar; ir-regoli u l-proċeduri tas-sick leave; kwistjonijiet kurrenti tas-saħħa; iċ-Charter Nazzjonali tad-Drittijiet u r-Responsabbiltajiet tal-Pazjent; l-abbuż fuq l-anzjani; u l-iżbalji fit-teħid tal-mediċina fost il-pazjenti. Dan il-ktieb se jiffamiljarizza lill-qarrejja mas-settur tas-saħħa f'Malta u jġegħelhom iħossuhom komdi waqt li qed jaħdmu fil-pajjiż. *Speaking Medical Maltese from Zero* fih 42 djalogu (bi traduzzjonijiet paralleli) li jgħinu lill-istudenti tal-

Malti Mediku jtejbu l-ħiliet tal-qari, tas-smigħ u tal-komunikazzjoni tagħhom biex ikunu jistgħu jitkellmu f'sitwazzjonijiet tal-ħajja reali fl-ambjent mediku. Wara xi djalogi, il-qarrejja jsibu kaxxa bi frażijiet u espressjonijiet mediċi importanti, flimkien mat-traduzzjonijiet tagħhom bl-Ingliż. Saliba aġġorna wkoll il-fajls awdjo li jakkumpanjawhom u li huma relatati mas-sensiela "Maltese for Foreigners" biex l-istudenti jkunu jistgħu jisimgħu kelliema nattivi Maltin jaqraw it-test jew id-djalogi. Dr Saliba stqarr ukoll li, "dawn il-kotba huma adattati għall-professjonisti fil-qasam mediku u tal-kura tas-saħħa u studenti li għandhom bżonn jużaw il-Malti Mediku fix-xogħol jew fl-istudju tagħhom biex jikkomunikaw mal-pazjenti u l-kollegi". Dawn il-kotba jistgħu jinxtraw mingħand www.bdlbooks.com. Għal aktar informazzjoni dwar dawn il-kotba u x-xogħol l-ieħor ta' Dr Saliba, wieħed jista' jżur: www.charlesdanielsaliba.com Fir-ritratt hawn taħt, Dr Charles Daniel Saliba jippreżenta ż-żewġ pubblikazzjonijiet ġodda tal-Malti Mediku lill-Professur Anthony Warrens, Dekan tal-Edukazzjoni, ta' Barts and the London School of Medicine and Dentistry (QMUL)) u lill-Professur Catherine Molyneux, Deputat Dekan tal-Edukazzjoni, QMUL, fil-kampus t'Għawdex.



**JITĦABBRU L-FINALISTI TAL-PREMJU NAZZJONALI TAL-KTIEB U L-PREMJU TERRAMAXKA 2022**

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb (KNK) ħabbar il-lista tal-finalisti tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb u l-Premju Terramaxka 2022, għall-kotba ppubblikati fl-2021. Il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb issa jinsab fil-45 edizzjoni tiegħu, u huwa l-ogħla premju letterarju mogħti lil awturi, edituri, tradutturi, pubblikaturi, u illustraturi. Iservi wkoll bħala pjattaforma u gwida għall-aħjar kotba ppubblikati f'Malta s-sena ta' qabel. Il-lista ntgħażlet minn bord ta' aġġudikazzjoni indipendenti maħtur mill-KNK skont damma ta' kriterji stabbiliti. Il-lista tal-2022 fiha 63 ktieb minn 199 xogħol eliġibbli li ġew sottomessi sat-28 ta' Marzu 2022; 43 ktieb għamluha mal-finalisti fi tmien kategoriji tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb għall-adulti, filwaqt li l-20 l-oħra huma finalisti f'sitt kategoriji tal-Premju Terramaxka għat-tfal u l-adolexxenti. Il-kategoriji tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb għall-adulti huma r-Rumanzi, in-Novelli, il-Poeżiji, id-Drama, il-Letteratura mhux Fittizja, it-Traduzzjoni, ir-Riċerka Ġenerali, u r-Riċerka Bijografika u Storjografika. Dawk tal-Premju Terramaxka huma x-Xogħlijiet Oriġinali għal tfal bejn 0-7 u 8-12-il sena, u l-Letteratura għaż-Żgħażagħ, u Xogħol Maqlub għall-Malti għal tfal bejn 0-7 u 8-12-il sena, u Letteratura għaż-Żgħażagħ tradotta. Bosta mill-kotba finalisti jidwu l-ġrajjiet u d-dibattiti kurrenti fil-pajjiż, mhux l-inqas dawk fil-kategorija tar-Rumanzi, ngħidu aħna l-possibiltà ta' gwerra f'Lou Drofenik, Toni Sant, u Aleks Farrugia. Il-lista estensiva ta' kotba fin-Novelli turi kemm hu popolari dal-ġeneru kemm mal-kittieba kif ukoll mal-qarrejja, u l-istess jista' jingħad għan-numru dejjem jikber ta' traduzzjonijiet ta' xogħlijiet minn madwar id-dinja lejn il-Malti. Hemm rappreżentazzjoni tajba fix-xogħol mhux fittizju, u l-kategoriji tar-riċerka jkomplu t-tradizzjoni ta' lista twila u mħawra b'suġġetti Melitensia, urbaniżmu, u l-arti u l-istorja tagħha, fost oħrajn. Il-proċess tal-aġġudikazzjoni beda f'Mejju meta ġiet ippubblikata l-lista sħiħa ta' sottomissjonijiet eliġibbli. Ir-rebbieħa jintagħżlu fix-xhur li ġejjin u jitħabbru waqt ċerimonja fl-4 ta' Novembru. Il-kotba finalisti kollha jinsabu għall-bejgħ mingħand bejjiegħa lokali jew minn ħwienet online, u se jkunu disponibbli wkoll waqt il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2022 (23-27 ta' Novembru) fiċ-Ċentru għall-Fieri u l-Konvenzjonijiet (MFCC) f'Ta' Qali. Għal aktar informazzjoni dwar il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2022 jew inizjattivi oħra tal-KNK ara l-paġna tal-Facebook jew żur www.ktieb.org.mt.

**SERATA MUŻIKO-LETTERARJA MINN ESPRIMI**

Nhar it-28 ta' Lulju 2022, EspRimi tellgħet lejla mużiko-letterarja fiċ-Ċentru Parrokkjali tal-Parroċċa ta' Santa Marija f'Birkirkara (Knisja l-Qadima). Ħadu sehem: Salv Sammut, Paul Gatt, Daniela Tanti, Joe u Doris Aquilina, Mario Debono, Joseph Felix Cachia, Emmanuel Attard Cassar, Alfred Camilleri,




Waqt mil-lejla li organizzat EspRimi

Omar Seguna, Natalino Pennisi, u Charles Mifsud. Din is-serata kienet animata minn J.C Aquilina, awtur ta' bosta innijiet reliġjużi.

**TNEDIJA TA' KTIEB FIL-KUNVENT TAL-KARMELITANI FL-IMDINA**

Nhar id-29 ta' Lulju 2022 saret it-tnedija tal-ġabra ta' Poeżiji *Bil-Linka tfawwar Poeżiji* ta' patri Feliċjan Bezzina, miġburin minn Charlò Camilleri, O. Carm. Ingħatat merħba lil dawk preżenti minn patri Glenn Attard, O. Carm., intweriet preżentazzjoni dwar il-ħajja tal-poeta, u kien hemm ukoll intervalli mużikali bil-pjanu u bil-vjolin. Robert Farrugia qara studju bl-isem ta' "L-aspett filosofiku tad-Damma Poetika", filwaqt li David Aloisio tkellem dwar "L-Istil Poetiku ta' Patri Feliċjan." Inqraw ukoll xi poeżiji ta' patri Feliċjan, u l-Provinċjal, patri Joseph Saliba, għamel diskors qasir tal-għeluq. Wara kien hemm ukoll bibita għal dawk li attendew.



Waqt mit-tnedija li saret fl-Imdina

**TMUT L-EKS TEŻORIERA TAL-GĦAQDA POETI MALTIN**

Nhar il-5 ta' Awwissu 2022 mietet Doris Chircop, eks teżoriera tal-Għaqda Poeti Maltin. Hija kellha 75 sena. Doris kienet ukoll tikteb poeżiji bil-Malti u bl-Ingliż u kienet tipparteċipa regolarment fil-lejljiet li l-Għ.P.M. kienet torganizza regolarment fl-imgħoddi. Min kien jafha, fosthom bosta membri tal-Għ.P.M., jiftakarha bħala bniedma metikoluża, ġentili u umli għall-aħħar. Tistrieħ fis-sliem.



Doris Chircop

**LEJLA MUŻIKO-LETTERARJA OĦRA MINN MUŻA KARKARIŻA**

Nhar il-Ġimgħa, 12 t'Awwissu, il-Grupp Muża Karkariża tella' lejla letterarja oħra fil-beraħ tal-Ġnien Sir Anthony Mamo, wara l-Bażilika ta' Sant'Elena bit-tema 'Is-Sajf'. Tlettax-il kittieb u poeta li huma Anthony Saliba, Philip Xuereb, Charles Mifsud, Daniela Tanti, Wayne Farrugia, Servolo Delicata, Ella Mae Pisani, George Peresso, Prof. Charles Briffa, Therese Pace, Carmel G. Cauchi, Carmel Attard u Ninu Borg ikkontribwew bil-kitbiet tagħhom. Uħud mis-siltiet inqraw minn Anton Grasso. Ir-rokna mużikali kienet ipprovduta mill-kantant Malcolm Pisani u l-kantawtur Mario Debono. Bħas-soltu, ippreżentat is-Sinjura Maria Mintoff u kkoordinat il-lejla Terry Muscat Chircop.



**Waqt mis-serata ta' Muża Karkariża f'Birkirkara [Ritratt: Stephen Cachia]**

Kienet attività sabiħa b'attendenza inkoraġġanti ħafna li apprezzat l-isforz kollettiv tal-grupp biex tixxettel u tikber iktar il-kultura. [Rapport: Therese Pace]

### SALMAN RUSDIE ATTAKKAT B'SIKKINA



**Salman Rushdie [Ritratt: Wikipedia]**

Nhar it-12 ta' Awwissu, il-kittieb Salman Rushdie, 75 sena, ġie attakkat u ferut minn żagħżugħ armat b'sikkina waqt lecture li kien qed jagħti f'Chautauqua, fi New York. Rusdie kien immedjatament trasportat b'elikotteru lejn sptar lokali fejn instab qed ibati minn feriti ta' sikkina f'għonqu u f'sidru. Minkejja l-feriti li ġarrab, Rushdie seta' diġà jitkellem jum wara l-attakk. Huwa kien qed jattendi ċ-Chautauqua Institution biex jiddiskuti mal-intervistatur tiegħu, Henry Reese, - anki hu attakkat -, dwar kif l-Istati Uniti iservu bħala ażil għal tant kittieba fl-eżilju. Rushdie hu awtur ta' 14-il rumanz, fosthom *The Satanic Verses*, li kien kaġun ta' tant theddid ta' mewt kontrieh min-naħa tal-mexxej tal-Iran fl-1989. Apparti l-kitba, Rushdie minn dejjem sostna l-importanza tal-liberta tal-espressjoni.

### IMUT IL-POETA SOMALU HADRAWI

Nhar it-18 ta' Awwissu 2022 miet il-poeta u kittieb Somalu Mohamed Ibrahim Warsame, magħruf ukoll bħala Hadrawi, fil-belt ta' Hargeisa. Huwa twieled f'Burao fl-1943. Fl-1973, Hadrawi kiteb il-poeżija 'Siinley' u d-dramm 'Tawaawac' ('Lament'), fejn ikkritika il-gvern militari li kien fil-poter f'dak iż-żmien. Minħabba f'hekk ġie arrestat u ntbagħat il-ħabs sal-1978. Aktar tard ingħaqad mal-Moviment Nazzjonali Somalu. Fl-1991 huwa mar jgħix fir-Renju Unit u matul dn il-perijodu vvjaġġa ħafna kemm fl-Ewropa kif ukoll fl-Amerka ta' Fuq fejn ipparteċipa f'festivals ta' poeżija u folklor. Fl-1999 hu rritorna fis-Somalja. Huwa awtur ta' bosta volumi ta' poeżija u kiteb ukoll ħafna drammi. Hadrawi kellu 79 sena.



**Hadrawi [Ritratt: facebook.com]**

### LEJLA LETTERARJA OĦRA MINN ESPRIMI

Nhar it-23 ta' Awwissu EspRimi organizzat lejla ta' tnedija tal-ġabra ta' poeżiji *Woman in Red* ta'



Waqt mil-lejla ta' tnedija ta' *Woman in Red*

Emmanuel Attard Cassar. Is-sit magħżul kien is-sala parrokkjali tal-Knisja l-Qadima f'Birkirkara. Mexxew is-serata Jack u Valentina Attard Cassar, filwaqt li Ronald Cuschieri ħa ħsieb l-aspett tekniku. Kien hemm intervalli mużikali pprovduti minn Joe u Doris Aquilina, flimkien ma' oħrajn imtellgħin fuq l-iscreen, fosthom kanzunetti ta' Sarah Crystal u t-tenur Arthur Micallef. Inqraw ukoll għadd ta' poeżiji minn *Woman in Red* mill-voice artist, attriċi u kantanta Ingliża Cherry McIntosh, mill-għalliema Christine Grech, u minn Dr. Mario Aloisio, gradwat fil-Fiżika u l-Matematika, b'dottorat fl-IT. Il-poetessa Taljana Paola Mara De Maestri qrat il-poeżija 'Donna in Rosso', traduzzjoni tal-poeżija 'Woman in Red' tradotta għat-Taljan mill-awtur stess. Elizabeth Cortis, editriċi tal-kotba, qarrejja tal-provi tal-Ingliż u fundatriċi ta' Proofreading Malta tat taħdita qasira bl-isem ta' "L-editjar u l-qari tal-provi: Skaluni differenti tal-istess sellum". Patrick Sammut qara studju kritiku dwar il-ġabra *Woman in Red*. Ingħata wkoll xi tagħrif dwar il-pittura tal-qoxra tal-ktieb, magħmula minn Alfred Caruana Ruggier, filwaqt li Emmanuel Attard Cassar fetaħ u għalaq is-serata. Dawk mistiedna ingħataw kopja b'xejn ta' *Woman in Red* bl-istedina biex jagħtu donazzjoni lil xi entità li teħtieġ għajnuna. Il-lejla ntemmet b'riċeviment żgħir fejn dawk preżenti setgħu jitkellmu u jieħdu xi ritratti mal-awtur.

**IL-FESTIVAL MEDITERRANJU TAL-LETTERATURA TA' MALTA 2022**

Nhar is-26 u s-27 ta' Awwissu 2022, Inizjamed, li tellgħet is-sbatax-il edizzjoni tal-Festival Mediterranju tal-Letteratura ta' Malta, ikkonkluda b'żewġt iljieli fil-Forti Sant'Iermu, il-Belt Valletta. F'kull lejla, erba' awturi mistiedna qraw ix-xogħlijiet tagħhom, flimkien mat-traduzzjonijiet tagħhom li ħadmu fuqhom matul il-workshop tat-traduzzjoni. L-awtur li pparteċipaw kienu: Jacobo Bergareche (Spanja), Antoinette Borg, Bella Cox (ir-Renju Unit), Aleks Farrugia, Adrian Grima, Julia Musakovska (l-Ukrajna), Claudio Pozzani (l-Italja) u Lamis Saidi (l-Alġerija). Il-letteratura kienet imżewqa mal-mużika tal-bands mistiedna u l-mużiċisti residenti. Mallia & D'Amato Booksellers kellhom kotba tal-awturi mistiedna u oħrajn għall-bejgħ. Kixott u Healthylicious by Stef ipprovdew l-ikel u x-xorb. Wara l-encore tas-Sibt, bħala xi ħaġa ġdida, DJ Bob, li ħafna jafuh permezz ta' Spots & Stripes se offra l-mużika biex dawk preżenti jiċċaqalqu u jgawdu ftit sigħat oħra fil-Forti Sant'Iermu. Inizjamed tellgħet dan il-Festival bl-appoġġ tal-Kunsill Malti għall-Arti. Il-Festival ikkollabora wkoll ma' Creative Europe Desk – Malta, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, Heritage Malta u Literature Across Frontiers. Dan il-Festival huwa rikonoxxut internazzjonalment permezz tat-timbru tal-EFFE Europe for Festivals, Festivals for Europe.



Il-poeta Claudio Pozzani
[Ritratt: facebook.com]



**Email mingħand Rita Saliba, l-1 ta' Lulju 2022**

Għażiż Patrick,

Grazzi ta' din il-ġabra teżori letterarji. Bla dubju se żżommni okkupata matul dawn il-ġranet u forsi wkoll se joffru xi ftit żiffa ħelwa f'dis-sħana ta' sajf qalil.

Inselli ħafna għalik,
Rita

**Email mingħand Mario Attard, l-1 ta' Lulju 2022**

Parick,

Nirringrazzjak tassew tal-ħarġa ta' IL-PONT. Grazzi wkoll tal-grajja li ġibtli. Ħadt gost naqra mill-pinna ta' Frances Arpa. Fakkritni meta konna ngħallmu l-Malti fil-Kulleġġ De La Salle. Bħas-soltu, il-kontentut huwa varju, ta' livell tajjeb, u jolqot lill-qarrejja. Inqawwilek qalbek biex iżżomm dan ir-ritmu.

Il-ħajr mill-ġdid u nsellimlek,
Mario.

**Email mingħand Rita Gatt, l-1 ta' Lulju 2022**

Għażiż Patrick,

Grazzi minn qalbi ta' dan ir-rigal li tajtni llum. Inħossni tassew ferħana u onorata li inkudejt il-kitba tiegħi f'din ir-rivista tant prestiġġjuża.

Komplejt fraħt meta biswit il-kitba tiegħi, hemm dik ta' ħija Philip, kif ukoll fl-istess rivista hemm emaill ta' ħija, Pawlu. Tliet aħwa f'kitbiet differenti fl-istess rivista. Tassew emozzjonajt ruħi u fraħt li għall-ewwel darba, kitba minn tiegħi ġiet ippubblikata. Napprezza ħafna u dan ikompli jħeġġiġni biex nissokta nberraħ il-ħsibijiet li hemm ġo fija, bl-aħjar mod li naf jien, bil-proża jew poeżija.

Għadni ma kellix ċans li nara l-kitbiet kollha ta' din ir-rivista, imma ċertissma li huma kollha mimlijin interess, tagħrif u informazzjoni bħal ma kienu t-tlieta li qrajt sa issa. Ma' kull paġna li nqalleb, inħossni qisni xi studenta ħerqana nitgħallem xi ħaġa ġdida, għatxana biex nara x'hemm jistennieni fil-paġni ta' wara. Huwa mogħni b'kitbiet letteratji tant sbieħ, b'persunaġġi kbar kif oħrajn li qegħdin jinbtu, b'Malti tassew mirqum kif ukoll ligwi oħra, li għal ħafna snin kienu midħla sew tagħna, l-Maltin. Xtaqt li mill-ewwel nurik kemm apprezzajt il-fatt li xogħli għażiltu biex ikun parti minn din ir-rivista. Naqbel ma' dak kollu li tkellem fuqu ħija, Pawlu fl-email li bagħatlek.

Ħajr minn qalbi, saħħa u s-sliem,
Rita

**Email mingħand Mario Griscti, l-1 ta' Lulju 2022**

Għażiż Patrick,

Niżżikħajr ta' IL-PONT (Lulju 2022). Nessieni d-dwejjaq ta' qillet ix-xemx tbaskat u tmarrad. IL-PONT sar il-barka t'ilma safi tgelgel mal-gerżuma niexfa. Kontenut sodisfaċenti. Editorjal li jiftaħ sew it-triq tal-imħabba lejn il-letteratura. Napprezzah u ngħożżu bis-sħiħ.

Insellimlek ħabib u dejjem nixtieqlek: Saħħa, Paċi u Ġid.

B'Imħabba,
Mario



**Email mingħand Michael Zammit, it-2 ta’ Lulju 2022**

Ħajr minn qalbi.

Kemm nifraħ meta jasalli.

Dortu daqsxejn fuq fuq sa ma nsib ħin biex nagħmel bħan-naħla f'nofs ġnien kbir mimli fjuri.

Ħajr li sibt post għall-kitba tiegħi.

Michael

**Email mingħand Nazzarene Zerafa, it-3 ta’ Lulju 2022**

Għażiż Ħabib,

Il-lum, hawn fi Brisbane, ġurnata kiesħa, b’xita nieżla bla waqfien u temp griż skur, u kif kont fis-skiet ta’ qalbi u f’serħan moħħi mfixkla biss mit-tektik mal-ħġieġ ta’ qtar ix-xita, irnexxieli naqra mill-bidu sat-tmiem IL-PONT kurrenti li bħas-soltu għoġbok tibgħatli u li tiegħu minn qiegħ qalbi nirrinrazzjak.

IL-PONT napprezzah ferm għax ma’ kull ħarġa, infettaħ ftit aktar usa’, il-perspettiva tal-ġmiel, l-apprezzament u l-imħabba lejn l-Ilsien Malti u l-Letteratura; perspettiva li tirgħa sa fuq xefaq l-ibħra li jifirduna.

Ma nistax ma nsemmix li, fost il-qari kollu utli u interessant li qrajt, l-aktar ħaġa li laqtitni kienet l-aħbar veru sabiħa tas-suċċess li inti ksibt u li kkwalifikajt fid-Dottorat tal-Letteratura. Għalhekk nixtieq li nifraħlek minn qalbi ta’ dan it-tragward. Nista’ biss nimmaġina s-sagrifiċċji, il-ħin u l-iljieli ta’ qari, studji u riċerki, id-dedikazzjoi, id-determinazzjoni, l-impenn, il-ħila u l-imħabba li inti rawwimt għall-ksib ta’ dan l-unur. Mhux faċli meta wieħed irid jamalgama dan kollu mad-dmirijiet tal-familja, dawk tax-xogħol u impenji oħra li jkunu għaddejjin kontinwament.

Għalhekk ħaqqek il-veru Prosit u Prosit tassew!

J’Alla li l-Bambin jkompli itik is-saħħa, id-dehen, il-ħeġġa u l-għajnuna kollha li jkollok bżonn biex tkompli sseddaq, tkattar, issebbaħ u ddakkar ġmiel l-Ilsien Malti u l-Letteratura ta’ Pajjiżna.

Is-Sliem u Barka m’għand,
Nazzarenu Zerafa fi Brisbane, l-Awstralja.

**INTERESSAT/A** tisma’ 10 taħdidiet
qosra bil-Malti dwar
**IS-SABIĦ TAL-ĦAJJA**
mill-kittieb u xandar
Victor V. Vella B.A., M.A, DIP.ED.?

**IBGĦAT** l-email tiegħek lil

victorvella39@gmail.com

**BLA ĦLAS U BLA RBIT TA’ XEJN**

Dawn huma parti minn sensiela twila ta’ xi 50 taħdita: ħarsa lejn is-sabiħ bħala kuntrast jew bilanċ għall-aħbarjiet li ma tantx huma sbieħ. Huma ħarsa pożittiva lejn il-mużika, il-qari (letteratura), jew xi parti tan-natura, il-libertà, u wkoll, ngħidu aħna, il-kunflitt li jekk tieħdu bil-galbu toħroġ xi ħaġa sabiħa jew tajba minnu. Din kienet sensiela ta’ xandiriet qosra li kienu xxandru fuq ir-radju u ntogħġbot.



## IL-PONT ILAQQAGĦNA MAL-KITTIEB U POETA ANTHONY FARRUGIA

**Meta u fejn twieled, fejn jgħix illum, x'rabta hemm bejn l-imkejjen li għex fihom u l-kitbiet tiegħu, xi tifkiriet ewlenin minn tfulitu:**

Anthony Farrugia twieled fl-1 ta' Ġunju 1935 fiż-Żurrieq u baqa' jgħix hemm sakemm kellu 22 sena. Fl-1958 iżżewweġ lil Anġela Agius u mar joqgħod Ħaż-Żabbar fejn għadu joqgħod sa llum. Jgħid li Raħal twelidu ma jinsieh qatt għax fih għex l-aħjar żmien ta' ħajtu. Dak iż-żmien tista' tgħid li fiż-Żurrieq kulħadd kien midħla ta' xulxin, għax ir-residenti kienu jgħoddu biss ftit eluf. Kien hemm ukoll nuqqas ta' attivitajiet jew waqtiet fejn wieħed kien seta' jedha.

Fi żmienu, bħala żagħżugħ, aktar kont issibu l-Mużew jew l-Azzjoni Kattolika, jew f'xi wieħed mill-każini tal-Baned. Illum mod ieħor, jeżistu ħafna opportunitajiet ta' attivitajiet ta' sport, drama, politika, reliġjon, u fuq kollox il-faxxinu tal-elettronika.

Jgħid li tant ma jistax jinsa liż-Żurrieq, il-post fejn twieled, li ma naqasx li jsemmi u anke jiddeskrivi fil-kitbiet tiegħu xi postijiet partikulari bħal Wied iż-Żurrieq, taħt ir-raħal, u naħiet oħra magħrufin għall-ġmiel naturali tagħhom. Anke fil-poeżija ma naqasx li jikteb fuq Filfla, Wied Babu u fuq l-irdieden tal-ilma li għad hemm fil-post magħruf bħala 'taħt ir-raħal'.

**Meta twieldet fih il-ħajra li jikteb, min kienu l-għalliema li setgħu mbuttawh f'dan, u min kienu l-kittieba Maltin li ħallew effett fuqu:**

L-edukazzjoni sekondarja tiegħu bdiet fl-1947 fil-Kulleġġ De La Salle, fil-Kottonera, fejn b'xorti kbira għalih u għal kittieba oħra ta' stoffa, bħal ngħidu aħna Alfred Palma u Alfred Massa, fost oħrajn, kellu bħala għalliem tal-Malti lil Bro. Henry SFC. Kien miegħu l-ewwel darba li bdew fih ħsus il-poeżija. Jiftakar kien jgħidlu, 'Taqtax qalbek, qis li din in-namra tibża' għaliha.' Sema' minnu sakemm dam il-Kulleġġ, imbagħad iċ-ċirkostanzi tal-ħajja biddlulu għalkollox dak li kellu f'moħħu li jagħmel. Għadda perijodu twil ħafna li fih ma baqax jikteb ħlief għal xi novella 'l hawn u 'l hinn li kienu jsibu ruħhom fil-kexxun t'isfel, sa ma forsi xi darba kienet tmisshom ix-xorti u jaraw id-dawl. Kien meta tħabbeb sew ma' Alfred Palma, li mill-ġdid kebbes fih l-imħabba għall-kitba bil-Malti. Għamel l-almu tiegħu biex jitħarreġ ftit aħjar sa ma reġa' sab ruħu jesprimi dak li f'waqtiet rari kien iħoss f'qalbu, xhieda kemm ta' ferħ kif ukoll ta' sogħba. Saħansitra rnexxielu wkoll jippubblika tliet rumanzi, żewġ kotba ta' novelli u żewġ kotba oħra għat-tfal ta' età mhux inqas minn tmien snin.

**Anthony Farrugia jikteb kemm poeżija kif ukoll proża. Għal min huma mmirati?:**

Anthony jgħid li jikteb għal dawk li jixtiequ jkollhom f'idejhom x'jaqraw, miktub bi stil ħafif u mexxej. Iħobb idaħħal ħafna konversazzjoni għax jemmen li l-qarrej jedha jimmaġina ruħu li jkun qiegħed jieħu sehem f'dak li jkun qiegħed jaqra. Deskrizzjoni ta' xi xena ta' ġmiel naturali tal-kampanja Maltija ma tonqosx. Imma meta jesprimi ruħu fil-poeżija donnu bla ma jrid jidħol f'waqtiet ta' ferħ jew diqa meta ħsibijietu jerġgħu jagħmluh tifel.

**Ix-xogħol tiegħu qabel ma rtira, il-passatempi tiegħu llum:**

Fl-1954 kien ġie impjegat bħala *Emergency Teacher*

mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Sentejn wara ġie impjegat maċ-Ċivil fejn spiċċa fl-1971. Wara li ġie mogħti *Scolarship* fl-Istudji Segretarjali ġie impjegat bħala lettur fil-Kummerċ u Studji Segretarjali fil-Kulleġġ tal Arti, Xjenza u Teknoloġija.

Fl-1979 ġie maħtur bħala Kap tal-iskola Segretarjali, Sir Hannibal Scicluna, u baqa' f'din il-kariga sakemm irtira fl-1996.

Fl-1994 ikkontesta l-ewwel elezzjonijiet li saru għall-Kunsilli Lokali fil-belt ta' Ħaż-Żabbar fejn serva bħala Kunsillier. Kien inkarigat mill-edukazzjoni, ġemellaġġi, u diversi ħidmiet oħra, fosthom it-twaqqif ta' żewġ momumenti: il-monument lill-President Agatha Barbara u l-monument f'ġieħ iż-Żabbarin li mietu fit-Tieni Gwerra Dinjija. Kien ukoll inħatar bħala President taż-żewġ skejjel Primarji ta' Ħaż-Żabbar.

Il-Kunsill ta' Ħaż-Żabbar ħaseb ukoll biex jonora lil Anthony Farrugia bil-Midalja ta' Ġieħ Ħaż-Żabbar, filwaqt li ngħata wkoll it-trofew Cittadino dell'Anno ta' Villabate, fi Sqallija. Fl-2009 ġie wkoll ippreżentat Midalja u Diploma mil-Lussemburgu bħala rikonoxximent għall-ħidma tiegħu ma' pajjiżi Ewropej: il-Ġermanja, il-Portugall, Franza u Sqallija.

Għal numru sabiħ ta' snin kien is-Segretarju tal-Old Lasallians Association. Matul dan iż-żmien kien inkarigat mil-laqgħat li kien ikollu mal-magħruf artist Malti Emvin Cremona, dwar it-twaqqif tal-monument lil San Ġwanni Battista De La Salle.

**Il-pubblikazzjonijiet ewlenin tiegħu:**

Fost il-kitbiet tiegħu hemm xi poeżiji li dehru fil-fuljett VERSI li kienet toħroġ l-Għaqda Poeti Maltin, u tliet rumanzi, *Meta l-Imħabba ma Tmutx*, mitbugħ minn Horizons, *Fjuri fir-Riħ* mitbugħ mill-Veritas Press, u *Meta d-Dmugħ ma Jinxifx*, mitbugħ minn DOM Communications Ltd.

Bħala membru tal-Għaqda Poeti Maltin kien ħa sehem f'konkors u rebaħ it-tieni post bil-poeżija "Il-Bieraħ u Llum".

Hemm il-ħsieb, jew aħjar it-tama, li jlesti x-xogħol fuq rumanz ieħor flimkien ma' numru sabiħ ta' novelli.




**Il-messaġġ li jgħaddi lill-ġenerazzjonijiet żgħażagħ illum:**

Il-ġenerazzjonijiet żgħażagħ illum għandhom ikunu kburin bl-Ilsien sabiħ tagħna l-Maltin. Iridu jgħożżuh, iħaddmuh u ma jagħtux preferenza lil ilsna oħra l-aktar meta jesprimu ruħhom ma' Maltin bħalhom. Iridu wkoll ma jaqtgħux qalbhom jesprimu ruħhom bil-Malti f'kitba ta' proża u poeżija li tagħmel ġieħ lil kull min jiktibha.

Imma mbagħad iridu wkoll joqogħdu attenti li ma jaqgħux f'ċerta kategorija ta' kittieba li jogħxew f'kitba kemxejn laxka jew ta' oħrajn li jħossu li għandhom jaqbżu l-limitu.

Il-kittieb u l-poeta, fil-fehma tiegħu, igawdu stima aktar minn qabel. L-istandard tal-edukazzjoni kiber ħafna u allura hemm aktar wisgħa fejn wieħed jista' jimraħ.

**X'jaħseb dwar l-importanza tal-letteratura:**

Bħal kull arti oħra, il-letteratura tinfirex f'bosta




fergħat, kull waħda tesprimi sentimenti umani, soċjali u attwali li jvarjaw wieħed mill-ieħor. Il-poeta jesprimi ruħu mod, l-awtur tar-rumanz u stejjer qosra mod ieħor, u madankollu l-messaġġ maħsub biex jasal għand il-qarrej joħroġ dejjem mill-istess sors u bl-istess għan: dak li jgħallem u jpaxxi l-qalb u r-ruħ.

Għaldaqstant, waqt li kulħadd għandu t-tip ta' letteraura li jippreferi, jagħmel tajjeb jindiehes ma' forom letterarji oħra li, barra li joffru l-gost tal-varjetà, jiftħulu aktar oqsma li minnhom ikun jista' jikseb tagħrif u għarfien letterarju akbar u aktar siewi.

## IR-RIĦ U L-BNIEDEM

Ir-riħ ifewweġ
u jxerred iż-żerriegħa.
Minnha tikber siġra
u tagħmel il-frott.
Mhux hekk il-bniedem
għax jibni u jerġa' jħott.

**ANTHONY FARRUGIA**

## FILFLA

X'seħer waqt li x-xemx nieżla,
fil-ħin li ħarist lejk:
ħassejt li kelli b'ħeffa
intir malajr sa ħdejk.
Fakkartni fl-isbaħ Maqdes
tal-Qedem, f'Ħaġar Qim,
f'min fuq altarek qaddes,
l-allat tiegħu iqim.
Fakkartni fl-eħrex gwerer,
missielta tul is-snin:
b'ħruxithom poplu mwerwer,
ulied Maltin u Għawdxin.
Inħoss fija tinħema
għira ma tintemm qatt,
narak f'tgħannieqa eterna
int l-għira ta' kulħadd.

Sa jgħib kien ġmiel suritek
bil-balal barranin,
'mma int żammejt sbuħitek,
Alla miegħek ħanin.
Kif għada kmieni jżernaq
ħlift li naqdef sa ħdejk,
fuq qoxra sa ma nersaq,
xi ħin inqatta' ħdejk.

**ANTHONY FARRUGIA**





## TKOMPLI L-INTERVISTA MAL-KITTIEB RAYMOND FENECH GONZI - IT-TIENI PARTI [L-ewwel parti deħret fil-ħarġa preċedenti, nu. 67]

**Free verse, concise poems, projective verse, quatrains. What factors help you decide the form of the poems you write?**

To be honest, I never sit down specifically to write a poem, never mind think in what form or shape it should be. Some writers complain about "writer's block" but I was always sceptical about this. When a writer or poet have nothing special to write about, they simply do not write anything. From personal experience, inspiration to write, especially poetry comes to me unannounced and uninvited. I could wake up in the middle of the night feeling a flow of thoughts and words just starting to take shape in my mind. I have to get up very quickly and go to my desk to write the poem which more often than not, requires very little editing. If I don't write the poem immediately, I would forget it and there is no way I would remember a single word the next day. I believe that poems that just drop out of nowhere come from what parapsychology calls, "channelling". This basically means this information would have come from outside, or beyond our world, same as happens to psychics that receive information, messages, and gut feelings about forthcoming events, from dreams or moments of detachment from their bodies. Sleep is an excellent time to detach oneself from life.

I write all forms of poetry including, Haiku and Tanka poems. I write concrete poems, and free verse, but most works have musicality, internal rhyme and rhythm, Quatrains, Sonnets, both Petrarchan and Shakespearean as well as Ballads, Clerihew, Villanelles, Rondeau and Triolet. Sometimes, I just write and invent my own styles. Inspiration dictates and I simply follow. When inspiration comes it is what dictates the form I choose.

**Your poems are somewhere between the sensual, the poetical and the explicit. Your reactions?**

Well, I have always believed that poetry is another way of communication. Unfortunately, in the 18th century up to date, this wonderful art of expressing one-self has been usurped by academics, self-proclaimed literary experts, universities, academics and poetry circles, and treated as if it was reserved only for the privileged few. Poetry was always, still is and will always be the people's art.

The irony is that if we go back to Shakespeare, Boccaccio, Dante, Chaucer and even further back to ancient Greece, many ancient writers around the world used epic poetry to describe heroic adventures and stories of their people and cultures. Both Bocaccio and Chaucer didn't mince their words either. Most people then, were illiterate and poetry was a way to communicate and to entertain the masses. Somehow, this gift of sharing such a wonderful art was taken away and given the wrong image that poetry was meant only for scholars, academics and writers.

I remember when I was in sixth form, I was literally afraid to say I was a poet for fear the other students would think I was a freak. Former US Poet Laureate, Rita Dove, once remarked that what has made poetry so unpopular was the way it was taught in academic institutions. It was surely because we were forced to memorize whole poems first, rather than to try and understand the story behind them. Rap poetry today is very popular because it has changed all that and everybody can assimilate the story lines within each composition with everyday saga.

In recent years, poets have tried to take poetry to the people and hence the reason why in the sixties and seventies Milton Acorn and a few other poets formed the People's Poetry Movement and started writing poetry in everyday language. Probably I have

to thank Acorn and even Pablo Neruda for finding my own voice.

So, if I'm explicit in my writing, it's because of the influence from these poets and because the words I use are the same used by the majority of people in their everyday language. Besides, being a poet, I am also a poetry therapist and when I have the odd client I need to be blunt because I also need the client to be truthful and write about the demon that is plaguing his existence, no matter how profane, illicit or explicit his story turns out to be.

One of the text books I studied for my bachelor's degree was called, *The Courage to Write*. I could never be a good writer if I wrote and limited my word usage of vocabulary, facts of life and all those 'secrets' which far too many people are not capable of talking about. *The Courage to Write (How Writers Transcend Fear)* was written by Ralph Keyes. Katherine Anne Porter called courage "the first essential for a writer." E. B. White said he admired anyone who, "has the guts to write anything at all."

*Broken Innocence* was a fruit of reading authors like Neruda and Acorn, as well as Boccaccio and even The Marquis De Sade. However, I do not write only about sensuality which I consider an important ingredient in a love poem, but also about so many true events and legends such as, "The Legend of the Dogwood", "The Legend of Gomerino Palace" and "Paul, The Meticulous Fisherman". In my poems, you'll find a variety of real people and true events, including tragic stories, important people who influenced my childhood, pets I loved dearly, politics and my parents.

**Poetry as snapshots of different moments or phases in your life. However real poetry does not stop there but touches the universal. How true is this? Does all this make the poet a kind of seer?**

Earlier I explained how poetry comes to me through channelling, so yes, I do believe the poet, if naturally gifted can be a seer. In my case, having been a journalist in dangerous times, I needed to be able to sense peril before it came too close to it for comfort. But when I was 20, I knew already that when I would be in my forties, I was going to face a life-threatening health issue. In fact, when I was 43, I was diagnosed with Lymphatic Cancer and after the




chemotherapy I had a stroke. Yet, whilst I was sick and fighting for my life, I also knew I was going to survive. During those two years, I completed my bachelor's degree and my studies in poetry therapy. I even launched my own business knowing nobody was going to take the risk of employing a cancer survivor, taking into consideration there is a five-year long wait before doctors can be sure the cancer went into remission.

My poetry is both about particular moments, especially my childhood and difficult or memorable phases of my life. To be honest, when I had just been diagnosed with cancer, one evening I received the strange and unannounced visit from a priest. The strange thing was that when my wife opened the door that November evening, he immediately told her he knew she had someone in the house who was seriously ill and needed prayers very badly. When he came into the bedroom, I was surprised at his attire. He was wearing a tunic and a cape, and held the typical priest's hat of old. He seemed to

have fallen out of the sixties.

I had no problem praying with him, but every time I looked at him, I felt something very strange. He was as white as a ghost and his skin was transparent. He seemed very detached and his presence brought cold air into the room but at the same time comfort. When my wife escorted him back to the door he turned and told her saying: "Fear not my dear, I know you are thinking that your husband is going to die but I can assure you he is not because you need him and so does his mother. He still has many things to do here." The book of short stories includes this story in detail.

"The people you think are the happiest are usually the saddest; that's because they see more and feel deeper than others do. They are the sensitive and they see beyond the veil of what's tangible and what's not. They wear no masks and can see through the masks of others. The sensitive to life are few in number, which is why they feel so alone... because they are all alone."— Donna Lynn Hope

**Malta and beyond. How does all this help you in writing poetry?**

Well, some people think that just because I write in English, somehow the difference in language has eradicated my memories of over six decades living on this island. They are quite wrong because I still believe in Christian values and principles, something that was instilled in me by both my parents. That being said, my father applied more military discipline to make sure I do not forget my origins which were founded on those of Roman Catholicism, all the Maltese traditions, and the Mediterranean blue sea. Unfortunately, in the past five decades subsequent Maltese governments have lost all their appreciation for such unique Maltese traits. The environment is in a disastrous state, architecture has lost its shape, beauty and went haywire, as if Maltese architects are too busy doing nothing and do not have time to pay attention not to ruin the aesthetics of the beautiful and unique Maltese architecture which has such historical value. It doesn't take a rocket scientist to look inside the core of some of the most beautiful villages where there are still houses of character, villas and even palaces. The population has lost its Christian values in more ways than one, and there is no sense of unity, patriotism or pride. People have become extremely greedy and selfish, to the point they have forgotten all about the future, the legacy and inheritance they will be leaving to their children and grandchildren. Malta now has a new God, money, and most people seem prepared to do anything to become millionaires overnight at the expense of the majority that do not have a voice.

Much of my poetry is focused on the above issues and I have been lambasting politicians for many years. I have long lost my belief that this country deserved independence. For a country to succeed, every party has to safeguard the good things for the common good of the Maltese and the generations still to come.

Beyond Malta, I see many countries that safeguard their heritage, nature and the environment and implement laws to ensure they minimize the chances that corrupt regimes might go on the rampage to line up their own pockets and those of the privileged few. The whole island has become claustrophobic and quality of life has gone down the drain.

My poetry is mostly about Malta, my own life experiences and I even use foreignisms in my work. Some of the Maltese words I use have no meaning to foreigners but I always include footnotes to explain what they mean. Luzzi, names of fish and Maltese names in ballades like, "Paul the Meticulous Fisherman" have proved very successful and most of these poems have become favourites in Canada, Cuba, the USA and the UK.

**You write your poetry in English. Why? Did you also write in Maltese?**

When I started writing, there were no markets for my work in Malta especially going back to the seventies and eighties. So, it was really Hobson's choice. If I wanted to publish my work and become at least a known writer, I could only do this by marketing my work abroad. And what bigger a market can be offered to a writer than all those countries that publish journals, newspapers, magazines, anthologies and books in English? In order to learn how to write, I had to read every book on creative and poetry writing I could lay my hands on. Every year, I used to buy a guide for writers and




poets to various publishers and spent hours reading and searching publications that from the description might prove to be a home for my works. Of course, this was no small feat. In those days, there were no computers, and communicating with editors was done through snail mail. To get a reply, it was standard protocol to include a self-addressed envelope, enclosing an International Reply Coupons (IRCs) (Stamps), so the editors could use these to reply with a rejection, or acceptance slips. Let's say it was a pretty expensive "hobby", and every week I used to go to the post office to post dozens of submissions. I think the clerk dreaded seeing my face because he knew he would have to weigh every letter, some containing manuscripts of all sizes, so he could issue the IRCs based on the weight of each and every envelope.

Besides, I loved the English language. I also remember speaking in Maltese was prohibited in my school and we had to speak in English. My father worked for the British Forces at the Ministry of Defence for over 20 years and most of his friends were English. I have to add my father was born in New York and so was my grandma, so he grew up hearing people speak in English all the time. No, I never wrote anything in Maltese although, I did write poetry in French and Italian.

Besides, since I wasn't encouraged to take up this profession, inevitably I started to have doubts whether I could make it as a writer. So, I thought that if I wanted to face reality, I had to compete at the highest level with the best poets and writers. Being well known in Malta as a poet writing in Maltese was nowhere near competing with millions who wrote in English. My dad used to tell me: "Don't be a big fish in a small pond". I simply took my chances to see if I was good enough to stand shoulder to shoulder with a poet laureate in Canada, the UK or the USA. I also remember a terribly disappointing experience when once a friend of my sister read some of my very first poems and referred them to his English professor at the University of Malta. I had just turned 14 years then. Like both my English teachers at secondary school he believed there was something special in my poetry. The poor man was stunned and shocked when his professor dismissed my work saying, this was just youthful enthusiasm destined to fizzle out sooner rather than later. To date, I am still waiting for the occasion to face this self-proclaimed lecturer just to tell him that my "youthful enthusiasm" is still going strong and from strength to strength. What really bothered me about this incident was, I hated to think how many aspiring writers or poets were discouraged by this so-called educator if he encouraged them with similar ludicrous comments? But this man was not the only one to put spokes in my wheels because I came across far too many people who forgot I was once their friend or work colleague. To be honest despite I loved Malta before it was turned into a jungle of concrete, I never really felt I belonged here. That being said, I think I still have proved myself as a very good ambassador for my country. To be honest now I really do not even think about the way I was ignored or treated because I am appreciated in international circles that most matter. If locally I keep being ignored, it's those who ignore me that will in the end look rather stupid.

**Quoting your poem 'Leaving Malta', poetry sheds light where "darkness will mobilize/ its army of shadows." What are your thoughts?**

Well, the line you quoted is the pessimistic part of my nature envisaging that darkness, which represents evil will mobilise the shadows which I imagine are the demons that work undercover in order to achieve whatever is important to them. The word 'darkness' in my poetry, darkness represents evil spirits and demons. Both can find access into humans by finding their weak points. We are all human and today's most evil-doings come from greed for money and power. I believe despite years ago Malta was known as the centre of Christianity, Christian values and principles for a huge section of the population have long been lost somewhere along the way-side.

**Describe yourself as a person. What do you do when you are not writing?**

As I said I consider myself a champion of nature, the environment, and quality of life. Serious chronic health issues have been plaguing people for far too many years. Building development has gone far and beyond the acceptable limits, and I feel it's an insult to people's intelligence for politicians to be even speaking about sustainable development. That remedy is now about five decades too late to mention. We have seen people, not just literally forced to sell their homes and leave, but also many others who did not leave and paid the ultimate price killed buried beneath the debris during demolishing works. We have to take into serious consideration that there are over 70,000 people that are suffering from chronic allergies. Personally, I have lost 70 percent of my hearing thanks to the dust and concrete grit which fills the air in the roads where I live in Balzan. Balzan is currently being literally ravaged by building development that is causing what I describe as a domino effect. When two villas are demolished the one in the middle is naturally buried in between two blocks of apartments. It's only logical that when privacy is stolen away from the owners, they have to sell and move, which means the third villa will also eventually bite the dust. This is also turning quaint little villages which were the pride of the residents into high-rise eye-sores with "architectural designs" that have contributed to the uglification of a huge part of Malta.

I was born and bred in St. Julian's and lived in a house overlooking Spinola Bay. I would have continued to live there had this once unique beautiful fishing village not been converted into the monstrosity that it is today.

So, I also write on many web sites about my concern but people are only after making a quick buck. I fear this will eventually be their downfall and that of their children and grandchildren. Nature always wins in the end and politicians still have the total misconception that they will negotiate with it. All it takes is a couple of hours rain and perhaps people will wake up and understand what I mean.

I used to love fishing but I simply do not have the time for this hobby any more. However, I love listening to classical music. I come from a family of singers and musicians. My father was an excellent tenor but his singing career was cut short when his mentor, his uncle Maestro Lorenzo Gonzi died from pneumonia when he was in his forties. His parents wanted him to follow the footsteps of his uncle, Archbishop Mgr. Sir Michael Gonzi and basically as soon as he was 13, he was sent to a capuchin novitiate where he lived until he came of age and enlisted in the KOMR. My mother was a concert pianist and her career came to stop once WWII was declared. She used to accompany Maltese tenor Paul Asciak on the piano and singing the aria which was to be sung by the soprano in his next opera. As for me, I was also a baritone discovered by Antoinette Miggiani during one of the singing lessons she was giving to my sister who was also a mezzo soprano. She rated my voice a being unique and naturally gifted. Who knows had I chosen singing and music over writing, I would have made more money and probably had a much easier life abroad.

Of course, I love reading, travelling and I am a car enthusiast.






**IL-PONT IKOMPLI BL-INTERVISTI MAT-TRADUTTURI FIS-SENSIELA TRADUZZJONIJIET FARAXA - Claudine Borg hi traduttriċi ta' *Oscar u s-Sinjura r-Roża* ta' Eric Emmanuel Schmitt, Faraxa Publishing, 2015**

**Meta twieled il-ħsieb li taħdem fuq it-traduzzjoni għall-Malti ta' din in-novella twila? Għaliex l-għażla tiegħek waqgħet fuq Éric-Emmanuel Schmitt u fuq din in-novella partikolari?**

L-ewwel darba li qrajt *Oscar et la dame rose* kien fl-2008 jien u nħejji biex ngħallem *Monsieur Ibrahim et les fleurs du Coran*, ktieb ieħor ta' Schmitt mill-istess sensiela li sa dak iż-żmien kienet tikkonsisti f'ħames kotba (illum fiha tmienja). Kont qrajthom il-ħamsa li huma u jien u naqrah tant laqatni li mill-ewwel għidt li xi darba nittraduċih.

Barra minn hekk, fl-2004, ir-rivista letterarja Franċiża 'Lire' għamlet stħarriġ fost il-qarrejja tagħha biex tara liema kotba biddlulhom ħajjithom; fost il-kotba li semmew kien hemm Il-Bibbja, *Le Petit Prince*, kif ukoll *Oscar et la dame rose* li kien l-uniku ktieb fil-lista ta' awtur li għadu ħaj. Ħsibt li ta' min nintroduċi lill-qarrejja Maltin ma' Oscar u jkollna dan il-ktieb influwenti bil-Malti.

**Nimmaġina li t-traduzzjoni għamiltha direttament mill-Franċiż. Kellek opportunità tara traduzzjonijiet tagħha f'ilsna oħra bħall-Ingliż u t-Taljan? Hemm min jemmen li dan jgħin ħafna f'dan il-proċess. Xi tgħid dwar dan?**

Iva, direttament mill-Franċiż. Meta nittraduċi xi kultant nikkonsulta traduzzjonijiet oħra u f'dan il-każ kont rajt xi partijiet speċifiċi tal-verżjoni Ingliża. Nemmen li kull traduzzjoni hija interpretazzjoni partikolari tat-traduttur, għalhekk traduzzjonijiet oħra jifthulna twieqi oħra ta' interpretazzjoni. Madankollu, ma narax traduzzjonijiet sħaħ, inħares biss lejn partijiet speċifiċi u dan nagħmlu biss wara li diġà jkolli l-verżjoni tiegħi bil-Malti.

**Din hija novella twila imma profonda u riflessiva, minkejja li naraw kollox mill-perspettiva ta' tifel ta' 10 snin marid b'marda terminali li jistaqsi "għalfejn għandek tbati?" Għal min hu xogħol bħal dan eżattament, għat-tfal jew għall-kbar?**

L-istess bħal *Le Petit Prince*, dan ix-xogħol huwa kemm għat-tfal kif ukoll għall-kbar. Ovvjament, l-interpretazzjoni tkun differenti. Peress li huwa ktieb konċiż iżda dens ħafna, dan jagħti lok wiesa' għall-interpretazzjoni. Fis-sensiela *Iċ-Ċiklu tal-Invisibbli* li *Oscar u s-Sinjura r-Roża* jagħmel parti minnha, Schmitt jikteb b'mod konċiż ħafna u jistqarr li f'din is-sensiela jipprova jgħid l-anqas possibbli; hawn hu qatt ma jiddeskrivi iżda jevoka biss. Iħalli lill-qarrej ħafna spazju għall-interpretazzjoni u għalhekk jista' jinqara minn nies ta' kull età. U barra minn hekk, inti f'liema fażi int fil-ħajja dejjem hemm ittra partikolari li tista' tirrelata magħha.

**Ironikament il-protagonist Oscar isib faraġ mhux fil-ġenituri tiegħu, imma f'voluntiera anzjana b'immaġinazzjoni fertili ħafna. Hi dik li tifhem minn xiex għaddej, tisimgħu u tissuġġerilu modi kif jiġġieled kontra l-qagħda li jinsab fiha. Ir-relazzjoni bejn dawn it-tnejn ma tintesa qatt mill-qarrej attent. X'taħseb dwar dan?**

Hija relazzjoni speċjali ħafna tant li hija riflessa fit-titlu tal-ktieb. Fiċ-*Ċiklu tal-Invisibbli* ta' spiss insibu protagonist tifel u adult li jiggwidah u jgħinu jegħleb id-diffikultà li jkun għaddej minnha. Din l-anzjana, li tagħmel xogħol volontarju ma' tfal morda, tgħin lil Oscar jaċċetta l-marda tiegħu u takkumpanjah sa mewtu billi tivvinta logħob differenti, fosthom li jikteb ittri lil Alla.

**Il-ktieb jinqasam mhux f'kapitli, imma f'għamla ta' 13-il ittra li Oscar jikteb lil Alla. Għaliex dan? Hu indikatur li Schmitt hu Kattoliku u li dan hu rumanz ta' tama u fidi?**

Schmitt trabba minn ġenituri atei iżda beda jemmem f'Alla wara li ntilef fid-deżert u sab ruħu wiċċ imb wiċċ mal-mewt. Illum huwa Kattoliku. Kif semmejt diġà, dan il-ktieb jifforma parti mis-sensiela *Iċ-Ċiklu tal-Invisibbli* li sa issa tikkonsisti fi tmien kotba; kull ktieb huwa indipendenti bi storja u karattri partikolari iżda kull xogħol f'din is-sensiela jittratta reliġjon jew spiritwalità differenti – mill-Iżlam sal-mużika – li tgħin lill-protagonist ta' dik l-istorja partikolari jaffaċċja d-diffikultà li jkun għaddej minnha. Fil-każ ta' *Oscar u s-Sinjura r-Roża*, Schmitt jittratta r-reliġjon Kattolika: in-Nanna-Roża tintroduċi lil Oscar ma' Alla għax dik l-unika tama li setgħet toffrilu.

**X'sodisfazzjon jagħtik xogħol bħal dan li int għoġbok taqleb għall-Malti? Liema kienu l-isfidi li ltqajt magħhom?**

Is-sodisfazzjoni jiġi l-aktar meta l-qarrejja jikkuntattjawni wara li jkunu qraw il-ktieb bil-Malti. Infatti, din l-intervista hekk oriġinat, meta kkuntattjatni wara li qrajt in-novella. Sodisfazzjoni ieħor kien meta *Oscar u s-Sinjura r-Roża* kien finalist fil-kategorija tat-traduzzjoni fil-Premju Nazzjonali tal-Ktieb.

Kien hemm diversi sfidi, fosthom li l-istorja hija konċiża imma densa ħafna u tittratta temi serji mil-lenti ta' tifel ta' 10 snin. Schmitt f'intervista kien stqarr li din l-istorja kienet ilha żmien twil f'moħħu iżda kellu żewġ diffikultajiet: li jitkellem bħal tifel u jittratta suġġett serju mingħajr ma jiddeprimi lill-qarrej. Qal ukoll li kellu jagħlaq l-erbgħin sena biex kien kapaċi jikteb bis-sempliċità ta' tifel ċkejken. Li nżomm din is-sempliċità kienet sfida għalija wkoll.



Claudine Borg

**Iktar kemm jimxi 'l quddiem fil-qari ta' dan ir-rakkont, iktar il-qarrej jinduna li din hi storja dwar il-ħajja sħiħa ta' bniedem, bl-inżul u t-tlajja', bin-niket u l-ferħ, mill-bidu sat-tmiem. U dan kollu mill-punto di vista ta' tifel li għandu ftit jiem ħajja. Xi tgħid dwar dan?**

Fost il-logħob li s-sinjura r-roża tivvinta għal Oscar insibu dik ispirata mill-irwiegel, iżda fil-verżjoni tas-sinjura r-roża ġurnata tirrappreżenta għaxar snin. Grazzi għal din il-logħba, kull ġurnata Oscar jikber għaxar snin u jħossu li qed jesperjenza l-fażijiet kollha tal-ħajja, bit-tajjeb u l-ħażin tagħhom; iħossu wkoll li gawda l-ħajja u għex ħajja kompluta.

**Min hi Claudine Borg fil-ħajja ta' kuljum? Xogħlijiet ippubblikati oħrajn, u proġetti għall-ġejjieni?**

Jiena lettriċi u riċerkatriċi fid-Dipartiment tal-Istudji tat-Traduzzjoni, it-Terminoloġija, u l-Interpretar fl-Università ta' Malta. Għandi dottorat fl-Istudji tat-Traduzzjoni mill-Università ta' Aston, f'Birmingham. Ippubblikajt diversi artikli u kotba akkademiċi u spiss nippreżenta xogħli f'konferenzi internazzjonali. L-aħħar żewġ traduzzjonijiet letterarji tiegħi huma *Kunċert b'Tifkira ta' Anġlu*, ktieb ieħor ta' Schmitt li għalih l-awtur rebaħ il-premju letterarju prestiġjuż Goncourt għan-Novelli, u *Vjaġġ f'Art is-Siġar*, rumanz għat-tfal miktub minn J.M.G. Le Clézio, rebbieħ tal-Premju Nobel għal-letteratura. Il-




pubblikazzjoni li jmiss hija monografija bit-titlu *A Literary Translation in the Making: A Process-Oriented Perspective* li se tkun ippubblikata minn Routledge x-xahar id-dieħel. Bħalissa qed niffoka l-aktar fuq ir-riċerka u qed naħdem biex nibni depożitorju estensiv tat-traduzzjonijiet mill- u lejn il-Malti.

## L-IRĠULIJA

L-irġulija mhix ħalliela
ma tixtrix, ma tinxtarax
ma tħobbx it-tlablib fieragħ
timla sax-xifer l-ixkejjer
u l-kunjetti
f'ġaħġiħha tippermetti
biex tkun dejjem minn fuq.

Għax melħa trid tiddeffes
bejn saff u saff tar-ruħ.

**THERESE PACE**
**(minn *Meta Tkellimni Hi...*, 2011)**

## RIFLESSI

**(Wara l-ġrajjiet traġiċi fl-Amerika nhar it-Tlieta 11 ta' Settembru 2011)**

Ħarist fil-mera,
u ma rajt xejn;
fil-għabex tal-aħħar lejl tiegħi,
smajt leħen
li qalli: 'Int mejjet:
u kollox intemm.
Immorru; imxi miegħi!'

U bqajt fejn kont,
nixtarr it-tbatija qalila
ta' dinja mikduda,
ta' popli ddisprati,
mifruda,
li tilfu kull tama;
li jxarrbu bi dmugħhom wiċċ l-art,
mifluġa
bid-demm u l-moħqrija:
vittmi bla ħtija
f'idejn it-tiranni;
popli mitmugħa l-uġigħ u l-inganni:
li dejjem joħolmu
li tasal xi darba l-paċi dinjija!

U rġajt ħarist fil-mera,
u rajt lili nnifsi
f'nofs dal-ħmar il-lejl li bikkieni:
u rġajt sibt leħni,
maħnuq ġo griżmejja,
u għajjatt lejn il-Mewt
(għadha ħdejja):
'Jien qiegħed hawn,
u ġej warajk: Stennieni!'

**ALFRED PALMA**
**(minn *Katarsi*, 2020)**






## IL-PONT JINTERVISTA LILL-KITTIEBA TALJANA PAOLA MARCHESE DWAR IR-RUMANZ TAGĦHA *IL BOSCAIOLO*

**Com'è Paola Marchese nella sua vita quotidiana?**

Innanzitutto, grazie mille per questa intervista di cui sono molto onorata. Paola Marchese nella vita quotidiana è una persona normalissima. Sono una moglie (sposata da 12 anni) e mamma di una bambina di 8 anni, lavoricchio nel campo della cultura, ho un'associazione di promozione sociale che si occupa di teatro, mi piace organizzare eventi e concerti e canto praticamente da sempre: al momento mi dedico maggiormente alla musica lirica e sono corista di opere. Infine sono volontaria attiva di Croce Rossa e in parrocchia mi occupo dell'animazione liturgica.

**Perché la scelta del secolo XIII e dei Vespri Siciliani come sfondo storico?**

Premetto che è stata una scelta "a posteriori". Infatti, la prima stesura de *Il boscaiolo* non era altro che una classica fiaba con conti, principi e castelli. Tuttavia, qualcosa mi spingeva ad ampliarla e per farlo diventare un vero e proprio romanzo, a mio avviso era necessario fornire una connotazione storica e una collocazione geografica. Pertanto, il primo passo è stato collocarla in un periodo storico in cui fosse verosimile: ed evocando castelli, battaglie e nobiltà, come non pensare al medioevo? Da questo primo passo, essendo innamorata del mio territorio (la Sicilia), e volendo descrivere un'ambientazione che conoscessi, ho pensato appunto di collocare lo svolgimento in Sicilia. Sicilia… medioevo… mi è balzato subito alla mente l'evento storico dell'epoca più importante nella storia del sud, e automaticamente l'ho preso come sfondo: il Vespro Siciliano.

**I personaggi donne nel romanzo hanno un ruolo centrale. Quanto è vero questo, e perché?**

Sicuramente non è una cosa voluta. Come molti nella mia condizione da esordiente nella letteratura, ho preferito dare voce a personaggi che mi fossero affini. Parlare di personaggi dello stesso sesso aiuta molto, quindi magari "facilita" l'empatia col lettore. Questo, però, non vuol dire che i personaggi maschili siano in secondo piano. Non per niente ho voluto intitolarlo *Il boscaiolo*. Un motivo ci sarà…

***Il boscaiolo* è un romanzo fatto di elementi vari: lo storico, il melodrammatico, l'avventura, il favolistico, la formazione del carattere. Sono tutti fattori dei quali sei stata conscia come scrittrice o sono venuti fuori inconsciamente, con lo svolgersi della trama?**

La maggior parte degli elementi sono venuti indubbiamente fuori involontariamente con la stesura. Solo gli elementi "favolistico" (come già detto prima nasce come una fiaba) e storico sono effettivamente voluti.

**Il far incontrare insieme i destini del boscaiolo e di una giovane nobile ha sì della favola, ma è anche una lezione di vita. Cosa ne pensi?**

Sicuramente è uno dei fondamenti del testo. Come accennato nella domanda precedente, una delle caratteristiche venute fuori dalla stesura è l'aspetto formativo. Non possiamo negare che uno degli scopi

delle fiabe è proprio quello della formazione; pertanto, sono dell'idea che i due elementi non solo si sposino perfettamente, ma siano addirittura imprescindibili. La lezione di cui entrambi beneficheranno (sia la nobile che il ribelle) li farà crescere da tanti punti di vista.

**Non sempre quello che sembra una disgrazia o una grande sfortuna si rivela tale. Il tuo racconto porta alla luce i 'vantaggi' della povertà e del vivere nella foresta, intese come scuola di vita. Sei d'accordo?**

Assolutamente sì. Uno degli scopi è proprio quello di far comprendere che non è tutto oro quello che luccica. I palazzi, il denaro, gli onori, il potere non hanno nessun significato quando mancano le basi di onore, rispetto, amore di sé (perché no!), amore per la natura, per quello che ci circonda e per le persone. E ancora, vivere riveriti e serviti non ci fa conoscere e apprezzare tante cose che fare con le proprie mani e vivere sulla propria pelle creano più soddisfazione.

**Il tuo è un racconto che si lega intimamente allo spazio - montagna, foresta, mare, e tanto altro – nel quale è ambientato, facendone emergere varie caratteristiche. Sei d'accordo, e perché? Di quale spazio si tratta esattamente?**

Anche questo elemento "ambientale" è assolutamente voluto. Il territorio siciliano è un territorio ricchissimo anche di varietà ambientali. Il mare, il vulcano, colline, brulle pianure, fiumiciattoli e laghi, canyon di pietra lavica, catene montuose imponenti, le pinete e le aride distese laviche punteggiate di ginestre, grotte, promontori sormontati da rovine di castelli. Il mio desiderio è che il lettore, assaporando pezzettini di questi paesaggi, si innamori a tal punto da desiderare di vederli con i propri occhi.

**Il capitolo V chiude con un bel discorso che Christian fa alla sorella Lidia. È un discorso nel quale si parla delle proprie origini, di libertà, di cultura e di ricche tradizioni da difendere e ricuperare. Quant'è importante il tema patriottico nella tua opera, e quale rilevanza ha per i lettori del presente?**

Ahimè, sono convinta che il tema del patriottismo, soprattutto nelle nuove generazioni, non trovi più spazio. Ricordo da piccola che uno dei libri che ho letto più volte, consumandomi gli occhi per la fatica e il pianto, è stato il libro *CUORE*, un testo fondamentale per chi ama la propria patria, desidera tenersi legato alle proprie radici, sente il cuore aprirsi nel vedere la propria bandiera. Crescendo forse mi sono scontrata un po' troppo nella realtà misera e poco affine al mio romanticismo, ma dentro sono rimasta la bambina che crede ancora nelle tradizioni del passato e mi batto tuttora per diffonderle e difenderle. Soprattutto nel testo è molto presente la multiculturalità delle Sicilia, "grazie" (e non "a causa") dei popoli che ne hanno attraversato il territorio e che ne hanno arricchito ogni aspetto, dalla cucina, alla cultura, all'architettura, all'arte. Almeno nel medioevo.



**Paola Marchese**

**La storia della Sicilia è legata a quella di Malta, due vicini di casa. È perciò un romanzo questo che avvicina i nostri due popoli. Ricorda anche quanto sia importante conoscere il proprio passato. Cosa ne pensi?**

Sono assolutamente concorde. Non sono pochi gli elementi che uniscono intimamente i due popoli, e la cosa è poco nota. Sarebbe molto bello evidenziare i punti di contatto e diffondere alle popolazioni notizie storiche e culturali sugli elementi che accomunano le due isole.

**Nel tuo romanzo si legge di un viaggio doppio: di scoperta del territorio, come già osservato, ma anche di scoperta dei caratteri di Lidia e del boscaiolo in particolare? Le tue reazioni?**

Mi piace molto questa domanda, perché è una cosa che non è mai stata evidenziata nelle precedenti interviste o presentazioni del libro.  È proprio così: il viaggio, oltre ad essere "utilizzato" per far conoscere il territorio, è proprio un escamotage per creare un legame più stabile e una maggiore intimità tra i due personaggi che impareranno a conoscere aspetti del carattere, l'uno dell'altro, che non immaginavano. Ottima osservazione!

**Nel capitolo X leggiamo del monastero, della biblioteca, dello scriptorium, della battaglia dei contadini contro i francesi, ma colpiscono anche le parole del frate riguardo i contadino: "... i nosti beni sono anche i loro, dunque si preoccupano di proteggerli con cura." Quant'è importante l'idea di proteggere il patrimonio culturale oggi da parte di tutto il popolo?**

Un altro aspetto che purtroppo, almeno da noi, è poco curato. Il patrimonio culturale di un popolo, di ogni popolo, è la storia, la radice a cui tutti noi siamo attaccati e da cui non possiamo prescindere. Senza la nostra storia, la nostra storia culturale, non abbiamo un'identità, non abbiamo radici, fondamentalmente perdiamo la bussola. È fondamentale capire da dove veniamo per capire dove vogliamo andare.

***Il boscaiolo* è un racconto che tratta il tema della lotta tra bene e male, ma anche l'idea della nobilità che deve "scaturire dal cuore." Ambientato nel XIII secolo, quanto è importante tale pensiero oggi?**

Non so quanto questo pensiero sia importante al giorno d'oggi per le persone. Di questi temi si è perso un po' il desiderio e la volontà di affrontarli. Ma sicuramente è un tema molto importante per me. E ritorniamo al motivo, finalmente, del titolo: l'ho dedicato al "boscaiolo" perché è il personaggio che incarna in tutto è per tutto questo ideale che sta proprio alla base del romanzo, è il tema fondamentale, a mio avviso, al di là di tutto. Alla fine, non importa chi sei, quanto sei importante, quanto sei noto o riverito, quello che conta è quello che c'è nel tuo cuore, il tuo vero valore. È da quello che si misura la nobiltà. L'animo.

***Il boscaiolo* come romanzo di metamorfosi su tante fronti. Come reagisci a tale?**

Concordo. Tutti i personaggi, in qualche modo, confrontandosi tra di loro, subiscono le influenze non solo degli eventi che li coinvolgono (come la ribellione) ma anche e soprattutto dei pensieri di coloro che hanno idee diverse, che le portano avanti, le difendono, inducendo gli altri a rivedere le proprie posizioni. Il nobile che dà ascolto al popolano, il servo che capisce le ragioni del padrone. La meraviglia è che lo scambio equo rende tutti migliori.

**Progetti letterari per il futuro?**

Tanti, forse troppi. In preparazione ho un testo ambientato, stavolta, a fine '800, in pieno boom economico della città di Catania, ma prima farò un piccolo "break" con un testo per bambini (già pronto). E in seguito c'è il progetto di proseguire le avventure di Karl e Lidia. Se i lettori apprezzeranno e Dio me ne darà la possibilità.

Grazie ancora per l'attenzione e buone letture a tutti!

## M'INIEX KLANDESTINA

dehbi id-dawl ta' barra
l-aħdar maħruq mix-xemx
iserraħ l-ilma blu

jiżfen fil-baħar ġismi
jien ma negħriqx

kliem abjad biss
jaqa' minn ħalqi
l-arja kondizzjonata
fl-appartament

u l-friġġ fgata
b'ikel ta' kull xorta
għalija biss

**MARIA GRECH GANADO**
**(minn *Taħt il-Kpiepel t'Għajnejja*, KKM 2014)**

## INTERVISTA TA' VICTOR V. VELLA (L-AWSTRALJA) MAR-RIĊERKATRIĊI SONIA MUSCAT

*Meta Victor sema' li Sonia Muscat irnexxielha tikseb il-grad tal-B.A. (Honours), fuq Afred Chircop u l-ħajja tiegħu, Victor li kien midħla sewwa tal-artist, malajr irranġa biex jagħmel intervista lil Sonia u 'l bogħod bejn Malta u l-Awstralja ntilef u ngħaqdu f'din l-intervista.*

**Mela Sonia, għadek kemm lestejt it-teżi u ksibt il-Degree tal-Baċellerat. Kif semmejt fl-introduzzjoni t-teżi kienet dwar is-Sur Alfred Chircop li kien wieħed mill-artisti u pitturi Maltin tal-aħħar 40 sena. X'inhu t-titlu eżatt tat-też?**

It-titlu ewlieni tat-teżi huwa 'The Abstract World of Alfred Chircop' u jiddiskuti kemm il-bijografija kif ukoll il-vjaġġ artistiku ta' wieħed mill-artisti astratti famużi ta' Malta. Matul il-karriera twila tiegħu rnexxielu jikseb ħafna suċċess mhux biss fil-kuntest lokali, iżda wkoll fuq livell internazzjonali.

**X'fettillek tagħżel lil Chircop bħala s-suġġett tat-teżi tiegħek?**

Minn età żgħira ħafna kelli faxxinazzjoni fuq l-arti astratta. Meta kelli madwar 10 snin, rajt ix-xogħol ta' Chircop f'wirja u s-sbuħija ta' dan kollu ħalliet marka permanenti fuq il-psike tiegħi. Hekk kif għaddew is-snin u dħalt l-Università ta' Malta biex naqra għal Baċellerat fl-Istorja tal-Arti, kont naf li kienet opportunità perfetta biex nistudja fil-fond fuq Chircop. Barra minn hekk, peress li kien artist famuż u kien diġà qiegħed jiġi msemmi 'l hemm u 'l hawn, kienet sorpriża għalija li qatt ma kien hemm studju ddedikat biss għalih.

**Fil-qosor, x'tip ta pittura kien ipinġi? Veduti, persuni, xi ħaġa reliġjuża, jew xi dgħajsa tal-latini...**

Ħafna għandhom il-kunċett żbaljat u jaħsbu li Chircop kien joħloq biss xogħlijiet tal-arti ta' natura Astratta, meta dan fil-fatt mhux għal kollox minnu għaliex l-artist fl-bidu tiegħu, waqt li kien fit-triq sabiex jiskopri liema tip ta' teknika taqbel miegħu, kien esperimenta b'forom oħra ta' arti bħall-Pajsaġġi li kien pinġa meta kien qed jistudja l-Italja u r-Ritratti



**Alfred Chircop**

tal-familjari tiegħu u wkoll ta' sħabu li juru kemm kien japprezza lil dawk qrib tiegħu.

**Xi kemm domt biex ktibt it-teżi? Barra l-kontenut li fiha, għoġobni ħafna kif inhi mfassla bir-ritratti. Kif għamilt biex ksibt dawk ir-ritratti kollha?**

Ix-xogħol fuq t-teżi beda uffiċjalment fil-bidu tat-tieni semestru tiegħi fl-università flimkien mas-superviżur tiegħi, il-Professur Giuseppe Schembri Bonaci. Fis-sajf ta' wara bdejt niġbor l-informazzjoni kollha li nista'. Sfortunatament, ftit xhur wara li l-pandemija tal-covid-19 bdiet, din ikkawżat naqra problemi fl-istudju tiegħi iżda grazzi għall-avvanzi teknoloġiċi stajt inkompli naħdem fuqha online, permezz tal-għajnuna ta' intervisti u grupp fuq Facebook fejn sibt ħafna appoġġ u għajnuna meta ġejt biex niġbor informazzjoni u anke ritratti ta' pitturi tal-artist. Għax tajjeb li ngħidu li ħafna minn dawn ix-xogħlijiet ma ssibhomx ġol-mużewijiet imma ġo kollezzjonijiet privati.

Kien bis-saħħa ta' dawn l-intervisti online li sirt naf lis-Sur Vella u lil ibnu. L-informazzjoni li pprovdew



**Sonia Muscat u Victor V. Vella**

dawn iż-żewġ individwi fit-teżi tiegħi kienet informattiva ħafna u tatni perspettiva kompletament ġdida dwar kif nista' niddiskuti l-artist aktar fil-fond, speċjalment dwar l-ispirazzjonijiet tiegħu li ħa mil-letteratura u l-mużika u l-ideoloġiji fis-sens filosofiku. Is-Sur John Vella ta ħarsa li personalment naħseb li tista' tiġi biss minn għajnejn artist.

**Allura, x'laqtek l-iżjed fil-ħajja ta' Chircop, kif ukoll fil-pittura tiegħu?**

Huwa bla dubju li dan l-artist partikolari kellu ħajja straordinarja, mhux biss għax kien jivvjaġġa ħafna imma wkoll minħabba l-impatt u l-impressjoni li ħalla fuq kull min għallem, kif jistgħu jgħidulek ħafna minn dawk li intervistajt. Il-ħaġa li personalment sibt l-iżjed interessanti kienet l-interazzjonijiet bejn Chircop u intellettwali oħra li l-qasam ewlieni tagħhom ma kienx l-arti. Qed nirreferi għall-ħbiberija bejn Chircop u l-mużiċist lokali famuż Charles Camilleri li nista' ngħid ta' spiss iddedikaw xogħlijiet lil xulxin matul il-karriera tagħhom. Interessanti ħafna wkoll il-ħbiberija bejn Chircop u Patri Peter Serracino Inglott, fejn naraw lil Chircop bħala filosofu.

**X'għandek ippjanat għall-futur?**

Għalkemm l-arti dejjem se tkun l-ewwel imħabba tiegħi fis-sentejn li ġejjin se nkun qed naqra għall-Master's Degree fit-Turiżmu u l-Kultura, avventura li ninsab vera ħerqana għaliha, bit-tama li tagħtini aktar għarfien dwar kif nista' ngħin biex nippromwovi l-arti fost it-turisti li jżuru l-gżira. F'Malta għandna din il-problema żgħira fejn postijiet storiċi huma promossi, iżda fl-aħħar mill-aħħar ix-xogħlijiet ta' attivitajiet lokali ta' individwi kontemporanji, bħal wirjiet b'arti lokali u festivals ta' mużika u ta' teatru rari qed jiġu promossi fost it-turisti. Naħseb li din kienet waħda mir-raġunijiet ewlenin tiegħi biex nidħol f'kors bħal dan biex ngħin intejjeb l-*output* li nesponu lil dawk li jżuru l-gżira ta' Malta.

## FIL-KAXEX TAT-TFULIJA

Waqt li x-xita barra
kienet medhija timla
għadajjar griżi jħarsu
lejn il-bjut tad-djar,
ftaħt il-kaxex umdi ta'
snin minsija.

Ktieb ktieb semmgħuli
'l klassi sħiħa tirrepeti
versi mhux miftehma,
u reġgħu stenbħu għal ftit
ix-xbihat suwed u bojod
ta' stejjer illum minsija
mit-tfal l-oħrajn.

Il-pitazzi, b'paġni maqtugħin
u bit-tiċlis tal-linka sewda
qaluli għal darb'oħra l-istejjer
minsuġa minn moħħ għażżien,
u bkejt il-ħrejjef li tgħallimt
u tant għożżejt.

Ir-ritratti mgħawġa
u mqabbda ma' xulxin
reġgħu kixfu t-tbissim
ta' ħbiberija mitlufa fiż-żmien,
u neżżgħuli t-tamiet moħbija
fil-kaxex tat-tfulija.

**LILLIAN SCIBERRAS**
**(minn *Wara ir-Repubblika: Versi*, 1979)**





## XI JGĦIDU L-PUBBLIKATURI LOKALI DWAR IŻ-ŻIEDA FIL-PREZZ TAL-KARTA

### Iwieġeb David Bezzina mill-Horizons:

**Smajt li anki l-prezz tal-karta għola qatigħ. Għaliex dan?**

Skont l-istampaturi hemm problema enormi kemm bil-provvista tal-karta fl-Ewropa, kif ukoll bl-ispejjeż dejjem jogħlew tal-garr tal-merkanzija. Il-karta għoliet b'madwar 40% fi spazju ta' ftit xhur.

**Kif qed jaffettwa x-xogħol tal-pubblikatur lokali?**

Il-prezz miżjud ma jistax ikun assorbit mal-ispejjeż min-naħa tal-pubblikaturi. Din mhix xi żieda ta' ftit ċenteżmi. L-unika soluzzjoni hi li l-ispejjeż tal-istampar ikunu miżjuda mal-prezz finali li bih jinbiegħ il-ktieb. Madanakollu din iż-żieda hija kbira, u l-ktieb qed jispiċċa jkollu jinbiegħ bi prezzijiet li l-konsumatur Malti mhux imdorri jħallas għalih is-soltu.

**Jista' jkun li problema bħal din tolqot lill-pubblikatur lokali u s-suq tal-ktieb Malti aktar milli l-pubblikatur u l-ktieb barrani? Għaliex?**

Il-pubblikatur barrani, minkejja li għalih ukoll żiedu l-prezzijiet, jibqa' b'vantaġġ minħabba l-kwantitajiet kbar ta' kotba li jistampa. Il-'price per unit' jibqa' sostanzjalment iktar baxx mill-pubblikatur Malti.

**Se jkun hemm ukoll riperkussjonijiet fuq il-qarrej? Liema eżattament?**

Il-ktieb Malti se jkollu jinbiegħ bi prezzijiet ogħla sew.

**X'qed isir u x'jista' jsir biex problema bħal din tiġi indirizzata minnufih? Kif jistgħu l-gvern, imma anki l-istess Maltin, jagħtu daqqa t'id f'dan il-każ?**

Jekk mhux se jkun hemm għajnuna – bħal xi tip ta' sussidju fuq il-karta mixtrija u l-istampar ta' kotba lokali – se tkun diffiċli ħafna biex il-probelma tissolva.

### Iwieġeb Joseph Mizzi mill-Klabb kotba Maltin:

**Smajt li anki l-prezz tal-karta għola qatigħ. Għaliex dan?**

Minħabba l-pandemija, u r-regoli ġodda tat-trasport tal-merkanzija, il-prezz biex jinġarru l-prodotti għola ħafna. Dan wassal biex pubblikaturi kbar li kienu jistampaw fl-Asja u ċ-Ċina kellhom iwaqqfu x-xogħol li kienu jagħmlu hemm u jirrikorru għal stamperiji fil-lvant tal-Ewropa. Dan wassal biex lejn l-aħħar xhur tal-2021 ikun hemm kriżi fil-provvista tal-karta. Minn dak iż-żmien il-karta bdiet togħla sew u ma jidhirx li hemm soluzzjoni jew previżjoni li din it-tendenza se tieqaf fi żmien qasir. Hu kkalkulat li f'dawn l-aħħar xhur il-karta għoliet mal-40%.

**Kif qed jaffettwa x-xogħol tal-pubblikatur lokali?**

Għatisa fuq il-kontinent toħloq influwenza f'Malta jgħidu. La l-karta qed togħla internazzjonalment, qed togħla għal kulħadd inkluż għall-pubblikaturi Maltin.

**Jista' jkun li problema bħal din tolqot lill-pubblikatur lokali u s-suq tal-ktieb Malti aktar milli l-pubblikatur u l-ktieb barrani? Għaliex?**

Din il-problema qed tolqot lil kulħadd – jista' jkun f'livelli differenti imma kollha qed nintlaqtu. Mal-problema tal-provvista tal-karta, wieħed irid iżid ukoll problemi oħra relatati, l-ewlenija hi s-suq tal-ktieb li dejjem jiċkien; in-nuqqas ta' nies biex jaħdmu u meta ssib dawn jitolbu pagi li s-suq tagħna ma jiflaħhomx; u l-inflazzjoni u l-għoli tal-ħajja li qed iħalli effett negattiv fuq l-*ispending power* tan-nies li qed jagħżlu li jixtru aktar affarijiet essenzjali milli jirrikorru għall-ktieb.

**Se jkun hemm ukoll riperkussjonijiet fuq il-qarrej? Liema eżattament?**

Hu ovvja se jkun hemm riperkussjonijiet fuq il-qarrej Malti mhux biss għax il-prezz tal-ktieb se jogħla imma wkoll għax se jonqos in-numru ta' kotba li se jkunu ppubblikati.

**X'qed isir u x'jista' jsir biex problema bħal din tiġi indirizzata minnufih?**

Minħabba li m'hemmx kontroll fuq dan li qed jiġri, l-unika soluzzjoni hi dik ta' azzjoni ta' rimedju u konteniment. Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb flimkien mal-pubblikaturi għamlu laqgħa mal-Ministru tal-Edukazzjoni li fiha talbu li jkun hemm mekkaniżmu li bih ikun assorbit l-għoli fil-prezz tal-karta. Għalkemm il-laqgħa kienet pożittiva, sa issa għad m'hemmx ftehim.

**Kif jistgħu l-gvern, imma anki l-istess Maltin, jagħtu daqqa t'id f'dan il-każ?**

Minbarra li nkomplu niddiskutu mal-Gvern, il-Maltin jistgħu jgħinu billi jixtru aktar kotba Maltin direttament mill-pubblikaturi. Ħafna minna matul dawn ix-xhur qed nagħmlu offerti vantaġġjużi ħafna, b'bosta kotba sbieħ. Dan jgħin biex wieħed jagħmel kuraġġ jixtri aktar kotba u, ukoll, biex il-pubblikatur ikollu dawk ir-riżorsi neċessarji biex jaffaċċja l-maltemp u jegħlbu.

## Iwieġeb Stephen Said mill-Book Distributors Limited:

**Smajt li anki l-prezz tal-karta għola qatigħ. Għaliex dan?**

Il-prezz tal-karta dejjem jogħla minn żmien għal żmien. Madankollu, din is-sena l-prezz tal-karta



għola b'mod drastiku (aktar mid-doppju) mill-fornituri tal-karta barra minn Malta. Barra minn hekk, l-ispejjeż tat-trasport biex tiġi impurtata l-karta żdiedu ħafna wkoll (b'aktar minn 400%).

**Kif qed jaffettwa x-xogħol tal-pubblikatur lokali?**

Il-pubblikaturi jiddependu ħafna mill-karta. Mingħajrha ma jistgħux jiġu stampati kotba u ż-żieda fil-prezz tal-karta qed taffettwa wkoll in-numru ta' kotba li jiġu stampati, billi l-pubblikatur ikollu jaħsibha darbtejn jippubblikax ċerti kotba minħabba l-ispejjeż li jinvolvu, u taffettwa wkoll il-prezzijiet tal-kotba billi l-pubblikatur qed ikollu jgħolli l-prezzijiet tal-pubblikazzjonijiet tiegħu biex jagħmel tajjeb għal din iż-żieda kbira fil-prezz tal-karta.

**Jista' jkun li problema bħal din tolqot lill-pubblikatur lokali u s-suq tal-ktieb Malti aktar milli l-pubblikatur u l-ktieb barrani? Għaliex?**

Hekk hu. Is-suq lokali huwa wieħed żgħir u minħabba l-kwantitajiet pjuttost limitati li jiġu stampati minn kull pubblikazzjoni, l-effett fiż-żieda tal-prezz tal-karta afli jkollu impatt akbar fuq il-pubblikatur Malti minn dak barrani. Barra minn hekk il-pubblikatur Malti qed ikollu joħroġ ammonti akbar ta' flus minn qabel, u b'hekk il-pubblikatur ikollu jkun aktar selettiv fil-kotba li jieħu r-riskju li jippubblika u drabi oħra saħansitra jaqta' qalbu minħabba l-ispejjeż kbar li jinvolvu ċerti pubblikazzjonijiet.

**Se jkun hemm ukoll riperkussjonijiet fuq il-qarrej? Liema eżattament?**

Mhux il-prezzijiet tal-kotba biss qed jogħlew. Is-saħħa tan-nefqa tan-nies ovvjament tonqos ukoll meta jibda jogħla kollox u l-prodotti sekondarji huma l-ewwel prodotti li dak li jkun ma jixtrix.

Ovvjament, il-qarrej se jkun affettwat ukoll mill-problema tal-għoli fil-prezz tal-karta. Ladarba l-prezzijiet fl-istampar tal-ktieb qegħdin jogħlew, il-prezzijiet tal-kotba qed jirriflettu wkoll din iż-żieda.

Aspett importanti ieħor huwa s-settur tal-edukazzjoni. Ma ninsewx ukoll li għadna qed noħorġu minn sentejn diffiċli ħafna minħabba l-pandemija tal-Covid-19, li ħalliet riperkussjonijiet kbar, mhux biss finanzjarji iżda anke f'diversi aspetti oħra tal-ħajja tagħna, b'mod partikolari fis-settur tal-edukazzjoni. Il-kotba li t-tfal jużaw ta' kuljum fl-iskejjel u għall-istudju tagħhom ukoll qed jiġu affettwati. Jekk il-ġenituri u l-kustodji tat-tfal jibdew isibu diffikultà biex jixtru l-kotba neċessarji għall-iżvilupp edukattiv tat-tfal tagħhom, nibża' li din tista' taffettwa b'mod ħażin ħafna l-livell tal-edukazzjoni ġenerali f'Malta fil-ġenerazzjonijiet li ġejjin.

**X'qed isir u x'jista' jsir biex problema bħal din tiġi indirizzata minnufih?**

Bħalissa din il-problema ftit li xejn qed isir biex tiġi indirizzata. Il-prezzijiet tal-fornituri tal-karta u tat-trasport ma tantx tista' tikkontrollahom.

**Kif jistgħu l-gvern, imma anki l-istess Maltin, jagħtu daqqa t'id f'dan il-każ?**

Huwa importanti li l-Gvern u l-awtoritajiet ikkonċernati jirrealizzaw bil-gravità ta' din il-problema u r-riperkussjonijiet li qed ikollha fuq is-suq Malti tal-kotba, fuq il-pubblikaturi, u anke l-qarrejja b'mod ġenerali. Kif ġara f'setturi oħra meta għola l-prezz tal-fjuwil jew l-ispejjeż tal-għalf fis-settur agrikolu, u anke kif diġà sar mal-istampaturi tal-gazzetti lokali, ikun xieraq li l-pubblikaturi jingħataw xi forma ta' sussidju jew għajnuna finanzjarja biex tagħmel tajjeb għal din il-problema.

## KWADRETTI MIT-TIROL

Dil-belt quddiemi
għandha mill-kartolini:
'l għajnejja sserraħ.

Kemm timraħ l-għajn
wesgħat ħodor bla tarf,
seħer t'ilwien.

Ħsiebi jiżżerżaq
mal-ilma frisk iserrep
fost il-widien.

F'dawn il-pjanuri
nara nilmaħx lil Heidi
tiġġerra hienja.

Fil-bliet ċivili
il-bniedem juża r-rota
minn post għall-ieħor.

Fost l-Alpi tant xenarji
li jfakkru fis fil-ġenna;
bil-pinna indejjimhom
biex ma ninsiex dil-benna.

Dal-kobor infinit
lili jħalli mistagħġeb,
kilometri ta' foresti
pajsaġġi sbieħ tal-għaġeb.

**PATRICK SAMMUT**






## NIFTAKAR LIL NICHOLAS MONSARRAT

**kitba ta' Joe Axiaq (L-Awstralja)**

Meta konna nkunu naqtgħu l-għeneb ftit 'il bogħod taħt l-Għolja ta' Għammar konna naraw lil Nicholas u Ann Monsarrat sejrin għall-passiġġata tagħhom mit-triq dejqa qalb l-għelieqi li twassal sa Wied il-Għasri. Bix-xemx nieżla, kważi dalwaqt tinħeba wara l-għolja kienu jidhru qishom silwett miexja qalb l-għelieqi. Għalkemm mill-bogħod konna nkunu nafu li huma Nicholas u Ann Monsarrat. Kien żmien meta l-Ingliżi bdew jiġi joqogħdu Għawdex u nies bħall-koppja Monsarrat kienu għarfu ħafna aktar qabilna li konna ngħixu Għawdex, bil-ġmiel uniku ta' din il-gżira, ġawhra li tibdel il-kuluri tagħha ma' kull sebħ ta' kull staġun tas-sena.

Imbagħad niftakar lil Nicholas Monsarrat jiġi jkellimna, meta kont student fil-Lyceum t'Għawdex. L-unika darba li rajtu mill-qrib, kważi ħbatt miegħu. Kien dieħel fis-sala biex ikellem lill-istudenti. Kien twil u dritt, xagħru lura u leħja fuq geddumu, dehra li titlob rispett, speċjalment minn student li diġà kien beda jikteb u joħlom li xi darba jippubblika xogħlu. Ma niftakarx fuq xiex kien kellimna dakinhar, imma għad għandi l-Focus 1970/71, il-magażin tal-Iskola bin-novella tiegħu *The Dinner Party* li kien irregalalna għall-magażin ta' dik is-sena.

Imbagħad ħareġ bir-rumanz famuż *The Kappillan of Malta* fl-1973. Nicholas Monsarrat diġà kien awtur Ingliż magħruf b'rumanzi bħal *The Cruel Sea*. Imma li awtur Ingliż jikteb ktieb bl-istorja ta' Malta bħala sfond, kienet xi ħaġa speċjali. Niktakar ir-rumanz għall-bejgħ fil-vetrina ta' The Ideal Bookshop, f'Putirjal. Xtaqt kieku nixtrih, imma flus għall-ktieb ma kellix. Ftit wara Charles Arrigo beda jaqrah fuq ir-Rediffusion, wara li qalbu għall-Malti, Patri Wistin Born. Kont qed nisimgħu bil-ħerqa, imma ma smajtux kollu, għax ma domx ma sibt ruħi fi triqti lejn l-Awstralja.

L-istess kopja tal-ktieb, *The Kappillan of Malta* rajtha f'idejn mara, fuq it-tram f'Collins Street, f'Melbourne snin wara, bl-istess qoxra iebsa fuq l-isfar u l-figura tal-Kappillan tiddomina l-qoxra. Ftit wara b'kumbinazzjoni, f'wieħed mill-akbar ħwienet tal-kotba f'Melbourne, irnexxieli nsib kopja (Pan Paperbook Books 1979) ta' *The Kappilian of Malta*. Ħtaft il-ktieb, qisni sibt xi teżor. Wara tant snin kelli kopja tal-ktieb li tant kien ilni nixtieq.

Bla dubju dan huwa l-aktar rumanz Ingliż magħruf dwar l-istorja u t-tradizzjonijet Maltin. Jirrakkonta l-istorja ta' Dun Salv, kappillan umli li jgħin lill-foqra u lil dawk bla saqaf fuq rashom waqt it-Tieni Gwerra Dinjija. Wara kważi ħamsin sena, it-traduzzjoni bil-Malti ta' *The Kappillan of Malta* ta' Patri Wistin Born, kienet ippubblikata fl-2018.

Wara li serva fir-Royal Navy, waqt it-Tieni Gwerra Dinjija, Nicholas Monsarrat kiteb *The Kappillan of Malta* fl-1973 waqt li kien jgħix f'San Lawrenz, Għawdex ma' martu Ann, f'razzett li rranġaw u għamlu darhom.

Nicholas Monsarrat miet fl-età ta' 69 sena fit-8 ta' Awwissu 1979, ftit jiem wara li minn Għawdex mar Londra għall-kura tal-kanċer.

Minkejja l-mewt ta' żewġha, Ann baqgħet tgħix




**Il-monument iddedikat lil Monsarrat li hemm f'Għawdex**

f'Għawdex. Hija kienet ġurnalisa u awtriċi ta' żewġ kotba. Tħabbet mal-komunità tar-raħal, fejn biddlet razzett antik, f'dar sabiħa fejn kienet tilqa' n-nies. Kellha sens qawwi ta' preservazzjoni għal dak li huwa artistiku u kulturali Malti.

Wara ħajja attiva, saħħitha bdiet sejra lura. Kienu jieħdu ħsiebha, ħbiebha Maltin li kienu saru bħall-familja tagħha. Hija mietet fid-9 ta' Lulju 2020 fl-għomor ta' 83 sena. U tinsab midfuna fiċ-ċimiterju ta' San Lawrenz, Għawdex.

## IN VITRO

Mill-kustat t'Adam ħarġet Eva.
mir-ragħwa taħraq ta' qaddu
ntrefgħet bħal ġiżimina ħolma tal=ġnien.

F'ġuf Eva jinġarr Adam disa' xhur
bħal xrara ġol-fosdqa tad-dlam,
bħal lifgħa mitnija ġo bajda
sikkina ta' qilla ġol-għant.

Ħabbejt il-ħajja, Mulej, iżda aħsadni
f'dak il-jum meta jitwieldu jibdew
bnedmin ġol-vażetti.

**ACHILLE MIZZI**
**(minn *Poeżiji*, Mireva Publications, 1993)**

## *WOMAN IN RED AND OTHER CRUDE REFLECTIONS* ta' Emmanuel Attard Cassar, 2021

**Apprezzament ta' Patrick Sammut**

Isem Emmanuel Attard Cassar mhux ġdid fil-qasam tal-poeżija. Huwa jikteb poeżiji fit-tliet lingwi, mela bil-Malti, bl-Ingliż u anki bit-Taljan. Din id-darba qed jgħaddilna ġabra ta' 91 poeżija li kiteb kollha bl-Ingliż u li jifirxu fuq 67 paġna. Ġeneralment il-poeżiji mhumiex twal, uħud minnhom konċiżi, u l-għażla hija dik tal-vers ħieles. Dan jgħin biex il-qarrejja jaqraw il-versi ta' Emmanuel bla ebda diffikultà, anzi jkollhom anki l-ħin jaqraw il-poeżija iktar minn darba, iħallu l-ħin biex issir parti minnhom, jaħsbu dwarha.

Emmanuel hu poeta, għalhekk bniedem li moħħu ma jistrieħx u jsib żvog biss fil-kitba tal-versi li toffri serħan minn piż bħal dan. Huwa l-bniedem li josserva kull dettal, jaf anki liema sagrifiċċji ċerti persuni, għal ħafna inviżibbli, jagħmlu. Fost dawn persuni bħall-ommijiet, il-kaxxiera fil-ħwienet li jifthu l-jum kollu, l-infermiera, il-morda u dawk li jkunu qrib tagħhom, dawk li jgħixu fis-solitudni, u r-refuġjati. Il-versi ta' Attard Cassar għalhekk huma tip ta' awtopsja ladarba jqattgħu biċċa biċċa l-ħlejqa "bniedem" ħalli jipprova jifhimha minkejja li jaf li "Humanity is too complex" (*Those Eyes*).

Il-pinna ta' Attard Cassar hi dik li tikxef il-verità, bħal kif josserva f'*Bomb*: "The pen... Its eloquent mission: Truth." Għalhekk, fejn hemm bżonn Attard Cassar ma jibżax joħroġ għad-dawl il-ħażin u lanqas jonqsu l-versi tad-denunċja. Hekk, pereżempju, f'*Autenticity* jikteb:

"... we are all liars.
It's too costly to be authentic
in this status-conscious society."

Versi oħra ta' denunċja huma *Corruption* ("It is there, omnipresent.../ We breathe it in and out,/ we swim in and out of it,/ and in our daily encounters with it/ we try to keep afloat."); imma anki *Smallness*, fejn ifakkarna li nippużaw kemm nippużaw ta' bnedmin potenti, nibqgħu dejjem żgħar u vulnerabbli quddiem in-Natura. Din il-vurnerabbiltà terġa' tidher fi *Scandals*. Hawn naqraw dwar "Honourable men" imma li huma fl-istess ħin:

"Men unable to suppress a perversion,
unable to rationalise,
unable to think of their families,
unable.
Unable to fight the monster within."

Hemm imbagħad il-poeżija *Lies*, fejn naqraw:

"Media,
however accessible
has not brought more truth
to those who do not seek it."

Minn sempliċi logħba futbol Attard Cassar kapaċi joħloq ħsieb profond dwar id-dinja kumplessa u mhix nieqsa minn azzjonijiet li jweġġgħu tal-bniedem (ara *Hands Hiding Mouths*). F'*The Bare Minimum* Attard Cassar isammar lil min jippoża ta' paladin fejn tiġih l-okkażjoni biex jidher jew biex jakkwista xi titlu utli, imma jagħlaq ħalqu u jirtira malli toħroġ talba għall-volontarjat.

F'din il-ġabra poetika naqraw versi li Attard Cassar kiteb bħala ġenitur li jfaħħar lil uliedu u fl-istess ħin ifakkarhom biex iħaddnu dejjem it-tajjeb (ara *Your Success*, *My Children*, *Daughter* u *Son*), jew bħala iben (ara *Father*, *Mother* u *Some Think Afar*).

Hemm ukoll versi ta' nostalġija fejn il-poeta jixtieq li għadu jgħix il-jiem sbieħ tal-imgħoddi, bħal f'*Claudio Villa* u *Cemetery*.

Stilistikament, kif diġà aċċennajt hemm il-konċiżjoni, mela ftit versi li jħalluk taħseb, tistaqsi, thewden, żgur mhux passiv. Flimkien mal-konċiżjoni tintrabat ukoll l-ironija taqta', anki fl-ispazju ta' żewġ versi bħal fi *State Decleration*:

"All information is transparent
except that which is kept secret.";

jew f'*I Heard A Phrase Today*, fejn naqraw:

"A politician said,
'I'm doing this for my country.'";

jew f'*Economy*, fejn naqraw il-vers uniku f'għamla ta' mistoqsija retorika, "She for us or us for her?"

Hawnhekk Attard Cassar jaf ikun dirett, bla ħajta fuq ilsienu, bħal kif naqraw f'*Maltese Poem*:




"If I had to write a Maltese poem,
I'd write a string of a thousand fucks.

I'd do this for many reasons,
not least to overcome our curse
of whining
and whining
and whining.

Then I'd stop out of tiredness.

Then I'd sleep a long, long sleep."

Il-poeżiji li naqraw f'din il-ġabra jixħtu dawl fuq il-karattru ta' Emmanuel. Huwa jagħraf li fil-ħajja, li hi marbuta max-xjenza, il-kimika u l-bijoloġija, hemm is-sbuħija li neħtieġu lkoll nirrikonoxxu u napprezzaw (*Ella*). Hu bniedem ta' gratitudni (*Mother*), bniedem riflessiv, jaħseb qabel jitkellem, imma li fih hemm il-ħajja, l-enerġija li jesprimi f'poeżija bħal *Woman In Red*, imwassla permezz ta' kliem bħal "Swaying and laughing heartily", "dancing", "beat of the band", "play music", "music" u "sea". *Stanislav Petrov*



**Emmanuel Attard Cassar**

tfakkarna li Emmanuel hu poeta, imma anki bniedem li jaf sewwa d-dinja tal-kompjuters u tal-intelliġenza artifiċjali. Bħala poeta jinsisti fuq il-bżonn li nsegwu dak li jgħidilna l-uman fina għall-benefiċċju tal-umanità sħiħa. Mela fis-sempliċità u ġenwinità tal-versi tiegħu Attard Cassar joħroġ ftit ftit il-karattru tiegħu. Hekk f'*Roses* jammetti:

"I have brought you a bunch of red roses.
They symbolise me -
the way you know me.

With or without them, life goes on,
day by day,
but they make a difference,
a world of difference.

Life is not life without a bunch of roses
and the meaning behind them."

Huwa dak li hu preżenti fi spazji u f'sitwazzjonijiet varji – ġo sptar, ristorant, ċimiterju, gym, ħanut tal-merċa, raħal, knisja, mużew tal-arti f'Londra, fuq bankina wiesgħa fejn mexjin bosta nies u oħrajn bilqiegħda madwar mejda ċkejkna, u l-bqija. Nimmaġinah josserva fis-silenzju u jikteb biex ma jħallix ċerti waqtiet jintilfu darba għal dejjem, imma minflok, jistampahom jew jikkonkretizzahom permezz tal-kelma miktuba. Hemm versi bħal *Village Feast* fejn Attard Cassar ifakkar raħal twelidu, il-Furjana, u San Publiju, imma dan jagħmlu anki bħala innu lil dawk li m'għadhomx magħna u anki lil dawk li għadhomx ħajjin.

Bħala bniedem li jħobb jivvjaġġa, Attard Cassar jikteb dwar imkejjen lil hinn minn xtutna bħal Matera, Rome u Valtellina, fejn dan il-poeta Malti fl-aħħar mill-aħħar iħossu parti minn xi ħaġa ħafna ikbar li tgħaqqad lill-bnedmin ilkoll flimkien.

Hemm imbagħad personalitajiet partikolari li Attard Cassar jiddedika versi lilhom, bħal-logotenent Russu Stanislav Petrov, li fis-snin '80 evita gwerra nukleari; jew Peter Norman, l-atleta Awstraljan li fis-snin '60 esprima ruħu pubblikament kontra d-diskriminazzjoni razzjali u minħabba f'hekk twarrab mill-qasam sportiv. Personalitajiet oħrajn li naqraw dwarhom huma Alan Turing, il-ġenju tal-matematika li minkejja li ta kontribut tad-deheb waqt it-Tieni Gwerra Dinjija, sefa vittma ta' preġudizzji omofobiċi, Stephen Hawking, u l-futboler Eġizzjan Mohamed Salah.

Kif rajna, Attard Cassar hu l-bniedem li jaf bl-inġustizzja tal-Ġustizzja (ara *The Witness*) u jweġġa' quddiem in-nuqqasijiet tas-soċjetà kontemporanja, b'hekk jikteb dwarhom biex nagħrfuhom. Huma nuqqasijiet bħall-assenza tal-awtentiċità, il-korruzzjoni, il-parrokjaliżmu, il-perverżjoni, is-solitudni tal-imwarrbin, in-nuqqas ta' trasparenza fost min imexxi, il-klikek, ir-razziżmu, il-faqar, il-gideb u l-falsità fil-qasam tal-mezzi tax-xandir, l-għatx għas-setgħa, u l-ġustizzja li tippremja lill-kriminal. Fuq in-naħa l-oħra Attard Cassar jikteb ukoll dwar dawk il-valuri li jagħmluna verament bnedmin ta' rieda tajba, bħal-lealtà, l-imħabba, il-perseveranza, is-sagrifiċċju, il-familja, il-gratitudni, ir-rispett lejn dawk ta' madwarna, u l-bqija. Huwa konxju saħansitra tal-modi ġodda ta' għajxien li daħlu anki fil-familja matul iż-żmien (ara *The Agreement* u *The Singer*). Żewġ poeżiji li jolqtu fil-laħam il-ħaj u jmissu lill-qarrej daqslikieku qala' daqqa fl-istonku huma *The Automated Hotel* u *Where Has Humanity Gone?*: il-poeta induna diġà li llum il-bniedem qed jagħmel minn kollox biex jinża' mill-umanità tiegħu u minflok iħalli lilu nnifsu jitmexxa mill-baħħ indifferenti tal-magni u l-*brochures* imlewna.

Emmanuel Attard Cassar jikteb bħala maħbub, missier, ċittadin Malti u dinji, membru tal-familja

(ara *What is Life?*, iddedikata lil ħuh Godwin, u *Aunt*), għalliem, eżaminatur, iben, fuq kollox bħala bniedem attent, li jintriga ruħu u jaġixxi permezz tal-pinna. "The best poems come out of suffering" jikteb f'*Oh Lord*. Huwa jikteb dwar it-tbatija tiegħu, ta' ħaddieħor, dik li tidher u dik ikbar li tistaħba f'irkejjen differenti bħal fis-swali tal-isptarijiet jew kull fejn hemm bnedmin ibatu fis-silenzju. Għalhekk, dawn il-poeżiji ta' Emmanuel Attard Cassar huma dokument tal-kwotidjanità tal-ħajja tal-bniedem, u huwa proprju hawn meta jitilqu mil-livell awtobijografiku u personali biex jilħqu livell usa', dak universali, ladarba dak li jikteb il-poeta jistgħu faċilment iħossuhom parti minnu wkoll il-qarrejja.

Effettiva *Silence*, il-poeżija li tagħlaq din il-ġabra poetika ta' Emmanuel Attard Cassar. Apparti tikxef aspett importanti fil-ħajja personali tiegħu, turina bħala qarrejja u bnedmin il-bżonn li nitwarrbu mill-istorbju u l-ħsejjes żejda li ninsabu mdawrin bihom, xi wħud għax irriduhom, oħrajn għax ta' bilfors, u minflok inħaddnu s-silenzju, u dan fuq kollox biex nerġgħu niskopru dak li jagħmilna verament bnedmin, bnedmin b'ruħ, fuq kollox fi żminijiet imwiegħra bħalma qed ngħixu fihom fil-preżent:

"We need silence to focus
on humanity.
...
For the benefit of our soul.
For the benefit of humanity.

Silent silence."

## IS-SIĠAR 2
**minn Warwick**

Is-siġar jistennew fix-xita nieżla,
fis-skiet ta' waranofsinhar li spiċċa.
Jistennew mingħajr jitħarrku: hekk, wieqfa,
qed jgħixu mingħajr ħajra taħt das-sema
li qed jitħajjar jiftaħ, jiftaħ beraħ.
Qed jistennew dirgħajk, forsi jinħallu -
forsi jinħallu biex forsi iħaddnu
lill-ħabel li rbatt mal-fergħa tas-siġra
li kienet tistenna fix-xita nieżla,
fis-skiet ta' waranofsinhar li spiċċa.

**IMMANUEL MIFSUD**
**(minn *Ħuta*, KKM, 2016)**




## IL-QAWWA TAL-POEŻIJA TAL-LUM
**Jikteb Charles Briffa.**

**(Charles Briffa, *Ir-Ruħ Tqell bil-Poeżija – Louis Briffa: Il-Ħsieb Inċanat*, Horizons, Malta, 2022)**

Fl-iskema letterarja tiegħi, *Ir-Ruħ Tqell bil-Poeżija*, jidħol mas-sett ta' kotba sħaħ li jien ħriġt fuq awturi Maltin mal-Horizons: kotba li jitkellmu fuq Mario Azzopardi, Oliver Friggieri, Victor Fenech, Paul P. Borg, Louis Camilleri, u issa Louis Briffa. Imma ktibt kotba sħaħ oħrajn fuq Trevor Żahra, Michael Buttigieg, Anton Manwel Caruana, Joseph Vella Bondin, Frans Sammut, Achille Mizzi, Charles Casha, u Dun Karm. U din il-ħidma kollha tissieħeb mal-bosta studji li għamilt fuq xogħlijiet ta' kittieba oħrajn li xi wħud minnhom dehru fi *Studji Kritiċi ta' Charles Briffa* (l-ewwel volum, 2020, editjat minn Andrew Sciberras).

Jiġifieri, dak kollu li jien għedt fuq Louis Briffa, f'*Ir-Ruħ Tqell bil-Poeżija*, għandu jidħol fil-frejm ta' dan

il-proġett biex nuri ftit li fi ħdan it-teorija tal-valuri letterarji niltaqgħu ma' elementi fundamentali.

Il-letteratura hija importanti għax għandha x'taqsam ma' attitudnijiet u valuri. Tagħti fehmiet, perspettivi, u dispożizzjonijiet, u turi qagħdiet mentali; u tqis dak li jistħoqqlu jitqies siewi u ta' benefiċċju. Għaldaqstant, il-poeżija tifrex prinċipji u standards ta' mġiba skont il-fehma tal-poeta, u hekk nifhmu li l-lingwa tal-poeżija hija emottiva: tqanqal sentimenti intensi. Ħafna mill-poeżiji ta' Louis Briffa jħaddmu l-personalità possibbli tiegħu bla taħwid – tħaddim li jiffunzjona bħala għan. Il-poeżiji jgħinuh jorganizza u jevalwa l-esperjenzi ta' ħajtu għal dan il-għan.

Kif jidher Louis Briffa quddiemi? Jidher, qabelxejn, bħala komunikatur. Għalih il-komunikazzjoni hija importanti – u nasal ngħid li hija importanti daqs l-aspett estetiku – għax il-kitba tiegħu jqisha espressiva. U fil-proċess ta' komunikazzjoni jferra' ftit minn dak li hu personali u individwali. Il-poeżija għalih hija ħidma komunikattiva u tixhed it-tħassib (fuq l-effikaċja komunikattiva) u t-tberrin ta' moħħu (l-aktar meta jikkonċentra fuq kif se jagħmel ix-xogħol jirrappreżenta l-esperjenza preċiża li fuqha jiddependi xi valur). Dan kollu inħossu kull meta jibgħatli email biex jistaqsini fuq xi kelma jew binja sintattika li jkollu dubju fuqhom jew kif l-aħjar tittraduċi xi silta li tkun tħuf f'moħħu bl-Ingliż.

Fi Briffa l-komunikazzjoni hija ħidma konxja, għalhekk jagħti kas ħafna tal-istruttura u l-lingwa ta' kull poeżija biex il-komunikazzjoni tiegħu jkollha siwi, saħħa, u setgħa – f'inqas kliem, tkun poeżija ta' qawwa. Għalhekk ngħid li titlob is-sabar tar-riċerka l-għamla ta' poeżija tiegħu u mhux il-qari superfiċjali. Jimmira għall-poeżija ta' qawwa forsi għax fih hemm il-ġibda għall-immortalità dejjiema, għall-fama; jiġifieri, xewqa li jkollu post permanenti f'dawk l-inħawi li jħaddmu l-moħħ uman.

Louis Briffa jipprova jagħmel l-effikaċja komunikattiva tikkorrispondi mas-sodisfazzjon tiegħu u mas-sens ta' sewwa li hemm fih. Fl-istess waqt, din l-effikaċja żżomm quddiem għajnejha x'rispons possibbli jista' jkun hemm mill-qarrejja reali. U dan it-tentattiv jurih li huwa normali. Hekk, il-poeżija għalih tiġi mezz li bih jinkiseb dak li hu meħtieġ fis-sentiment tiegħu. Imma rridu nammettu wkoll li l-kixfa tal-personalità (mill-poeżiji) hija x'aktarx inkonxja; jiġifieri, li xi xejriet minn dak li jipproduċi fil-poeżiji huma inkonxji. U mill-poeżiji nistgħu nieħdu ħjiel tal-istil mentali: ħjiel li qatt ma jista' jkun ivverifikat xjentifikament, imma x'aktarx li jkun plawsibbli.

Għaldaqstant, *Ir-Ruħ Tqell bil-Poeżija* jgħarbel u jfettaq ftit fuq xi wħud mill-prinċipji siewja tal-ġibdiet letterarji ta' żmienna kif jixirfu fil-poeżiji ta' Louis Briffa.

### KULL META JMUT POETA

**Lill-poeta Carmel Attard (1943-1994)**

Kull meta jmut poeta tiksaħ l-arja,
it-tajr tal-ajru jehda mit-twerżiq,
ix-xemx maqfula tnemmes taħt ix-xefaq,
is-sħab ineffaħ bl-ilma jixgħel sfiq.

Kull meta jmut poeta l-lejl jiddennes,
il-qamar isir wiċċ vampir furjuż,
il-kwiekeb iebsa jaqgħu waħda waħda...
ir-riħ iħuf imbixkel u kurjuż.

Kull meta jmut poeta l-annimali
iqumu mherwla mal-iddin stunat,
mirżuħ jibbies il-ġilju safi fl-ilma
jdellel fkieren ma' ħut sangwinat.

Kull meta jmut poeta l-anġli jiżfnu.
F'qaqoċċa jduru m'Alla jimsaħ demgħa.
Poeta tal-poeti, Alla jbusu,
u jroddlu l-jedd li jgħanni wkoll mis-sema.

**LOUIS BRIFFA**
**(minn *Bil-Boqxiex*, 2018)**






## *CIGAR SMOKE, AN ANTHOLOGY OF SHORT STORIES*, ta' George G. Buttigieg, Maximus Publications Ltd., 2013

**Jikteb Patrick Sammut**

Din ta' Buttigieg hija ġabra ta' rakkonti u poeżiji bl-Ingliż. Hawnhekk għandna tabib, bħalma kienu Rużar Briffa u Ġużè Bonnici, biex insemmu biss tnejn, li jikteb ukoll il-letteratura. F'din il-ġabra naraw lil Buttigieg bħala tabib, ħassieb u kittieb, imma anki bħala Nisrani konvint.

Fir-rakkont "The devil drinks single malt" hemm l-idea li mhux biss min hu ħabib tal-ktieb u tal-qari jħares lejn il-kotba fil-biblijoteka personali tiegħu u lejn il-paġni mimlijin ittri, kliem u sentenza, imma hemm ukoll xi ħaġa maġika f'kull ktieb li tħares direttament lejh. Jidħol l-element tar-realiżmu maġiku, u l-idea li fil-letteratura, anki jekk fittizzja, hemm ħafna realtà. Buttigieg jikteb dwar l-"ethereal resonance of the spirits" (30), jew dak li jsejjaħ "friendship of spirit" bejn il-qarrej u personaġġi letterarji partikolari. Dan ir-rakkont jista' jitqies bħala ħarsa intima lejn l-awtur stess: "You have one foot in your world and one foot in the world of ether." (36) Wieħed jistaqsi jekk hux veru li x-xitan hu waħdu u jħoss il-bżonn ta' xi ħadd intelliġenti ma' min jitħaddet bħala ħabib.

Dwar in-natura tal-kittieb naqraw ukoll f'"From the diary of a provincial Madame". Niltaqgħu ma' prostituta u tabib, żewġ bnedmin li jafu sew il-bniedem minn xiex inhu magħmul. Ironikament il-prostituta tgħid lit-tabib: "Pity you're not a writer. You would make a fortune out of this stuff!" (205) Il-kittieb, f'dan il-każ, hu tabib fil-verità: huwa l-ġinekologu George G. Buttigieg. Għalhekk il-personaġġ tabib iwieġeb: "Maybe I will dear Sylvie, maybe I will. In fact between my own stories and your whorehouse tales I could write several books and not one." (205) It-twist tat-tmiem jirrendi r-rakkont xogħol maħdum tajjeb ferm.

It-tabib, flimkien mal-infermiera, jerġa' f'"To the desert, a son". Dawn jgħinu kif jistgħu, anki b'mediċini li ġabu magħhom. In-narratur u l-ġinekologu jsiru ħaġa waħda fid-deskrizzjoni ta' twelid diffiċli imma li jintemm b'suċċess. Buttigieg iwasslilna l-ferħ li jinħass meta titwieled tarbija ġdida, anki jekk f'deżert bħan-Nejdi. L-insistenza fuq l-idejn u s-sens ta' umanità jwasslu s-sensittività tal-ġinekologu f'waqtiet bħal dawn.

F'"The white leopard" naqraw dwar dawk il-waqtiet fil-ħajja meta kull bniedem irid jieqaf mill-ġirja ta' kuljum u jaffaċċja d-"dimonji" li hemm fih. F'kull wieħed u waħda minna hemm it-taqbida bejn il-qalb u l-emozzjonijiet fuq naħa, u r-razzjonali bla emozzjonijiet fuq l-oħra. Buttigieg ifakkarna li kull bniedem għandu l-vulnerabbiltajiet tiegħu.

Kelma li tirrepeti ruħha spiss f'din il-ġabra hija "hell". Apparti l-protagonisti fin-novelli, jispikkaw personaġġi sekondarji bħat-tallaba Margarite, xiħa li tgħix fit-toroq ta' Pariġi, jew it-tfajla b'xagħarha aħmar u l-gwida John Chase tal-ġungla f'Borneo. Fir-rakkont "A caprice called Anadinku" joħroġ il-kuntrast bejn xi jfissru setgħa u saħħa fid-dinja ċivilizzata (li jibbażaw ruħhom fuq is-saħħa tal-flus) u fid-dinja "inċivilizzata" (li tibbaża fuq saħħa fiżika, għarfien ta' snajja' u kif tissopravvivi f'ambjenti naturali mhux mittifsin mill-progress). Jitqiegħdu

f'kuntrast l-intelliġenza jew l-għerf tat-tribù, kontra l-istupidità tal-biljunarju minn Londra li ma jafx x'inhu rispett tar-regoli.

It-tema tal-kollezzjoniżmu professjonali torbot "A caprice called Anadinku" ma' "The missing piece". Hawn naqraw dwar il-kollezzjonist li għandu kważi kollox, imma jiffissa u lest jagħmel minn kollox biex jakkwista l-unika ħaġa li m'għandux. Nifhmu li anki s-sinjurun hu vulnerabbli quddiem il-ħalliel u r-rgħib.

L-ispazju lil hinn mill-Ewropa jerġa' f'"Ramon Paranà", eżattament fis-Sud Amerika. Hawn naqraw dwar djalogu bejn żewġ persuni, bankier u kummerċjant kbir. L-idea hi li mhux dejjem dak li jidher hu, u li hu żbaljat li niġġudikaw persuna mill-apparenzi qabel ma nkunu nafuha sewwa. It-tabib-awtur hawn jidher indirettament b'referenza għall-istituzzjoni li tieħu ħsieb il-lebbrużi.

Il-gżira ta' Bonga Bonga fir-rakkont "Ambassador to Bonga Bonga Island" tfakkar f'avvenimenti li seħħew u għadhom iseħħu fil-gżejjer Maltin. Dan hu rakkont parodija li jgħaddi biż-żmien b'mod sottili s-sistema burokratika tal-pajjiż, u jittratta r-rabta bejn politiċi (uħud opportunisti u bla prinċipji) u akkademiċi (hawnhekk nies ta' prinċipji morali, umli u leali lejn il-pajjiż).

"Lilibeth", "the little girl with the tongue of an old woman" (122), hija ambjentata fl-Amerka tas-snin '50. Fit-tieni parti sseħħ qabża temporali, u ħwejjeġ li seħħew diġà nibdew niskopruhom bil-mod il-mod, permezz ta' interrogatorju. Dak li kien jidher familjari jsir perturbanti f'daqqa waħda. In-narratur awtodijeġetiku jinsab fi sptar psikjatriku, u jistaqsi jekk hux verament miġnun wara l-avvenimenti li seħħew. Dan hu rakkont li joffri sorpriża fl-aħħar parti tiegħu tant li taħsad lill-qarrej u tħallih jaħseb u jistaqsi.

"Under the August sun" imbagħad hija dwar passjoni żagħżugħa bejn iben il-bdiewa u bint tabib waqt l-istaġun jikwi tas-sajf, f'Awwissu. Anki hawn tisparixxi persuna u sseħħ qabża temporali ta' 30 sena. Il-verità tixref wara dan iż-żmien kollu, verità li tħalli lill-protagonist, imma fuq kollox lill-qarrej, maħkumin minn emozzjonijiet differenti, kontra l-kelma klinika u bierda tal-bidwi, missier il-protagonist. Mistoqsija li tfeġġ f'moħħ il-qarrej u tkompli tirbombja hija: Imma għaliex Cecilia mietet?



**George G. Buttigieg**

Kif mietet? X'wassalha verament għal hekk?

Il-verità li, tkun xi tkun, dejjem tixref fil-wiċċ, naqraw dwarha f'"The lost phone", rakkont li fih strutturalment u ritmikament tinbena ċerta tensjoni biex fit-tmiem naslu għal anti-climax mhux mistenni. "The Judas Reflections" tieħu l-għamla ta' monologu-djalogu interessanti, intens u profond fejn naraw lil Ġuda l-Iskarjota fi djalogu mal-kuxjenza (?) tiegħu qabel ma jittradixxi lil Kristu. Il-mistoqsija hi: Kienet miktuba għalih, jew seta' verament jirrifjuta? Naraw lil dan il-bniedem f'turmenti kbar, tant li fl-aħħar jagħżel li jwettaq dak li emmen kien miktub li jagħmel.

It-tbatija u d-dubji jerġgħu jispikkaw f'"Once upon a hill in Judea", f'rabta ma' dak li kellu jgħaddi minnu Ġużeppi missier Ġesù iben Alla. Hemm ukoll Marija bħala dik li tifhem u ssabbar lil żewġha Ġużeppi, il-mara li turi iktar saħħa u għerf mir-raġel. Naqraw ukoll dwar l-isfidi li kellu jaffaċċja Ġesù anki bħala adolexxenti meqjus minn xi ħbieb bħala miġnun. Buttigieg bħal ifakkarna li diġà minn din l-età Ġesù sofra s-solitudni u twarrab għax mhux mifhum. Hu u tiela' l-Golgota, Ġesù żagħżugħ donnu jimxi fi żminijiet u dimensjonijiet differenti, passat-preżent-

futur. Importanti r-rwol tal-kelb Nefaim li jakkumpanja lil Ġesù. It-tixrid tad-demm u l-vjolenza jinbidlu f'maħfra, u t-tfal ħbieb jikbru u jerġgħu jsibu lilhom infushom qrib xulxin bħala adulti.

"In the shadow of the Runes" hu rakkont ambjentat fis-snin '60, żmien il-ġenerazzjoni tal-hippies. Jintrabtu flimkien il-Monoliti li hemm fuq il-gżira ta' Jura fl-Iskozja, mal-Ipoġew f'Malta. Ritmikament hu rakkont li jinqara f'nifs wieħed, u li jittratta wkoll fejqan, fidi jew ritorn lejha wara ħafna żmien, miraklu, u ħwejjeġ strambi. Kollox f'atmosfera bejn ir-reali u l-oniriku.

L-ispazju jinbidel f'"It was in the month of Shevath" ladarba Buttigieg joħodna f'kamp tal-isterminazzjoni tal-Lhud f'Buchenwald, fil-Ġermanja. In-narratur hu wieħed mill-bnedmin skeletri li kienu jittrasportaw il-mijiet ta' Lhud, inklużi tfal, li kienu jiġu maqtula bil-gass velenuż. Kollox hu rrakkontat retrospettivament minn Lhudi sopravissut. Dan hu rakkont dwar tbatija estrema, infern fid-dinja, imma anki dwar fidi f'post fejn Alla kien donnu nesa lill-poplu tiegħu.

Rakkont simili għax jintrabat ma' żmien il-gwerra hu "Dear Mother" li jieħu l-forma ta' ittra ta' iben ta' 18-il sena lil ommu mit-trunċieri tal-front. Mill-ġdid il-kelma "hell", ladarba tiġi deskritta din il-gwerra bejn l-Insara stess, fejn il-liġi li taħkem hi oqtol jew inqatel. L-agħar konsegwenza hi meta s-suldat isir immuni għall-idea li jista' jmut. Il-kitba hawn tinftiehem bħala opportunità sabiex is-suldat jerġa' lura għal-livell uman tiegħu, u dan wara li fit-trunċieri wieħed jitlef l-innoċenza tiegħu. Isegwu żewġ ittri oħra: waħda tal-omm lill-iben, u l-oħra mingħand kmandant li jinforma lill-omm li binha miet, imma dan jumejn qabel id-data tal-ittra li bagħtilha binha. Misteru?

"The ooweeya island" hija dwar is-setgħa tal-kelma. Hemm xiħ mimli esperjenza li jkellem lil żewġ ġuvintur fl-aqwa tagħhom: "... in life there is much more than what our eyes can see!" (254) In-nannu hu rakkontatur prim, mela hawn it-tema tal-metanarrattiva. Interessanti d-deskrizzjoni ta' Malta u l-Maltin mill-perspettiva ta' barrani. Naqraw dwar il-Malti li rebaħ lix-xitan fl-Infern, mela dan hu rakkont li joħloq tbissima, imma fuq kollox jistiednek biex tirrifletti dwar il-poter tal-kelma li kapaċi tħalli effetti fit-tul, ladarba ċertu kliem għandu eku tajjeb ferm! (263)

It-tema tar-ritorn lejn art twelidek u l-ħtieġa li taffaċċja ċerti iħirsa mill-imgħoddi naqraw dwarhom f'"The pilgrimage". Però, dan hu pellegrinaġġ fil-memorja li jispiċċa b'katarsi u sens ta' maħfra. "Pathetic Anthony" imbagħad hi dwar żwieġ li ma jaħdimx, tradiment, u ġustizzja ma' min ma jirrispettax la l-etika professjonali u lanqas il-klijenti tiegħu. Dwar tradiment hija wkoll "The eyes of the crucified one", li tittratta wkoll it-twemmin, is-sens ta' ħtija, u l-fatt li Alla jaf b'dak kollu, tajjeb jew ħażin, li nagħmlu anki jekk fil-ħabi. Teknikament, il-kif u l-għala l-kittieb iħallihom propju għall-aħħar linji tar-rakkont.

It-twemmin jerġa' bħala tema f'"A lady called Eliża" li bħala rakkont joħodna fiċ-Ċimiterju tal-Addolorata bħala l-imkien fejn anki l-ħaj isib is-sliem, kontra l-ġenn li jeżisti lil hinn. Hawn naqraw il-frażi "It is the soul's way of finding onself" (310), f'rabta mal-biki u d-dmugħ. Jasal il-waqt meta bniedem irid jerġa' jqiegħed ħajtu f'ordni u jsib it-truf tagħha. Mill-ġdid kliem Eliża: "We are children of one God in spite of form, shape, size, state and disposition. We all tick in the same way, more or less." (318) U dawn mhuma xejn ħlief kliem l-awtur-tabib li jaf sewwa xi tfisser tkun bniedem. It-twist fl-aħħar tar-rakkont taħsad bla ma tweġġa'.

Fl-"Epilogue" l-kittieb hu mqabbel ma' mara tqila li trid twelled it-tarbija, imma l-kittieb iwelled il-kitba. Mela, il-ktieb hawn hu t-tarbija tal-kittieb. L-awtur jammetti li "writing reveals much of oneself." (369) U, verament, ir-rakkonti ta' Buttigieg jidħlu sewwa taħt il-ġilda, anzi iktar fil-fond, tan-natura umana. Buttigieg jikxef ħafna dwaru f'din il-ġabra li fiha nsibu anki numru ta' poeżiji, mhux biss novelli. Insiru nafuh iktar bħala Nisrani, missier, miżżewweġ u maħbub, tabib, u anki Malti.

**ACQUA PASSATA**

Sal-fwieħa biddilt
biex ma nagħrafx ir-riħa
'mma jekk naqbdu l-istess lift
tinkixef li għalkollox bridt.

**JONATHAN BALZAN**
**(minn *Meta Ssibni Waħdi*, Horizons, 2021)**

**RIĦA TA' FWIEĦA**
**Novella ta' Anthony Farrugia**

Fl-età ta' tmintax-il sena, Chantelle kienet ilha familjari ma' bosta kwalitajiet ta' fwejjaħ. Ommha kienet tħobb troxx ftit fwieħa kull meta kien ikollha xi stedina jew tkun sejra fuq xi ħarġa. Il-lista ta' fwejjaħ, biex ngħid hekk, ma kienet tispiċċa qatt. Ma kinitx tixtrihom b'xejn lanqas! Kienet lesta toqgħod nieqsa minn bżonnijiet li kien ikollha minn żmien għal ieħor, iżda kif kien iqammrilha tixtri fwieħa partikulari u aktarx ġdida fis-suq, ħadd ma kien se jfixkilha. Fuq it-twaletta kont tara purċissjoni ta' fliexken, imdaqqsin u żgħar, bi fwejjaħ mill-ifjen, dejjem gosti tagħha.

Chantelle ddakkret minn ommha u kif qabdet taħdem mhux aktar minn tlett ijiem fil-ġimgħa, bdiet tonfoq parti milli ddaħħal kull xahar fuq ilbies, żraben u fuq kollox kullana ta' fliexken tal-fwieħa. Kienet saret taf tagħżel, bħalma kienet taf tagħmel ommha.

Darba fix-xahar kienet tmur f'ħanut partikulari fil-belt biex issir taf xi kwalità ta' fwieħa tkun ħarġet fis-suq. Anke jekk xi drabi ma jkollhiex ħsieb li tonfoq fuq xi fwieħa ġdida, xorta kienet tmur tagħti dik it-titwila. Il-ħanut li l-aktar kienet iżżur kienet tmexxih anzjana, fuq tagħha tgħidx kemm, u ma kontx issemmilha kwalità ta' fwieħa li ma tkunx taf biha! Kellha żagħżugħ jgħinha, l-aktar biex jilqa' n-nies u jservuhom mill-aħjar li jistgħu.

Chantelle tant kienet dieħla u ħierġa f'dan il-ħanut u Ernest, għax hekk kien jismu l-ġuvnott, kien draha sewwa. Chantelle kienet tkompli miegħu, turih xi tħobb l-aktar fost il-fwejjaħ, u titfagħlu botti dwar xi fwieħa kienet tħobb it-tfajla tiegħu. Ernest kien jitbissmilha u b'nofs ċajta jgħidilha li ma kienx jaf għal-liema waħda kienet qed tirreferi. U hi kienet twiegbu li allura, kienet se tibda tindirizzah bħala 'Casanova'. U d-daħk f'dawk il-mumenti ma kienx jonqos!

Jum wieħed, hekk kif daħlet kmieni l-belt, terrqet dritt lejn il-ħanut ta' Ernest. Il-ħanut kien jiftħu hu. Is-sinjura propretarja dejjem kienet tidher għall-ħabta tal-għaxra. Chantelle kienet ċerta li qabel dak il-ħin setgħet tkellem lil Ernest bil-libertà kollha.

Laħqitu jtella' x-*shutter* u bilkemm induna biha



warajh. Kif raha, dak il-ħin bħal inħasad, 'Kmieni, dalgħodu! Mela għandek xi ħarġa u għandek bżonn xi ftit fwieħa speċjali?' staqsieha biex ikun l-ewwel li jiftaħ konversazzjoni magħha.

'Bonġu. U le, fejn sejjer b'rasek? Illum bdejt minn hawn. Mhux aħjar? Risq nista' nġiblek, mhux hekk?' qaltlu b'ton imfissed.

'Hekk hu.' weġibha Ernest bil-kalma kollha sa ma tella' x-*shutter*, u fetaħ il-bieb. Irranġa kollox u xegħel il-*cash register*.

Chantelle baqgħet tistenna barra l-ħanut sakemm stedinha tidħol. Kif daħlet Ernest kien pront staqsieha, 'X'nista' naqdik dalgħodu, sinjorina. Jew sinjura?'

Ernest lissen dak il-kliem waqt li ħares darbtejn lejn idha x-xellugija biex jara kellhiex xi ċurkett tar-rabta. Tant kien qiegħed jaraha spiss li meta kienet tidħol fil-ħanut ma kienx jaqla' għajnejh minn fuqha. Kieku Ernest kien pittur jew skultur kien ikollu biex jogħxa fuq xogħlu. Wiċċha kien diġà skolpit b'sengħa kbira min-natura, u l-bqija ta' ġisimha kien jikkumplimenta perfettament ma' ġmielha. 'Kieku xtaqt inkun naf jekk daħlitx xi fwieħa ġdida, basta l-prezz ikun moderat. Il-kollezzjoni li għandi neffqitni l-flus u bħal donni issa qiegħda noqgħod ftit aktar attenta kemm nonfoq. Ma nafx kemm se nżommha din il-wegħda!' qaltlu b'ton ta' waħda mfissda.

'Għandek raġun, sinjorina. Imma m'hawnx min jonfoq nofs il-paga fit-tipjip jew fix-xorb żejjed li minnhom ma jieħu xejn?' ipprova jagħtiha raġun.

Ernest resaq lejn waħda mill-vetrini. Chantelle mxiet warajh. Għażel żewġ fliexken u taha l-informazzjoni



kollha fuqhom. Imbagħad minn wara l-bank qabad żewġ kampjuni fi fliexken żgħar ħafna biex tara jekk ir-riħa togħġobhiex.

'Liema l-ifjen għalik, din... jew din?' stedinha ttih tweġiba Ernest filwaqt li baqa' jitgħaxxaq bi ġmielha, issa li kien hekk qrib tagħha. Hu wkoll baqa' jittama li sidt il-ħanut tasal tard aktar mis-soltu ħalli jkollu aktar ħin iżomm lit-tfajla bil-kliem. Kien lest jikser kull etika basta japprofitta ruħu minn mument hekk eċċitanti għalih. Baqa' jistenna mingħajr għaġla t-tweġiba ta' Chantelle.

Chantelle dellket qatriet fuq wiċċ idejha miż-żewġ kampjuni, ħarset lejn Ernest, għax kienu qrib sewwa ta' xulxin u qaltlu bl-Ingliż biex bħallikieku timpressjonah, 'Really amazing. But I cannot afford buying any today.'

'Don't worry, sinjorina. Maybe next time!' weġibha bla ma kien jaf x'kien qed jgħid daqs kif intilef warajha. 'Tista' żżommhom il-kampjuni. Għallinqas jibqgħu jfakkruk fija' żied jgħidilha b'nofs tbissima.

'Grazzi sur Ernest,' u filwaqt li qaltlu hekk iż-żewġ kampjuni sabu ruħhom qalb oħrajn li kellha fil-ħandbag.

'Tridx inċempillek meta tidħol xi fwieħa ġdida, sinjorina?' staqsieha issa li qammarlu li bis-sewwa jew bid-dnewwa kien se jipprova joħroġ magħha.

'Grazzi ħafna. In-numru tat-telefown nagħtih biss lin-nies qrib ħafna tiegħi. Skużani, imma dik hi l-fehma tiegħi,' weġbitu minnufih, aktarx b'inkejja milli fil-fatt kienet tagħmel. 'Tibżax.' kompliet tgħidlu, 'Jiena, bħalma taf int, ta' spiss inkun 'il hawn. Grazzi u l-kumplament tal-jum it-tajjeb.'

'Tant ieħor', wieġeb Ernest. U ħareġ fil-bieb tal-ħanut, baqa' jħares lejn Chantelle sakemm waslet mal-kantuniera u għebet għalkollox minn quddiemu.

Dak il-ħin ħass lilu nnifsu ħati talli naqsu l-kuraġġ jitlobha toħroġ miegħu. Kien induna minn kliemha u l-mossi tagħha li ma kienet marbuta ma' ħadd. L-ewwel okkażjoni kien tilifha. Żgur li ma kienx se jitlef it-tieni waħda... akkost ta' kollox.

Waqt li kien ikun fil-ħanut, dieħel u ħiereġ, kien jara jerġax jirnexxilu jilmaħha għaddejja minn dawk l-inħawi. Xi ġranet wara, waqt li kien qiegħed jaqdi xi nies, lemaħha għaddejja, b'pass mgħaġġel minn quddiem il-ħanut. Ma baqax jaf x'kien qiegħed jagħmel. Ma setax iħalli l-klienta waħidha. U Chantelle għebet għalkollox minn quddiem għajnejh.

Ftit tal-ħin wara waslet is-sinjura, propjetarja tal-ħanut, u bilkemm laħqet daħlet li Ernest ma sellmilhiex, 'Il-ġurnata t-tajba Mrs Molineux.'

'Il-jum it-tajjeb lilek ukoll, Ernest. Xi ġmiel ta' ġurnata llum hux! Mhux bħal bieraħ! Xita, kruha t'ajru, traffiku bla qies u ma tkun tista' tmur imkien,' kompliet miegħu Mrs Molineux.

'Kieku anki għalija ħabat tajjeb illum! Possibbli għalik li nillarga ftit minn issa, ħalli nilħaq inkun hawn meta jista' jkollna n-nies? Nofs siegħa kollox u nerġa' nkun miegħek' talabha b'nofs ġenn f'moħħu u l-possibbiltà li jirnexxilu jara lil Chantelle f'dik in-nofs siegħa.

'Mhux problema. Jekk jista' jkun żomm il-ħin, għax ma niħux gost inkun waħdi fil-ħanut. Smajna bi praspar biżżejjed!' qaltlu Mrs Molineux.

'Anzi, grazzi, dalwaqt tarani lura miegħek,' taha kelma ta' raġel Ernest. U ħareġ mill-ħanut, ilebbet u jħuf mat-triqat ewlenin tal-belt, jara jirnexxilux jilmaħ li Chantelle. Ġieh f'rasu, waqt li kien mitluf iħuf, li Chantelle setgħet kienet qrib f'xi ħanut tal-ħwejjeġ tal-aħħar moda jew f'xi ħanut bħal tas-sinjura Molineux. Ma kienx mar żmerċ għax Chantelle kienet dieħla fil-ħanut tal-ħwejjeġ, 'Paris'.

'Chantelle, Chantelle,' għajtilha biex jilħaqha qabel tidħol fil-ħanut. Nista' nkellmek? Mhux se nżommok għax irrid immur inkompli fuq ix-xogħol. Trid nieħdu kafè malajr?' talabha bil-ħniena.

Chantelle, kollha mistagħġba xħin ratu quddiemha qaltlu, 'Ma nistax indum ħafna. Nieħdu kafè u daqshekk għax għandi xi qadjiet x'nagħmel u l-ħin malajr itir.'

'Tajjeb ħafna. Kif tgħid int. Chantelle,' weġibha Ernest, ferħan li kienet laqgħet l-istedina tiegħu.

Imxew flimkien, jitbissmu, u daħlu fil-KAFÈ BAR li għażlet Chantelle. Ernest ordna kapuċċino għal tnejn u bdiet il-konversazzjoni li xtaq. Stedinha toħroġ miegħu s-Sibt ta' wara u Chantelle, bl-inkejja tas-soltu tagħha qaltlu, 'Ma ngħidlekx mija fil-mija li nkun nista' nżomm kelmti, imma jekk ma nċempillekx fuq il-mobile sas-Sibt f'nofsinhar kollox jibqa' kif ftehimna.'

'Tajjeb ħafna!' weġibha Ernest kollu ferħan li din id-darba mar aħjar magħha minn qabel.

Ħarġu mill-Kafe`, sellmu lil xulxin, u t-tnejn komplew fuq xogħolhom.

Il-ftehim kien li jiltaqgħu Wied il-Għajn, ħdejn il-Ġnien Pubbliku. Ernest wasal fil-ħin miftiehem. Kif ra lil Chantelle riesqa lejh mar jilqagħha. Sellmu lil xulxin u bdew mexjin flimkien max-xatt lejn il-fdalijiet tal-lukanda waħdanija li kien hemm f'Wied il-Għajn. F'ħin minnhom waqt li kienu mexjin, kultant id f'id, Ernest ġietu l-kurżità 'l fejn kienu sejrin hekk kif qasmu għan-naħa l-oħra tat-triq u staqsieha, 'Aħna se nibqgħu nippassiġġaw biss? Xi tgħid kieku naħsbu biex immorru nieklu xi ħaġa?'

'M'għadux il-ħin? Sejrin sad-dar, taqbel jew le?' ittantatu Chantelle biex tara jekk veru kellux interess fiha. Għax kellha kemm-il xogħfa, f'età iżgħar dwar ġuvintur oħra li kienu moħħhom biss f'dak li jistgħu jieħdu sesswalment! Mhux darba jew tnejn li kienet ġarrbet xi esperjenza qarsa. Issa kienet taf minn fejn ikollha tgħaddi jekk tara li l-affarijiet ma jkunux sejrin tajjeb.

'Hekk kmieni, Chantelle? Bilkemm għadna kemm sirna nafu lil xulxin,' temtmilha Ernest.

'Qiegħda nistiednek id-dar tiegħi. Inħsadt?' U waqt li qaltlu hekk stenniet tweġiba ċara mingħandu.

'Tgħix waħdek, allura?' kompla jistaqsiha ftit aktar konfuż.



'Iva ngħix waħdi. Trid tiġi sad-dar? Kulma fadlilna, nimxu żewġ kantunieri oħra u naslu.' Xħin għamlitlu dawn il-mistoqsijiet ma baqgħetx iżżomlu idu.

'Tajjeb. Mhux flimkien qegħdin? U kollox flimkien nagħmlu.'

Waslu fil-binja mikrija ta' Chantelle. Kif daħlu fil-flett, Ernest mill-ewwel impressjona ruħu bl-indafa, kollox post bil-galbu u fuq kollox flett li fih ma tonqosx riħa tfuħ. Ernest ġietu l-kurżità kif setgħet iżżomm flett bħal dak, attrezzat b'kollox u staqsieha, 'Trid il-flus hux biex iżżomm flett bħal dan attrezzat b'kollox u f'kundizzjoni ta' min jammira?'

'Għandi min jgħini, biżżejjed!' ftaħret miegħu Chantelle.
'Xi ħabib tal-qalb, jew...'
Ma ħallitux ikompli bil-mistoqsija u kienet pronta tgħidlu, 'Missieri. Missieri tat-tajjeb. Kien kisirha ma' ommi għax kienet taħseb ħażin fina. Ma ħamlitx tarana ninġiebu daqstant ma' xulxin. Ma kellix għażla. U tlaqt mid-dar biex nibda ngħix u naqdef għal rasi.'

'U missierek? Joqgħod miegħek?' staqsieha mħasseb li kien dieħel jew kien diġà daħal bejn xi basla u qoxritha. Għax beda jimmaġina li ħin jew ieħor jidħol missierha u jsibu f'daru magħha.

'Xejn milli qiegħed taħseb. Missieri kellu wkoll ifittex imħabba oħra. Kultant jiġi jarani mas-sieħba tiegħu. Meta ma nlaħħaqx mal-ispejjeż li jkolli insib lilu.' kompliet tinfurmah Chantelle.

Bil-mod il-mod Ernest beda jaċċetta dak kollu li għaddiet minnu Chantelle u għal mument tħawwad kif seta' jsir jaf ħwejjeġ oħra dwarha. Jekk kienx se jibqa' miġnun warajha, wara t-tagħrif kollu li sa dak il-ħin kien kiseb dwarha, kienet storja oħra. Sadanittant, bla ma induna, baqa' jimxi warajha f'kull kamra li raha dieħla fiha. Hi u miexja minn kamra għal oħra bdiet tnaqqas il-ħwejjeġ minn fuqha sakemm daħlet fil-kamra tas-sodda liebsa ħwejjeġ ħfief ta' taħt mill-ifjen. Resqet lejn it-twaletta, għażlet flixkun fwieħa fina, u raxxet ftit m'għonqha u ma' wara widnejha.

Ernest infixel, barra li beda jimmaġina bosta affarijiet, la kien jaf x'sa jaqbad jgħid u lanqas x'jagħmel.

Dak il-ħin Chantelle, wiċh imb wiċċ ma' Ernest qaltlu, 'Xomm. Din x'riħa hi? X'jisimha?

Ernest ma setax jiftakar l-isem għalkemm ma kinitx l-ewwel darba li xammha. Kien iħoss lilu nnifsu iktar minn imħawwad u eċitat! Biex taparsi juriha li kien jifhem taha isem ieħor li hi żgur ma kinitx għadha xtrat minnha.

'Qed tara! Għadek ma tifhimx biżżejjed!' ftaħret miegħu.
Ernest ma lissenx kelma oħra. Raha tilbes ħwejjeġ oħra, daret lejh b'għajnejha fissi fuq tiegħu biex tkejjel xi reazzjoni min-naħa tiegħu u qaltlu, 'Immorru? Nippreferi xi ħaġa ħafifa x'nieklu,' u semmietlu r-ristorant favorit tagħha, dejjem f'Wied il-Għajn.

Ernest kellu jaċċetta l-għażla tagħha. Din il-ħarġa jew ikla, setgħet kienet ta' darba. Ried ikollu ħin biżżejjed jiżen kliemha, jifħem imqar għal dakinhar, kif jista' jmur għal għajnha, basta kien jibqa' joħroġ magħha.

Kielu u xorbu u fi ftit aktar minn siegħa li qattgħu flimkien saru jafu aktar lil xulxin. Kif ħarġu mir-ristorant u mxew ftit passi fuq il-bankina fejn normalment, l-aktar fil-jiem sajfin, tkun miżgħuda bin-nies jippassiġġaw f'żewġ kurrenti kontra xulxin, Chantelle ħasdet lil Ernest hekk kif qaltlu, 'Ernest, grazzi ħafna tal-kumpanija tiegħek. Ħadt gost li sirt nafek aħjar. Forsi ma tkunx l-ewwel u l-aħħar darba din tal-lejla! Xtaqt ngħidlek li għandi programm ta' attivitajiet x'nattendi matul il-ġimgħat li ġejjin u għalhekk ma nistax inwiegħdek meta nerġgħu niltaqgħu.'

'Ngħidlek is-sewwa kont qiegħed nittama li mqar nerġgħu niltaqgħu Sibt ieħor. Inti taf, mela!' weġibha nofsu mbellah b'dak li kienet għadha kemm qaltlu. Daħħal idu fil-*pouch* li żamm f'idu tul il-laqgħa magħha, ħareġ flixkun fwieħa mill-ifjen u qalilha, 'Dan għalik. Fwieħa speċjali, bħalek.'

Chantelle ħarset lejn il-flixkun tal-fwieħa, tbissmet u qaltlu, 'Grazzi, Ernest. Dan se jibqa' għandi bħala tifkira ta' xi ħadd li għaraf x'inħobb jien. Grazzi Ernest.'

U minflok bisitu biex tirringrazzjah għafsitlu idu, mossa li Ernest ma kienx sodisfatt biha.

'Inċempillek jien għallinqas darba fost il-ġimgħa fuq in-numru tal-mobile li tajtni, forsi...' kien se jkompli Ernest. Imma t-tfajla waqqfitu.

'Le, m'hemmx għalfejn. Jekk inkun nista' nerġa' niltaqa' miegħek inċempillek jien.'

'Ok, mela. F'idejk.' wieġeb Ernest hekk kif baqa' ma setax jifhem l-imġiba tagħha.

Sellmu lil xulxin, din id-darba wkoll b'għafis tal-idejn, u nfirdu bla ma kien hemm data meta kienu se jerġgħu jiltaqgħu.

Matul il-ġimgħa ta' wara Ernest tella' u niżżel





ħsibijiet sbieħ u koroh fuq Chantelle. Ma felaħx jistenna jgħaddi daqstant jiem u ma jismax imqar leħinha. Ċempel spiss fuq in-numru tal-mobile li tatu imma r-risposta kienet kull darba tkun, 'dan in-numru ma jeżistix'. Kien se jgħaddi weekend iħuf u jara jirnexxilux jilmaħha f'postijiet fejn kien ġie li ra qabel. Wara ġimgħa oħra mingħajr l-iċken informazzjoni ddeċieda li jinżel Wied il-Għajn, u għadda ħinijiet twal jippassiġġa qrib id-dar fejn kienet toqgħod.

John, wieħed mill-ġirien, issusspetta ħażin fih. Resaq lejh b'turija li jixtieq jgħinu u staqsih, 'Nista' ngħinek, ħabib. Qed tfittex lil xi ħadd?'

Ernest ma ħasibhiex darbtejn u qallu, 'Kelli niltaqa' mat-tfajla ta' quddiemek u jidher li fid-dar m'hemm ħadd.'

'Għandek raġun, ħabib! Skużani se nsaqsik, imma nixtieq ngħinek. Int qed tgħid għal Chantelle? Ried ikun jaf John.

'Eżatt' wieġbu eċitat Ernest.

'Chantelle, sa fejn naf jien, imsiefra. Qabel telqet qaltli li kienet sejra Londra. Kultant tgħidli fejn tkun sejra biex nagħti daqqa t'għajn fuq id-dar tagħha. Dak kollox, ħabib tiegħi', qallu John biex tabilħaqq jurih li xtaq jgħinu.

'Grazzi, ħabib. Grazzi ħafna.' U l-ġuvni ddiżappuntat għall-aħħar, dawwar denbu u rħielha lejn wieħed mill-ħwienet tax-xorb biswit il-bandli u legleg xejn inqas minn tliet grokkijiet whisky. Baqa' jhewden waħdu, 'Din mhix ħobż għal snieni.' U reġa' lura lejn daru konfuż aktar minn qabel.

Chantelle veru kienet marret Londra. Kienet naqset ma' Ernest meta ma qaltlux il-verità kollha dwar il-ħrafa ta' għadd ta' appuntamenti li suppost kellha u ħallietu jistenna t-tweġiba tagħha.

'Bogħod mill-għajn bogħod mill-qalb' hekk jgħid il-qawl u hekk kien beda jiġrilu Ernest. Kienu ġa għaddew xahrejn u kien għadu ma semax mingħand Chantelle. Fiż- żmien li dam ma jaraha laħaq bired u ħass li kellu jieħu deċiżjoni li jinsa għalkollox lil Chantelle. Kien se jirnexxilu jew le?

F'għodwa qrib it-tliet xhur mill-aħħar darba li kien magħha Wied il-Għajn, Chantelle ppreżentat ruħha quddiem il-vetrina tal-ħanut fejn kien jaħdem Ernest.

Ernest taha x'tifhem li kien induna biha. Ma ċċaqlaqx minn postu, anzi dawwar wiċċu biex jagħtiha x'tifhem li ma riedx aktar ikollu x'jaqsam magħha.

Chantelle ma rifsitx l-għatba tal-ħanut. Tbissmet għax indunat bil-mossa ta' Ernest u f'qalbha tenniet, 'Nitlef wieħed u nsib tnejn' u mxiet bil-lajma kollha lejn ħwienet oħra fejn is-*sales* kienu fl-aqwa tagħhom.

Chantelle kellha kumpanija biżżejjed, mhux biss biex jeħduha tiekol f'ristorant, iżda fuq btala fit-tul f'Londra u postijiet oħra.

Lil Ernest kienet gidbitlu fuq ommha u missierha. Kienet telqet mid-dar għax kienet għażlet li tgħix mill-prostiuzzjoni.

**ĦAJKU**

Ħarsti fil-bogħod
ma tilmaħ xejn ħlief bini;
nifsi maqtugħ.

Ix-xemx tirtira
wara sulari bini
li jdallmu l-jum.

**PATRICK SAMMUT**

## IL-PITTUR U L-POETA

**Kitba ta' Victor V. Vella**

Meta kont ippubblikajt l-istorja qasira IL-FESTA TAL-ĦUTA fi ktieb tal-istess isem, kien hemm wieħed li kkummenta u qalli, "Imma dik mhix vera!". Mur, għidtlu, ħabib, jien qatt ma rajt ħuta kbira u stramba fid-daħla tax-Xquq jew Anchor Bay, li kien is-*setting* tal-istorja. U komplejt ngħidlu li ma nafx li xi darba xi banda għamlet xi kunċert fuq ix-xifer tal-post. Ma kienx il-ħsieb tiegħi li nagħmel dokumentarju; il-ħsieb tiegħi kien li noħloq storja li, iva, tinstema' vera imma mhix bilfors vera. U dawn iż-żewġ persunaġġi Melleħin li se nitkellem fuqhom, Ġanni Camilleri u Ġorġ Fenech, għamlu l-istess. Iva, wieħed għadu sejjer avolja daħal fit-tmenin, u l-ieħor, Ġorġ, ħalliena ftit ilu... Wieħed bil-pinna u l-ieħor bil-pinzell, wieħed bil-kitba u l-ieħor bil-kwadri li ħallielna u fetħulna għajnejna fuq id-dinja ta' madwarna!

Fl-antik, u sejjer lura ġmieli, il-filosofu u poeta Orazju (twieled 65 sena qabel Kristu) ħareġ bil-frażi 'ut pictura poesis' jiġifieri 'il-pittura tixbah ħafna lill-poeżija'. Tant li jaħsbu u jidher ukoll li ż-żewġ attivitajiet tant jixtiebhu fil-ħolqien tagħhom u wkoll fl-esekuzzjoni li jimxu id f'id. Din il-frażi u wkoll l-idea jew tixbieha għadha ħajja u nkitbu kemm-il ktieb u esej biex jispjegaw din it-tixbieha xi tfisser. Kien hemm min kiteb li l-pittura hi poeżija muta jiġifieri bla kliem u li l-poeżija hi kwadru jitkellem. It-tnejn 'jikkopjaw' lid-dinja jew lin-natura jew joffru xi ħaġa aħjar, u differenti... ibbażata fuq ir-realtà tad-dinja!

U sa nibda minn dak li jidher mhux biss għax l-għajnejn l-ewwel ma jieklu imma għax daż-żmien l-għajnejn jew il-viżwali saru iżjed prominenti għax bit-televixin u l-isrin il-viżwal, dak li jidher, sar jolqotna iżjed. Jekk naqilbu għall-pittura ta' Ġorġ Fenech, il-viżwal, l-għajnejn, jew il-vista, jiġu l-ewwel. Tħares lejn erba' kwadri ta' Ġorġ u trid jew ma tridx mill-ewwel jieħdok il-Mellieħa u d-dintorni tagħha. Kien jinkwetani meta konna mmorru xi passiġġata u kien jgħidli, "Kollox sew jintogħġbu... imma hemm min iħobbhom għax ifakkruh f'xi ħaġa, f'xi avveniment, xi mixja, xi storja xi ħarruba li kien jistkenn taħtha u l-bqija? Insomma bħala rikordju, mhux għall-kwadru fih innifsu." Ġorġ kien wieħed minn dawk li kien jemmen fil-filosofija 'Art for Art's sake', jiġifieri li ried u xtaq li l-kwadru jiġi apprezzat mhux minħabba l-memorji li jqajjimlek jew għax



**Ġorġ Fenech (1926-2011)**
**[Ritratt: www.gozonews.com]**

daħħalt is-siġra ta' Bukkin jew ir-razzett tax-Xjaten, imma għall-kuluri li fih, għall-kompożizzjoni, għad-dawl u l-kuluri li l-pittur uża biex joħloq l-atmosfera li irnexxielu joħloq fil-kwadru. Iva, kien jikkopja, imma ma kienx jikkopja bħalma tikkopja l-kamera tar-ritratti. Kien juża s-siġra jew ir-razzett jew veduta inġenerali u 'joħloqha' kif jaraha u jħoss hu dak il-ħin... bħal speċi li joħroġ il-persunalità tal-post bħalma Karsch of Ottawa, il-famuż fotografu, li kien joħroġ id-drama u l-persunalità ta' dak jew dik li tiġi quddiem il-lenti tiegħu. U Ġorġ għalhekk kien pittur tajjeb għax ir-razzett li kien is-suġġett favorit tiegħu kien ipinġih u jdawru b'kuluri oriġinali li bihom u bid-dellijiet u bid-dettalji impressjonistiċi jġiegħlek tinnota s-suġġett. Kien juża r-reali, il-veru, biex joħloq xi ħaġa oriġinali. Ma għamilx bħal Picasso li biex tara jekk dik li pinga tal-kwadru hix mara jew xi waħda ta' barra minn hawn għax biddilha u qalibha ta' taħt fuq... Ġorġ uża r-razzett bħala ċ-ċentru, imma mbagħad għamlu tiegħu billi qajjem f'min iħares u min jiflih ċerta ġibda sabiħa u b'saħħitha lejn ir-rappreżentazzjoni li hemm fil-kwadru. Lanqas ried jilgħab xi parti ta' kavallier tal-ambjent: pitter ir-razzett, jew hu x'inhu, għax jaf li għada pitgħada mhux se jibqa' jeżisti, li wara kollox hu skop nobbli ieħor. Ried u kien jixtieq biss li l-kwadru jiġi apprezzat hu kif inhu, bħala statwa sabiħa mhux biss




**Żewġ ġabriet ta' poeżija ta' Ġanni Camilleri**

għax tgħid storja. U r-razzett, bħal ħafna suġġetti oħra li pitter Ġorġ, għoġobna u laqatna u l-kwadru ħa, biex ngħid hekk, il-post ta' dak li hu veru fil-kultura Melliħija u wkoll Maltija. Ġorġ Fenech ikkonċentra fuq dak li laqtu u fuq dak li hu rah sabiħ: lilna għoġobna għax laqatna wkoll għal raġunijiet differenti, fuq kollox għax rajnieh sabiħ. Sieħbu Ġanni Camilleri għamel l-istess, imma mhux għalkollox. It-tnejn riedu joħolqu xi ħaga li hi interessanti, li tolqtok u tagħtik pjaċir, xi ħaġa li tagħtik li tesplora u tara d-dettaji ta' xi ħaġa. Fejn wieħed fettillu għan-natura diretta u għall-aspetti tagħha, Ġanni jidher li għandu skop iżjed dirett: li jgħallem. Dan tal-aħħar jixbah lill-ieħor għax it-tnejn iduru lejn l-antik jew x'fadal minnu. Ġanni jħobb idur lejn l-istejjer antiki mill-Bibbja u l-bqija bħalma Fenech kien iħobb il-preżent imħawwar bit-tradizzjoni.

S'issa sa fejn naf jien, Ġanni Camilleri ħareġ żewġ kotba ta' poeżiji u Alla jbierku u jseddqu għadu sejjer. Diġà semmejt il-fatt li s-suġġetti huma differenti minn ta' Ġorġ. U fl-istess ħin mhumiex, għax meta tibda tqabbilhom issib dik li bl-Ingliż insejħulha ċerta 'earthiness', ċerta fwieħa tal-post u tal-art li wieħed joħloq u joħroġ bil-kuluri u l-ieħor bil-kliem mirqum u bir-ritmu u r-rima li juża. Iva, għandu suġġetti li huma konnessi, jew parti, mill-ħajja u min-natura u l-kultura Maltija-Melleħija bħal ngħidu aħna l-poezija 'Il-Karnival', u 'Il-Leġġenda tal-Palma', 'In-Naħla', u 'Il-Mużbieħ il-Lejl', u l-bqija. Ma' dawn is-suġġetti Ġanni daħħal ukoll dawk li huma direttament reliġużi bħal 'Il-Qaddisin Kollha', 'It-Tabernaklu', 'Il-Lejl tal-Milied', 'Il-Vokazzjoni', fost l-oħrajn. Dawn is-suġġetti huma ttrattati bi stil prattiku u ħafif biex tifhmu, mhux imżejjen b'ħafna tlellix filosofiku u deskrizzjonijiet ta' veduti li jistgħu jeħduk bogħod mill-poeżija nnifisha. F'kelma waħda iżomm id-distannza bejnu u l-poeti kontemporanji li donnhom jiktbu biex jinstemgħu misterjużi u jintilfu fil-misterju. Ġanni jaqbad linja sempliċi u mexxejja; iżomm mal-istess stil ta' kitba u wkoll il-biċċa l-kbira fuq l-istess tip ta' poeżija. Ma joqgħodx jaqbeż mis-sunett għall-ħajku (poeżija qasira ta' oriġini Ġappuniża) jew għall-eleġija (poeżija twila li tgħid storja marbuta mal-mewt). Iżomm mal-lirika, poeżiji qosra bl-istess numru ta' versi f'kull stanza, u jgħaqqad kollox bir-ritmu u bir-rima u fuq kollox billi jżommok interessat fil-poeżiji, fis-suġġett kif ukoll fl-għażla tal-kliem li juża. Tkompli taqraha minħabba li l- lingwa hi mexxejja u l-ħsibijiet huma sempliċi li ma tridx toqgħod tieqaf u taħseb u tipprova ssib xi jrid jgħid. U dan għall-qarrej ġenerali Malti, din il-poeżja kultant jagħtik li tgħid li hi 'ala antika' li ddoqq u tinstema' sabiħa. Fuq kollox hemm it-trattament ta' diversi suġġetti mill-awtur li jimxi fuq ċertu użu tal-lingwa ħafifa u mexxejja li tgħinek biex tasal malajr għat-tifsira. Isimgħu u ħossu s-semplicità effettiva tal-bidu ta' waħda minn dawn il-poeżiji. Jisimha 'Is-Siġra tal-Ħawħ' u se nagħtikom l-ewwel erba' versi:



**Ġanni Camilleri**
**[Ritratt: Ħajr lil Charles Bezzina]**

Ħarist lejn il-ħawha
fix-xitwa fil-ġnien
ilmaħt lil din rieqda
bħal dik tar-rummien.

U l-poeżija, bħal ħafna minn dak li kiteb Ġanni, tispiċċa b'nota reliġjuża:

Għax Alla huwa siġra
...l-ulied il-frott tiegħu
u jekk nibqgħu fis-siġra
jkabbarna lkoll miegħu.

Iva, daħħal l-element reliġjuż, imma taħt metafora bit-tqabbila ta' Alla ma' siġra li hi kważi ġdida. Din hi tixbieha/metafora effettiva bħala għeluq ta' poeżija. Daqshekk biżżejjed biex tħossu u tara xi ftit l-idea li poeżija bħal din iġġiegħlek tħares 'il fuq, tip ta' poeżija li kienet popolari fis-seklu 17 speċjalmet fl-Ingilterra fejn kienu jsejħulha poeżija metafiżika, jiġifieri poeżija li tittratta suġġetti filosofiċi u reliġjużi bħal meta wieħed minnhom kiteb u faħħar u rabba ċerta għira għan-nemusa għax hi xxurtjata li gidmet lill-mara u lir-raġel u fin-nemusa ngħaqdu flimkien. Ħsieb għoli u li jiċċalinġjak li hu 'l bogħod mis-sempliċità tal-poeżiji ta' Ġanni Camilleri.

Is-sabiħ tal-arti, f'dan il-każ tal-pittura kif ukoll tal-poeżija, hi l-varjetà. Għandek il-varjetà tas-suġġetti kemm tal-pittur kif ukoll tal-poeta li jiddeċiedu li jiffukaw fuqhom. Wieħed iħobb il-warda tas-silla u l-pala tal-bajtar, u l-ieħor jara l-anġli jtiru madwar il-maxtura. Hemm il-varjetà tal-istili li sewwa bil-kompożizzjoni u bil-kuluri u bl-iżvolġiment tas-suġġetti fil-poeżiji. Dawn għandhom skop wieħed: li jagħtu pjaċir, li jolqtuk b'xi ħaga, li jagħtuk li tieqaf u tħares jew taqra għal darba tnejn u tiggosta d-dettalji. Bħala Melliħin għandna nkunu kburin b'dak li hu tagħna u trawwem minn fostna u napprezzaw u ngawdu kemm il-pittura ta' Ġorġ Fenech u wkoll il-poeżija ta' Ġanni Camilleri.



## IT-TFAL

It-tfal rigal t'Alla
li jagħti 'l bnedmin.
Dawn frott imħabbithom
li jagħtu 'l xulxin.

It-tfal, innoċenti.
Dawn dejjem henjin.
Xi drabi jimirdu,
tant drabi 'mqarbin.

It-tfal jafu jħobbu,
u l-bews jistennew,
minn min tahom il-ħajja,
biex b'dawn jithennew.

It-tfal iħabbtuna
tant drabi mal-jum.
Din parti mill-ħajja,
tal-bieraħ, ta' llum.

Minkejja dan kollu,
dawn tagħna t-tamiet.
Ejjew lilhom nixbhu,
għax tagħna s-smewwiet.

**ĠANNI CAMILLERI**
**(minn *Għalikom minn Qalbi*, L-ewwel volum, 2009)**

## FL-GĦABEX

Fl-għabex ta' ħoġrok
tixħetna naħbu wiċċna
l-ewwel kewkba.

Bl-ilfiq sad-dlam
tistaħja ruħna
u int tkun tista'
tkompli tirtira
sal-għada.

It-tama t'għabex ieħor
iżżommna
għal-lefqa li jmiss -

mal-ewwel kewkba
li terġa' tinkina
wara jum ta' sirġa.

**GIOELE GALEA**
**(minn *Għera*, Horizons, 2018)**

## L-Iskola tan-Nuna
## Sett.1951

**Kitba ta' Carmen Refalo**

*Tfal inewħu bil-wardiet nidjin*
*fuq siġġijiet baxxi mal-imwejjed pariġġ*
*bis-soru mitlufa isserrep ġos-sala*
*timsaħ l-għaraq minn taħt il-kappun*

Minkejja li z-zija Tereż, l-iżgħar waħda fost ħutha l-bniet, kienet l-unika waħda li taf tikteb xi ħaġa, jien kont ili nilgħab u nħarbex bil-lapes fuq kull biċċa karta li nsib taħt idejja. Naħseb li meta kont naraha tikteb l-ittri għal barra, kont nitħajjar inħażżeż xi ħaġa jien ukoll.

U malli z-zija Ċett kienet tidħol bix-xirja, kont nitlaq niġri fil-loġġa, nitla' fuq is-siġġu mal-mejda bil-lapes lest f'idi u kif hi tkun qed tbattal il-ġewlaq, jien naħtfilha xi bott, xi pakkett jew xi sapuna biex noqgħod nikkopja l-ittri ta' fuqhom. U hekk, bdejt nikteb l-ewwel kliem bla ma naf naqrahom!

U minflok li z-zija Ċett kienet taħtafli l-lapes minn idi u tkeċċini 'l hemm biex tgħodd il-prezzijiet tax-xirja, kienet tħallini nħarbex bil-lapes daqslikieku kont qed nikteb xi dokument. U bdejt saħansitra nipprova nikkopja d-disinji tal-'cross stitch' minn fuq il-karta kkulurita tas-sapuna Lux. Kif urejt dawn il-ħiliet iz-zijiet għarfu jsaħħuhomli.

Fil-fatt kien iz-ziju Ġuż li induna li kont bdejt nagħmel l-ewwel passi tiegħi fil-kitba fuq il-karti fejn Katy tal-growser kienet tgeżwrilna l-għaġin, id-dqiq u z-zokkor. Kelli ħabta niftaħ il-kexxun fejn kienu jpoġġu l-imqarrun tar-'ration' għadu mgeżwer; naħtaf it-tarf tal-karta oljata u nġebbidha naqra naqra sakemm tiġi kollha f'idi. Kif l-għaġin kien isib ruħu ħieles mill-irbit, erħilu jitlaq jitgerbeb għal riħu. Għalkemm dal-kexxun kien ikun miksi minn ġewwa bil-karta strazza, iz-zija Ċett ma kinetx tieħu pjaċir issib xi ratal imqarrun jiġri maħlul. Imma qabel ma titfagħhom fil-borma kienet tgħajjatli ħalli ngħinha tiġborhom u tkissirhom f'biċċiet iżgħar. Niftakarni nixtieq il-ħeffa li kellha ziti imma kull imqarruna kienet għadha iebsa wisq għalija.

Insomma z-ziju mar xtrali l-ewwel skritt tiegħi! Aktarx li kien bir-rigi dojoq. Tant kont nintilef bil-lapes f'idi li fix-xitwa, malli jaqbad jidlam, iz-ziju kien



jixgħelli l-lampa tal-pitrolju f'nofs il-mejda u b'hekk kont inkun nista' nara aħjar.
"Dik it-tifla ser taħli għajnejha," kienet tgergirlu n-nanna, "X'ġejt tivvintalha Ġuż jaħasra!"

Imma hu malajr ipprova jirranġa s-sitwazzjoni.
Kien pront mar ġab biċċa karta strazza u l-imqass taz-zija Ċett, ħareġ platt tond u tazza tat-te mill-armarju tal-loġġa u lestiehom fuq il-mejda. Wara li poġġa l-platt fuq il-karta, immarka madwaru bil-lapes. Bl-imqass qata' mal-marka u spiċċa b'ċirku tond f'idu; poġġa t-tazza fin-nofs tiegħu u raġa' għamel l-istess. U ċ-ċirku l-kbir sab ruħu b'ċirku żgħir maqtugħ minn nofsu. Wara li qala' l-lampa tax-xaqquf minn mal-ħajt, libbes it-tubu tal-ħġieġ biċ-ċirku tal-karta. Iċ-ċirku niżel malajr ġol-għonq u waqaf fejn tibda żaqqu; ġab lit-tubu qisu liebes dublett kloxx. B'hekk meta kien jixgħelli l-lampa, kien ikolli d-dawl fuq il-pitazz bla ma jkolli it-tleblib tal-ilsien tal-ftila f'għajnejja!

U n-nanna Karm fl-aħħar siktet; imma mhux għalkollox.
"Erġajna koppi ma?" u nannti bdiet kantaliena oħra.
"Ġuż qed nitferfer nara l-lampa ma' wiċċ it-tifla! Marì dik il-karta mat-tubu qed tqabbadni ħlewwa ta' qalb… x'waħda din jekk tisħon u tieħu n-nar! Ċett jekk it-tifla tolqot u taqleb il-lampa fuqha tinħaraq bil-pitrolju… Tereż mhux aħjar issibilha l-pupu u taljenaha, ħalli twarrbu l-periklu min-nofs," u kif bdew jhewdnu huma wkoll waqqfuni ħesrem. U mal-għabex kien ikolli nerfa' l-pitazz u nistenna l-għada jisbaħ biex noqgħod nikteb għad-dawl tax-xemx.

U lil-lampa neżżgħulha d-dublett tal-karti, li x'aktarx kien beda jismar qabel ma reġgħet sabet postha imdendla mal-ħajt; fejn bl-ilsien tan-nar ilebleb mal-ftila għolja kienet iddawwal il-kontrantrata kif jibda



jidlam. U z-ziju Ġuż kien jieħu ħsieb li l-ilsien jitbaxxa għal ħin l-irqad.

Mela ftit qabel li bdejt immur tan-Nuna, iz-zijiet daħħlu d-dawl elettriku fil-meżżanin. Dak iż-żmien l-'electrician' kien iwaħħal l-istrixxi tal-'casing' mal-ħajt u jgħaddi l-wajers tad-dawl elettriku minn ġo fihom. Meta xgħelna għall-ewwel darba n-nanna bilkemm ma beżgħetx u n-nannu tfixkel aktar minnha! Liz-zijiet tgħidx kemm għoġobhom u jien niftakarni naqbeż u nogħla kif rajt liz-ziju jagħfas is-swiċċ u l-kamra timtela' bid-dawl. Għandi amment li ridt nitla' fuq is-siġġu biex noqgħod nitfi u nixgħel, li qabdu jgħajtu miegħi u li għamilt il-geddum. U bis-saħħa tad-dawl elettriku ma kontx ser nikteb iżjed fid-dawl tal-lampa! Il-lampi tal-pitrolju baqgħu imdendlin mal-ħajt ħalli nsibuhom għal waqt il-maltemp. Malli s-sajjetti kienu jibdew ifaqqgħu wara li jidlam, jinxtegħlu huma, hekk kif iz-zijiet jitilqu bil-ħeffa jitfu l-'main' tad-dawl elettriku minn wara l-bieb ta' barra, bejn il-bieb u l-boxxla.

"Issa Carm," kienet ilha li bdiet tgħidli z-zija Marì, "daqt tibda tmur l-iskola għand is-soru".
Kull meta tismagħha n-nanna Karm erħilha taqbeż tgħidilha,
"U ajma jaħasra; daqskemm għadha żgħira dit-tifla! Fejn ser toħduha?"
"Iskot ma! Fejn tridna noħduha? Mhux l-iskola tan-Nuna għand is-Sorijiet tal-Qalb ta' Ġesù!" u z-zija Marì kienet iddur lejja u bil-ħlewwa tkomplili,
"Trid tmur l-iskola ruħi? Titgħallem tikteb u taqra ħalli tibda tiktbilna l-ittri għal barra, bħalma tagħmel iz-zija Tereż!" Iz-zijiet kienu ilhom iħajruni għall-iskola minn mindu stajt nifhemhom. U z-zija Ċett bdiet tħejtli l-fradal bil-frilli mat-truf, biex nilbishom fuq kollox.

Kieku jien ridt immur l-iskola, bil-patt li hi tibqa' miegħi hemm wkoll. Ġol-meżżanin kont il-ħin kollu niġri warajha sakemm nisma' liz-zija Ċett tielqa 'l barra u nibdel ir-rotta biex noħroġ indur magħha.
"Ma nistax ruħi," kienet tkomplili ziti Marì, "Jien mara kbira u s-soru ma tħallinix noqgħod fis-sala mat-tfal żgħar".
Imma kont nibqa' nwebbes rasi, "Oqgħod barra wara l-bieb; ma rridx noqgħod waħdi mas-soru" kont nisħqilha bl-leħen sod.
"Carm ruħi, meta tkun ix-xita kif nista' noqgħod barra nistenniek? Tgħidx kemm ikun hemm riħ kiesaħ; ikolli nitlaq jew immut bil-bard", imma ma rnexxilhiex iġġibli l-ħniena.
"Mas-soru mhux se tkun waħdek u jkollok ħafna tfal oħra ma' min tilgħab, u meta tgħidilna nixtrulek lavanja biex tikteb bil-ġibs fuqha u tkun tista' tħass..." imma bil-biki u l-ilfieq tiegħi kien ikollha tieqaf. Kliemha kien qed jaqa' f'widnejn torox. Ma kienx jimpurtani mit-tfal l-oħra; kif stajt noqgħod mingħajr 'il-ma' tiegħi!

Hekk kif beda joqrob żmien il-firda z-zija Marì ħasbet waħda tajba:
"Ara Carm, iz-zija Ċett marret tkellem lill-Madre u ftehmet magħha biex kulmeta jkun bix-xita jew ħafna bard tħallini noqgħod fil-Kappella li għandhom fuq wara, fit-triq ta' quddiem il-Knisja. U tħallini hemm, nitlob u nistkenn sakemm isir il-ħin li niġi għalik. U hekk xorta waħda nkun qrib tiegħek. Issa iskot mill-biki; oħroġ il-maktur mill-but tal-fardal, omħot u imsaħ għajnejk."
Iz-zija Ċett kienet toħodni spiss magħha fil-Kappella tal-Ispirtu s-Santu u għalhekk emmint kulma qaltli ziti Marì u fl-aħħar serraħt rasi.

Sadattant jien u z-zija Marì bdejna mmorru l-iskola tan-Nuna. Niftakar sew l-ewwel jum. Wara li mit-triq

tagħna ksirna fuq ix-xellug għal Triq San Girgor, imxejna t-triq kollha sakemm ġbidna għall-isqaq li wassalna sa ħdejn il-monasterju tas-Sorijiet tal-Bambin Ġesù. Kif tlajna t-taraġ quddiem il-bieb tal-monasteru, stajt nara t-tfal kbar neżlin lejn l-iskola tal-gvern.
"Issa la tikber ftit ieħor tibda tmur l-iskola tal-kbar," qaltli z-zija Marì, imma jien kelli ħsibijiet oħra u bilkemm tajt kasha. Bdejt inżommha sew biex ma taħrablix għax kien qed joqrob ħin il-firda!

Il-bieb kien miftuħ u s-soru resqet lejja biex iddaħħalni waqt li jien bqajt b'rasi mdawra nħares lejn ziti biex b'għajnejja nfakkarha fil-patt li konna għamilna! Iz-zija tbissmitli lura u dħalt ġol-kamra mimlija tfal tampari bilqiegħda mal-imwejjed ċkejknin u baxxi. Kien hemm geġwiġija sħiħa ta' subien u bniet, mitlufin jiċċassaw lejn xulxin u jekk ikun hemm xi wħud qed jibku jkomplu magħhom. Is-soru bdiet tipprova twaqqaf il-qrid bil-ħlewwa hi u ddur mal-imwejjed. Meta waqa' l-kwiet xi wħud minna niżżlu rashom fuq l-mejda u għalqu għajnejhom. Kieku kelli mqar waħda mit-tliet gażażi miegħi kont norqod jien ukoll. Meta ħinijiet minnhom smajt lil min beda jolfoq tani li nitħajjar, imma ftakart li kelli z-zija Marì wara l-bieb tistennieni. Ftit niftakar mis-sena li għamilt hemm; insejt saħansitra t-tfal li kienu fuq il-mejda miegħi. Imma żewġ mumenti li għexthom hemm baqgħuli ċari daqs il-kristall!

Meta s-soru kien ikollha bżonn titlaq mis-sala, kienet tkun tridna ntellgħu jdejna fuq il-mejda, immeddu rasna fuqhom u norqdu. Għadni nisma' kliemha:
"Meta niġi lura tridu tgħiduli xi tkunu ħlomtu bil-Bambin!" u tħallina ma' waħda mit-tfajliet li kienu jgħixu fil-monasteru mas-sorijiet. L-ewwel darba nħsadt; ħarist lejha bl-ikrah u għamilt il-buri. U jekk kont imħeddla kif smajtha tgħidilna hekk sfrattatli kollox; ma kontx naf kif noħlom bil-Bambin. Għalkemm kont ċkejkna niftakarni ninkwieta; li jekk kif tiġi lura tistaqsi lili, ma kienx ikolli xi nweġibha?
U kien għad ma kellix kliem biex ngħidilha li kienet qed titlobni l-impossibbli. U qbadt nibki b'idejja ma' wiċċi biex ma jinduna ħadd. U ħaġa tal-għaġeb dawk iż-żewġ demgħat li dellikt ma' moħħi iffriskawli ħsibijieti; għaraft x'kelli nagħmel. B'rasi fuq il-mejda ivvintajt ħolma ta' malajr!

Imma jaħasra s-soru qatt ma riedet tkun taf dwar il-ħolm qaddis, tagħna ċ-ċkejknin, kulmeta tiġi lura.



Sadattant jien ma ħabbiltx moħħi iżjed; l-ewwel ħolma li kont fassalt servietni għas-sena kollha.

Mela darba minnhom kien sar il-ħin biex immorru d-dar; it-tfal laħqu ħarġu kollha u fil-kamra ma kien baqa' ħadd ħliefi, nistenna bil-ħerqa li tidħol iz-zija Marì. Meta ratni s-soru ħarġitni mill-klassi, poġġietni bilqiegħda fil-kurutur, u qaltli, "Issa Carmen oqgħod stenna fuq das-siġġu sakemm tasal iz-zija."

Wara li s-soru bexxqet il-bieb ta' barra u sakkret l-antiporta wiesgħa u għolja, daħlet f'kamra faċċata tiegħi, għalqet il-bieb u smajtha ddoqq il-pjanu. Jien qgħadt kwieta nistenna u nisma', imma minn moħħi bdew għaddejin ħsibijiet koroh! Iz-zija Marì kienet ittradietni! Kienet daħket bija! Kieku kienet fil-kappella sa dak il-ħin leħqet waslet żgur. Kif ir-rabja bdiet tinħema ġo fija, smajt il-qanpiena ta' barra ddoqq u mara feġġet minn wara l-ħġieġ mnaqqax minn fuq s'isfel tal-antiporta. Kif għaraft lil ziti niżluli żewġ demgħat ta' qsim il-qalb!

Id-daqq tal-pjanu waqaf u s-soru ħarġet mill-kamra ta' quddiemi u fetħitilha,
"Skużani sor ħallejtek tistennieni; ma stajtx nagħmel mod ieħor," qaltilha ziti.
Sadattant jien waqaft ħesrem mill-biki, ħriġt il-maktur mill-but tal-fardal li kelli fuq il-ħwejjeġ, imsaħt għajnejja, baxxejt rasi biex naħbi wiċċi u lejn ziti ma ħaristx sakemm ħriġna. U qabel ma nżilna t-



taraġ ta' barra waqaft u dort lejha; ridt inkun naf x'kien qed jiġri minn wara dari, "Inti mhux veru li qed tibqa' wara l-bieb! Qed tmur id-dar u tħallini hawn waħdi!"

Imma ziti għamlet wiċċ il-martri u weġbitni, "U ruħi qalbi, għadek ma tafx xi ġrali llum… kelli mmur id-dar bilfors għax qabadni wġigħ ta' żaqq!" U kif smajtha tgħidli hekk kelli nemminha. Imma xi tliet snin wara, meta jien stess ma ridthiex twassalni iżjed l-iskola, sirt naf b'kollox mingħand in-nanna. Ehh mur obsor għaliha z-zija Marì!

## ERRATA CORRIGE:

Il-poeżija "Żwiemel" li dehret f'IL-PONT ta' Lulju 2022, p. 11, fl-intervista ma' Jane Micallef, kellha tinqara hekk:

Żwiemel ilebbtu fil-bogħod 'l bogħod,
fuq ramel imdaħħan, fuq qiegħa tirtogħod;
tidwi bil-qilla u tobżoq in-nar
mad-daqqa ħafifa u tikwi t'elf nagħal.

Żwiemel ilebbtu, ilebbtu bla heda;
quddiemhom is-sid li qatt ma ċeda,
warajhom il-baħħ li qatt ma kien
sidirhom jilgħeġ għall-bidu ta' mkien.

## SIEQ IL-BRIMBA

Sieq il-Brimba, kemm int sbejħa,
x'fettilhom, dak l-isem tawk?
Għax żagħżugħa, jew, jekk xwejħa,
kieku taf, kemm nammirawk?

Fjura għandek, kaħlanija
daqs is-sema bnazzi, ċar.
F'nofsha żokra sewdinija
tagħtik dehra ferm aħjar.

Fjura tixgħel donnha stilla
illi ddawwal għal-lejl sħiħ.
Weraq torja bħall-bizzilla,
tikber taħt ħajt tas-sejjieħ.

Hemm uħud tant iħobbuha
li jkabbruha ġewwa l-ġnien.
Mill-ħwienet huma jixtruha
biex issebbaħ kullimkien.

Jgħidu l'inti Assirjana,
Nigella damascena,
min jaf kemm ilek tgħix magħna,
fina tkattar il-hena.

Meta mbagħad jgħaddi żmienha,
il-fjura, 'fanal' issir.
Jista' jkun li għalhekk jiena,
Nigella, nħobbok bil-kbir.

Iġġibni f'vena amoruża,
tfakkarni, f'meta tbewwist.
Għall-Ingliżi tant famuża,
jgħidulek 'Love in the Mist'.

**JOSEPH FELIX CACHIA**



## IL-BAĦAR FIL-VERSI TA' SIMONE GALEA

**Jikteb Patrick Sammut**

Simone Galea hija waħda mill-poetessi kontemporanji. Hija twieldet fl-1967 u tgħallem il-Filosofija tal-Edukazzjoni fl-Università ta' Malta. Hija wkoll l-awtriċi tal-ġabra ta' poeżiji *xi drabi mqar persuna* (2011, 2019) Fost l-elementi li jispikkaw fil-versi tagħha hemm il-baħar li jieħu tifsiriet differenti. Fil-poeżija 'Ġurnata l-Baħar' joħroġ il-kuntrast bejn xi jfisser il-baħar għal min bħall-poetessa qed jgħix ħajja komda f'pajjiż fejn m'hemmx faqar u gwerer, u għal min qed jgħix ħajja diffiċli bħan-"nisa Afrikani." Il-baħar għall-poetessa jfisser btala, ħlewwa u mistrieħ mill-problemi ta' kuljum, u jintrabat ukoll ma' sens ta' sigurtà ladarba jekk tegħja tgħum dejjem hemm dgħajsa li toħodha lura għall-kumdità tar-ramla fejn hemm "l-umbrelel li kennewni" u s-"siġġijiet komdi" jistennewha.

Min-naħa l-oħra l-istess baħar hu ta' sfida u theddida għan-"nisa Afrikani" li jirriskjaw ħajjithom u spiss jitilfuha wkoll, bit-tama li jħallu sitwazzjoni diffiċli warajhom biex jibdew ħajja ġdida fl-Ewropa. Hawn il-baħar jintrabat ma' xbihat bħal "dgħajjes... mgħarrqin fil-fond" u nisa "li marru jgħumu għall-aħħar darba", għax matul il-vjaġġ iltaqgħu mal-mewt. Mela f'dan il-każ il-baħar mhux mistrieħ u ħlewwa, imma mewt u ċimiterju.

Fi 'Stajt Xtaqt' il-baħar jissemma indirettament permezz tal-kliem "dgħajjes" u "dgħajsa" li jwasslu l-immigranti rregolari mill-kontinent tal-Afrika f'pajjiżna permezz tal-baħar, imma li jistgħu jeħduhom f'imkien aħjar minn dan pajjiżna li skont il-poetessa ma jilqagħhomx u ma jittrattahomx tajjeb: "Imma mhux daqs kemm/xtaq l-immigrant/ ... li jerġa' jaqbad id-dgħajsa/ jeħles għal dejjem/ minn dal-post li ma xtaqx."

Fuq nota differenti f''Imħabbtek bħall-Mewġ' Galea tittratta t-tema tal-imħabba bejn il-maħbubin li hija mwassla permezz tal-movimenti differenti tal-baħar li waqtiet jaf ikun goff, qawwi u bla kontroll, u waqtiet oħra jaf ikun ħlejju, melliesi u joffri mistrieħ. Il-profondità tal-baħar tirrifletti l-fond ta' dan is-sentiment enormi u kumpless li hija l-imħabba. Fuq kollox, bħall-imħabba, il-baħar huwa imprevedibbli fis-sens li l-bniedem qatt ma jista' jobsor eżattament kif u meta se jintlaqat: "Imħabbtek bħall-mewġ/jiġi għal għarrieda..."

F''It-Tfal tal-Ħarifa' naqraw il-versi: "It-tfal l-oħra għadhom barra/ leħinhom jitmiegħek mal-qasab/ bħal meta rridu niġu d-dar/ irwieħhom fjuri,/ baħar fond, xemx tisreġ..." Hawn il-"baħar fond" jintrabat ma' sens ta' kobor, misteru, ħwejjeġ li ma jinftehmux faċilment, imma anki ma' sens ta' ħajja u moviment. B'xi mod jerġa' jintrabat mas-sentiment tal-imħabba li teżisti bejn il-jien u l-int. Ma ninsewx li l-baħar, bħax-xemx, hu element naturali importanti fil-ħajja tagħna bħala Maltin u Għawdxin li ngħixu fuq gżejjer f'nofs il-Mediterran.

Fl-aħħar nett, f''Jekk Xi Darba Titlef Sajf' il-baħar jispikka f'versi bħal "fiż-żfin iħabbat mal-mewġ t'Għawdex/ il-mużika li dduq il-baħar billejl għall-ewwel darba." Hawn ukoll dan l-element jintrabat ma' mħabba ("kemm innamrajt") u anki ma' divertiment ("żfin" u "mużika"). Galea tfakkarna li l-baħar hu element naturali li hu parti minna l-Maltin u l-Għawdxin ladarba twelidna u għexna fuq gżejjer imdawrin bih.

Il-baħar hu element naturali għal qalb ħafna l-poeti Maltin. Biżżejjed niftakru 'Żagħżugħ ta' Dejjem' ta' Dun Karm Psaila, 'Il-Moll' ta' Carmel Attard, 'Monologu mill-Gżira tal-Isponoż' ta' Daniel Massa u tant oħrajn. Anki Simone Galea tirrikorri għal dan l-element naturali li aħna tant familjari miegħu biex tistedinna nirriflettu dwar aspetti attwali bħall-immigrazzjoni rregolari u l-imħabba.



**SEHEM IN-NATURA**

Margerita qrib riġlejja
rajt bla ħsieb waqt mixja żgħira,
kollha raġġi jduru magħha
din ix-xmejxa fl-art Maltija.

Margerita qrib riġlejja
sfura karga u sabiħa,
għala b'ħarsa kiebja, ċassa
għad li l-ħdura mdawra magħha?

Mis-sħubija m'hijiex nieqsa:
ilħna mpespsa tal-għasafar,
nebħ il-klieb fil-bogħod fil-qrib,
tħaxwix il-weraq, frott ir-rebbiegħa,
leħen l-imgħażqa f'dirgħajn godlin.

Margerita qrib riġlejja
passija huma meqjusin,
ma rridx bir-rifsa tiegħi
nifirdek minn dal-ġmiel.
Fur bil-ferħ, iddandan bil-fwieħa.
Il-ħolqien welldek hawn, f'dan l-imkien
biex ma' kull ħlejqa ta' ġol-wied
isseraħ lill-għajnejn
tiffriska lill-imħuħ u
trodd is-saħħa lill-marid.

**MARIO ATTARD**

**QAMAR KWINTA**

Il-qamar kwinta nibixha
minn barra t-twejqa
qrib sodditha fi kmajra
li m'għażlitx hi.
Qajla, dawret rasha għerja lejh;
minn taħt il-kpiepel tqal t'għajnejha
ċarċret xewqa siekta …
għal ftit aktar saħħa,
kemm tħarrek li fadal
minn ġisimha mill-friex;
tniżżel qigħan saqajha,
tħoss l-art kiesħa ddegħexha
bħall-baħar fil-bidu ta' sajf 'il bogħod …
nifisha maqtugħ f'logħba max-xemx,
maċ-ċama ċama u l-majnati kefrin,
f'jiem li ma jintemmux qabel tgħid hi,
u taf li se jidħqu, jgħadduha biż-żmien,
meta tgħid li l-qamar għemiżha;
ittawwal il-pali ta' jdejha lejh,
tistħajjel iżomm ballun kbir,
tostor talba li daharha jisponta
par ġwienaħ u ttir ħielsa ħdejh,
iddur id-dawra durella ġo fih
sa ma l-lejl idub u jixref żerniq ġdid.

F'widnejha taħbit qalbha
jimmarka passi lejn vjaġġ skur;
ġo fiha maqbuda karba
li tixtieq tferra' fi tħannina …
li tbandalha ħa jittaffa l-uġigħ …
tissielet man-nifs qed jinqata'…
ta' ħajja qed tnin …

Tixxennaq tal-aħħar
għall-qamar kwinta jegħmiżha,
'żda barra t-twejqa par għajnejn fil-ħofra
għasru l-aħħar dmugħ niexef.

**RITA SALIBA**

**LIL FRANS BALDACCHNO 'IL-BUDAJ'** (*)

Ma qistx turġien għoljin bi twapet sbieħ u fini
li soltu jilqgħu fuqhom biss lil ftit kbarat,
int dħalt bil-ġieħ fl-imqades daqs ta' ġewwa
biex għerfek żidt għannejt ma' tal-allat...

għax fhimt l'hemm Alla wieħed kbir u twajjeb
li jaf kull isem iżd'għalih m'hemm ebda wċuħ,
u fehem li f'qalbek Frans hemm tjieba bnina,
ma' leħnek għaraf il-ġmiel kbir ta' ħsus ir-ruħ.

Ġentlom ġenwin li b'ħiltek kbirt bla ridt foħrija,
dammejt bil-għerf il-ħsieb mal-armonija...
għallimt li l-ġieħ ma jitfissidx, ma jridx kburija,
Budaj int tibqa' tiddi s-snin fir-ruħ Maltija !

**PHILIP BORG**

(*) Frans Baldacchino 'il-Budaj', Żejtuni li għex f'Birkirkara sa ma miet fil-21 ta' Ġunju 2006, fl-għomor ta' 63 sena.

**HEKK HI L-ĦAJJA...**
**(Lil Pauline)**

Hekk hi l-ħajja
ħanini:
ġiri, ġenn u ġlied
u tilar mimli perlini.
Iva din hi l-ħajja ħanini
karnival traġiku
u tilar mimli perlini...

**NOEL FABRI**

**QAMAR TAL-ĦARIFA**

Meta nħares lejn il-qamar
l-elf ħsieb tiegħi huma kiebja.
Iżda ma hux
għalija biss.....
Li tiġi il-ħarifa.

**JOHN A. CONSIGLIO**

**ĦARSA BISS**

Kienet biżżejjed
ħarsa waħda biss,
li ħarġet minn għajnejk,
mimlija xrar u safa,
biex nifdet lil moħħi,
u laqtet lil ruħi,
u naqqxet fuq qalbi
"Inħobbok!"

**PIJU SPITERI**

**NUR RIGARDO**
**(Traduzzjoni fl-Esperanto ta' *Ħarsa biss* ta' Piju Spiteri, minn Karmenu Mallia)**

Suficis
nur rigardo
de viaj okuloj
plena je ardo kaj sincero,
por enpenetri mian menson,
por trafi mian animon,
gravurante em mian koron
'Mi amas vin.'

**ĦLEWWIET IL-FRAWLI**

Narak ġej
mgħobbi
b'basket imfawwar
kannestri frawli.
Tieqaf quddiemi.
Tiskot.

Meta nħares f'għajnejk
m'għadx hemm il-leqqa
tal-istramb; m'għadnix
nara baħar fond
ma nafx ngħum fih.

Tagħtini frawla, ħelwa,
manna minsija,
ittarraxlek ilsienek.
Induqha.

Nerġa' nħares f'għajnejk
biex nara lili nnifsi
u minflok insib
għeruq twal, imkebbin,
immaljati, mgħaqqdin
weraq selvaġġ; jeħlu
miegħek sakemm timxi,
xtieli jserrpu,
xtieli jħaddru,
xtieli mxabbtin,
xtieli jwasslu
minn għajnejk għal għajnejja.

U frawla żgħira, ħelwa,
bilkemm nibtet,
tiżfen bejnietna t-tnejn.

**LOUISE VELLA**
**[Din il-poeżija rebħet it-tielet post fil-kompetizzjoni tal-poeżija waqt Festa Frawli 2022]**

**GĦERUQ**

Jitnisslu permezz ta' żerriegħa
jew pjanta li tqiegħdet fil-ħamrija,
li ġew imħarsa jew telgħu fis-salvaġġ;
għax l-għeruq qabdu fil-miftuħ,
fejn in-natura ħadet ħsiebhom;
u għalkemm għad-dlam taħt il-ħamrija;

b’weraq jieħdu sħana, u miz-zkuk l-ilma
li jinżel magħhom biex jitmagħhom f’sodthom.
L-għeruq jinġabru jew jitwalu fil-bogħod
u jissaħħu mal-mogħdija taż-żmien
bl-għajnuna tal-ħajja li ġew mogħtija.
Iżda tiskanta kif jaqsmu blat żonqri
meta jinżlu ’l isfel għall-umdità u
b’xorb ieħor jissaqqew biex  jikbru.
Mingħajrhom ebda siġra jew nibbieta
ma tikber biex tkun bi ħdura miksija;
permezz tat-tjur jew bhejjem li jarmu
ħmieġhom biex imantnuhom għall-għixien.
Is-sura ta’ kif jinġemgħu flimkien
ma tarafhiex ta’ kif  jirkbu lil xulxin
f’tisliba, għax f’taħwida gozz murija,
irqaq jew ħoxnin ta’ kif żmien xejjaħhom.
L-għeruq iridu jkunu biex dawn jieqfu
għal irwiefen, ksieħ, xemx u temp qerriedi
għax huma jerġgħu jagħtu l-ħajja mill-ġdid
lil friegħi; bil-weraq tagħhom merħija;
għax dawn maż-żmien aħrax fuqhom nixfu;
jerġgħu jkunu huma li jqajmuhom;
iżda meta jinkixfu truf tal-għeruq
u dawn jiġu mitluqa, bla m’għandhom kenn,
tara bidla fejn dak li jżomm ħaj jitbiel,
sakemm imut u biss tajjeb għall-ħruq.

**JOSEPH BONNICI**

## MY MALTA

Of mists and snow and rivers, unknown,
no mountains or valleys or wide plateaus,
or lakes or waters that fall.
But the bluest of blue of caressing seas,
sunsets with a warm fiery glow,
churches and palaces, voices that flow,
blood much varied, opinions do too
ravjul, pastizzi, qubbajd, laħam il-forn,
no boundaries limit man’s sustainment,
while church bells, processions, ezercizzi,
compete with discos and drogi, young joie de vivre,
Rosaries, Sunday Mass, Duluri, Ecce Homo,
teenage pregnancies, abortions, nouveau chaos...
Yet, the cool morning April breeze still blows
as the first rays of the rosy sun warms the sandy
beaches.

**GEORGE G. BUTTIGIEG**
**(minn *Cigar Smoke*, Maximus Publications Ltd.,  2013)**

## KWADRETTI

### Minn bejn is-snien

It-tifel waqgħulu sinniet żgħar u torja
għax kiber u wasal għal jum il-preċett;
għall-ewwel tbissimt biex niċċajta ftit miegħu
imm'hu pront urieni li mhux taż -żufjett...
"Dawn tiegħi jitilgħu, tibżax, ma jdumux,
imma dawk li jaqgħulek, papà, ma jikbrux!"

### Xkupa pronta

Din ta' ħdejna għandha xkupa
dejjem lesta wara l-bieb,
pronta toħroġ tagħti kinsa
hekk kif jiġu għandi l-ħbieb.
Drat bl-amment fejn għandha tiknes
għax fil-fatt hi toħroġ tnemmes!

**PHILIP BORG**

## ĦAJKU

Xtaqu jħaġġruha;
ebda ġebla ma ntefgħet:
kulħadd hu midneb!

Bl-għemili tajbin
infaddlu, sabiex nixtru,
ir-rigal etern.

Il-ħajja bla tmiem
tinbidel f’ferħ ta’ dejjem
f’għaqda ma’ Alla.

L-ewwel u l-aqwa
Kaptan salva f’dulluvju;
Noè fuq l-arka!

Għall-għada ma rridx
rasi nħabbel; jum għada
jarah huwa stess.

Kemm smajt vuċijiet!
Leħnek fl-isfond, diffiċli
nisimgħu, nagħrfu.

**NOEL CACHIA**
**(minn *Kelmet ir-Ruħ*, Ħajku, 2021)**

**F'MUMENT SOKKJUŻ**

Id-dmugħ jindara wkoll
f'mument sokkjuż bejn tbissima u nifs 'il ġewwa.
Iżda wara, kollox qoxqox, bħal fil-bidu,
bħas-sema bla kwiekeb,
bħal witat bla raba',
bħal bajja bla baħar.
Kollox sospiż, kollox kwiet
sal-ewwel taħrika.

**CLAUDIA GAUCI**
**(minn *Sekonda Qabel Tqum*, Skarta 2012)**

**LI KIEKU**

bħal brama mejta titbandal f'baħar maħmuġ
bħal sigarett mibrum kważi maħruq
tfittex ħajja oħra

tiftaħ idejk biex tilqa' l-memorji jirtogħdu
bejniethom
u kliemek iwaqqa' s-sħab

kont tifraħ aktar li kieku ma kontx

**JOHN-PETER PORTELLI**

**ID-DROGA TAL-MEWT**

Għaliex mamà se ttemmli
ħajti qabel il-waqt?
Imqar 'il wiċċek nara,
s'issa dan biss jien xtaqt.

Aħsibha sew mammijja
qabel dil-ħajja ttemm;
qabel taqtagħli l-korda,
li fija tnixxi d-demm.

Taf mamma l'għadni ċkejkna,
bla ħila u bla jedd.
'Mma stenna ftit xhur oħra,
tara xi xbieha nxedd.

U tgħid "Ar' x'kont se nagħmel.
Xi ġmiel, x'seħer wellidt!
Imnalla ntbaħt fit-telfa
li fiha kont theddidt."

F'taqbida moħħna w qalbna
bejniethom jissaraw.
U meta l-qalb titniehed,
u l-menti jiċċajpraw,

donnu li d-dawl jintefa';
jitfixkel l-intellett.
U l-bniedem bravu jogħtor,
biex jisfa f'ton falsett.

Supperv, kattiv il-bniedem,
li 'l ġiddu stess itemmu.
Mitt forka ħaqqu jaqla',
kulmin jisħaq'il demmu.

**RIGU BOVINGDON**
**(minn *Aporija mill-Ġdid*, Horizons, 2019)**

**BEJN IX-XITA**
**(Snapshot mill-għoli)**

Ix-xita bdiet għal ftit, u x-xemx bil-ħeffa
minn bejn is-sħab li jistor is-smewwiet
daħħlet id-dawl, u kollox sar ħuġġieġa
bajda tal-fidda.

Il-baħar deh'r mifrux bi ħrief qabbieża;
il-bjut u t-toroq bċejjeċ t'aluminju;
l-għelieqi mbejta saru donnhom iġbla,
widien, għadajjar.

Is-siġar li ftit ilu tilfu l-weraq
u l-għana ħlejju tal-bejtiet kennija,
bħal stejqru u bjadu, saru geġwiġija
ta' sriep tal-fidda.

U l-Qaws tas-sema feġġ kollu setgħani,
imżejjen bit-tiżwiq ta' seba' lwien;
bejn sema u art ried jagħmel għaqda sfiqa
ta' sebħ u sliem.

Imm'għal ftit biss, għax l-iġfna tal-Provenz,
- is-sħab xehbiena - nġabru kotranija,
ħatfulu s-saltna u tefgħu dalma u ħalba
kbira ta' xita.

**ANTON BUTTIGIEG**
**(minn *Poeżiji Miġbuta*, KKM, 1978)**

**SPRINKLE OCHRE**

Sprinkle ochre into my eyes:
no longer
you live in them,

be sparing,
of graveside
supplements, be sparing,

with their dream
graze the debased coinage,
the scale of
my temporal bone,

at the
great
road fork tell
yourself to the ochre
three times, nine times.

**PAUL CELAN**
**(minn *Selected Poems*, Penguin, 1990)**
***IR-RUMANIJA***

**THE SEA-SHELL**

It may be, night, you do not need me;
out of the world's abyss,
like a shell without pearls,
I am cast on your shores.

Indifferently, you stir the waves
and immitigably sing;
but you shall love and cherish
this equivocal, unnecessary shell.

You shall lie down on the sand close by,
apparelled in your raiment,
and bind to the shell
the colossal bell of the billows.

And your whispering spray shall fill,
with wind and rain and mist,
the walls of the brittle shell -
a heart where nobody dwells...

**OSIP MANDELSHTAM**
**(minn *Selected Poems*, Penguin, 1991)**
***IR-RUSSJA***

**IL PENSIERO È RIVOLTO A TE, O SIGNORE**

Il pensiero è rivolto a Te, o Signore,
il mio pensiero e il mio cuore Ti pregano.
Dammi una mente limpida per distinguere
il bene dal male,
dammi la saggezza del cuore
per comprendere tutti quelli che soffrono,
dammi la grazia di vedere
il faro della Tua salvezza.
Vita da miseri, la mia.
Dammi la forza di staccarmi
dalle miserie quotidiane.
Come ai fiori dimostri il Tuo amore
mandando sulla terra la rugiada,
manda la gioia al mio cuore stanco,
per le sofferenze e la tristezza del mondo.

**ÇLIRIM MUÇA**
**(minn *Poesie scelte*, Albalibri, 2010)**
***L-ITALJA***

**SUMMER**

Especially this summer
burned without glory
without memories
an old mirage
crossing its arms
on the foundation of air...

Torrid days.
Time tramps
with boots of the reformed
through the gardens of our love.

The Daily -  if only I could detach myself
finally
from it - that precise hungry
Daily!

The garden of our loves...
The light heart of the falling fruit...
That precise hungry Daily...

**FLORENTA ALBU**
**(minn *Silent Voices*, Forest Books, 1986)**
**IR-RUMANIJA**




**_ANXIETY AND SPIRITUALITY_, ta' Ricky Caruana, 2022**

Dan hu r-raba' ktieb (165 paġna u 15-il kapitlu) ta' dan l-awtur żagħżugħ li jikteb dwar temi universali bħalma huma l-ħajja u l-mewt, l-imħabba, it-twemmin, is-saħħa mentali, u iktar. Dan il-ktieb jgħin lill-qarrejja jifhmu aħjar l-esperjenza tal-ansjetà u jipprovdi gwida testwali li tiddeskrivi sensazzjonijiet fiżiċi tipiċi li għall-bidu jkun diffiċli li jiġu tradotti fi kliem. L-ansjetà ngħixuha lkoll u hija għodda essenzjali f'ħajjitna. Għalhekk li nifhmu sa fejn tasal dik li hi ansjetà tajba u ansjetà li tagħmlilna d-deni huwa pass importanti fl-iżvilupp psikoloġiku tagħna u jgħinna niżviluppaw kunfidenza iktar profonda fil-ħajja mentali tagħna. Bħal dejjem, Ricky Caruana juża lingwaġġ li jinftiehem, stil mexxej - fejn isir ħaġa waħda mal-qarrejja -, u għadd ta' eżempji sempliċi biex ifisser kunċetti ħafna iktar kumplessi. Fost dak li naqraw fil-ktieb: l-oriġni u l-evoluzzjoni tal-ansjetà, id-diżordni totali, l-ansjetà li twassal għas-sens ta' umanità, ir-relazzjonijiet mal-ġenituri, id-delużjoni, il-paċi ġewwiena, il-kultivazzjoni tal-ispirtu tagħna, u l-ispiritwalità. Caruana hawn juri li fehem sewwa minn xiex inhu magħmul il-bniedem u x'jeħtieġ biex isir ħlejqa aħjar.




**_SALESIAN SPIRITUAL COMPANIONSHIP WITH YOUNG PEOPLE TODAY_, ta' Louis Grech, Horizons 2018**

Dan hu ktieb massiċċ ta' kważi 600 paġna li oriġinarjament kien it-teżi ta' riċerka għad-dottorat ta' Louis Grech, li għal snin twal għex qrib bosta żgħażagħ bħala Salesjan ta' Don Bosco fil-Kulleġġ Savio. Il-ktieb dwar dan l-edukatur Kattoliku magħruf - imma anki missier, kumpann spiritwali, u ħabib għal tant żgħażagħ f'Turin - jinqasam fi tmien taqsimiet ewlenin, b'żewġ appendiċi, biblijografija u werrej ġenerali u indiċi alfabetiku lejn it-tmiem. Fost is-suġġetti li Grech jittratta nsibu: l-evoluzzjoni tad-direzzjoni spiritwali qabel żmien Don Bosco (1815-1888); l-esperjenza personali tad-direzzjoni spiritwali min-naħa ta' John Bosco; l-oriġinalità ta' Don Bosco li ġejja minn influwenzi tal-passat; il-mudell tad-direzzjoni spiritwali ta' Don Bosco u l-oriġinalità tiegħu; l-għodod letterarji ta' Don Bosco għaż-żgħażagħ; il-kumpanija Salesjana spiritwali llum; u l-kapitli ġenerali tas-Salesjani minn żmien il-Konċilju Vatikan II. F'dan il-ktieb insibu wkoll għadd sabiħ ta' ritratti bil-kulur f'rabta mal-ħajja ta' Don Bosco, żmienu u l-ispazji fejn għex. Dan hu ktieb li jinteressa fuq kollox lill-għalliema u lil kull min għandu għal qalbu ż-żgħażagħ u l-ġejjieni tagħhom.




***KELMET IR-RUĦ. ĦAJKU*, ta' Noel Cachia, 2021**

Noel Cachia huwa kittieb ta' proża u poeżija. Hawn insibu ġabra ta' 345 ħajku li jesprimu b'mod ġenerali "il-vjaġġ ta' bniedem ta' fidi, huwa u jissielet biex jgħix b'impenn akbar il-fidi Nisranija", kif jikteb fid-daħla Mons. Profs. Hector Scerri. Il-messaġġ li jwassal Cachia jħaddem kliem sempliċi li jifhmu kulħadd, b'sinċerità u kjarezza. Kif jammetti l-poeta stess fil-bidu, il-kontenut tal-ħajku tiegħu hu filosofiku, riflessiv, umoristiku, didattiku, ironiku, u l-bqija. U dan isir permezz tal-konċiżjoni, is-suġġestjoni, l-implikazzjoni u s-sens moħbi bejn il-versi ta' din il-forma poetika Ġappuniża. Għalkemm it-tema ġenerali hija dik tat-twemmin Nisrani, Cachia jiġbor flimkien il-ħajku tiegħu f'sotto-temi jew reġistri bħal Madonna; Fidi; Ruħ; Talb; Qrar u Tqarbin; Alla; Dagħa; Dnub; Fejqan, Għajnuna u Għajxien; Ħolqien u Ħallieq; Ragħaj; Qaddisin; Spirtu s-Santu; Avvent u Milied; Passjoni; Xitan u Tentazzjonijiet; Qawmien; u oħrajn. Din il-ġabra mhix intiża biex tinqara kollha f'daqqa, imma biex dak li jkun jaqra għadd ċkejken ta' ħajku u bejn wieħed u ieħor jieqaf u jirrifletti ladarba din hija forma ta' poeżija konċiża imma profonda u li tistieden lill-qarrej jinġabar fih innifsu u jixtarr sewwa l-ftit kelmiet li jikkomponu kull poeżija magħmula minn tliet versi, 17-il sillaba.




***BELGĦA TE. KIF BNIEDEM IKUN KELB MA' BNIEDEM IEĦOR*, ta' Paul P. Borg, Horizons 2022**

Dan hu ktieb ta' 481 paġna. Ir-rumanz fih innifsu jtul ftit iktar minn 400 paġna, imma jiġu inklużi wkoll Kelmtejn Qabel u "Stqarrija: Għaliex dan ir-Rumanz?" mill-awtur stess, u tliet studji: "L-Isfond tal-Kura Psikjatrika" ta' Kevin Gafà (Senior Practice Nurse u Infermier Psikjatriku); "Belgħa Te f'Monte Carmeli" ta' Joseph Busuttil (Occupational terapist); u "L-Umanita Mkasbra" tal-Prof. Charles Briffa. Dan hu rumanz ambjentat fl-isptar tal-kura tal-mard mentali, bi ġrajja mistħajla u traġika, imqiegħda fl-imgħoddi meta dan il-mard ma kienx mifhum sewwa. Naqraw dwar Leli li għandu orjentazzjoni sesswali u attitudni li s-soċjetà ma taċċettax, u għalhekk minflok imħabba u mogħdrija bħala kura, isib straitjackets, misturi u xokkijiet elettriċi, imma anki min isawtu u jweġġgħu. Leli jsir jaf kemm bniedem jiflaħ ikun kelb ma' bniedem ieħor, imma dan ma jaċċettahx. B'hekk jinqala' nkwiet kbir. *Belgħa Te* jixhed solidarjetà ma' min bata, tbatija li ma tistax tibqa' moħbija daqslikieku qatt ma seħħet. Borg hawn jispira ruħu minn ktieb ta' Leo Tolstoj li qiegħed fuq quddiem il-kixfa tal-verità. Bħal Tolstoj Borg "jaf li l-letteratura hi ... l-ġrajja tal-verità u turi b'sinċerità qagħdiet soċjali sikwit kefrin li l-kittieb ikollu jikteb fuqhom, bla ma jasal joffri soluzzjoni."




***IL-ĠRAJJA SSIR KELMA. NGĦARRXU FL-IMGĦODDI U L-PREŻENT*, ta' Charles Briffa, Horizons 2022**

Dan il-ktieb ta' 546 paġna jipprova jislet tagħrif meqjus mill-kultura lingwistika tagħna sabiex jifrex quddiemna l-lingwa bħala wirt. Briffa jgħarrex fil-bogħod u fil-qrib ħa jsawwar xi ġrajjiet ta' kliem u espressjonijiet li jgħinuna nilmħu xejriet mill-mentalità tagħna llum u tal-antenati tagħna. Hija ħidma li toħodna fil-livelli lingwistiċi kollha, fil-pragmatika tal-lingwa, fl-etimoloġija, fil-lessikografija, fl-istilistika u fl-antropoloġija. Il-proġett *Il-Ġrajja Ssir Kelma* jagħraf li bidla soċjali u bidla fiżika jafu jġibu bidla lingwistika li tikkorrispondi magħhom. Il-valuri tas-soċjetà kontemporanja jistgħu wkoll iħallu xi effett fuq il-lingwa. B'hekk naraw li l-lingwa taħdem fuq is-soċjetà u viċiversa. Ir-riċerka fuq ir-relazzjoni bejn il-lingwa u l-kultura ssir minn perspettiva transdixxiplinarja u tistenna li studjużi serji jagħtu kasha u, fejn jistgħu, jibnu fuqha. F'qasam bħal dan, il-ħsieb hu dinamiku fis-sens li l-għarfien irid ikun il-ħin kollu nnegozjat u irrinegozjat minn ġenerazzjoni għal oħra, minn żmien għal ieħor, u skont il-kuntatti bejn il-komunitajiet tat-taħdit. *Il-Ġrajja Ssir Kelma* hu ideali għal min irid jifhem aħjar l-ilsien Malti, il-lessiku u l-idjoma tiegħu, l-oriġini tagħhom u kif żviluppaw u qed jiżviluppaw.




***ĠUŻEPPI MARIA CARUANA 1899-1964*, Kompilat minn Trevor Żahra, 2022**

Dan hu ktieb ta' 151 paġna, b'qoxra iebsa u ritratti bil-kulur meħudin minn Daniel Cilia. Din hija pubblikazzjoni li Trevor Żahra ħadem fuqha u għaqqad iddedikata lil zijuh pittur, Ġużeppi Maria Caruana. Il-ktieb, li hu fil-lingwa Ingliża, jiftaħ b'introduzzjoni ta' Trevor Żahra stess intitolata "My Uncle the Painter… and I". Hija kitba li tlaqqagħna mal-ħbieb artisti ta' Ġużeppi Maria Caruana, l-għalliema tiegħu, l-istudji fl-Accademia di Belle Arti u fil-Liceo di Arte Moderna f'Ruma, u fil-British Academy, waqtiet minn ħajtu bħaż-żwieġ, huwa bħala għalliem fiż-Zejtun, u x-xogħlijiet tiegħu fi knejjes differenti, fosthom f'Ħaż-Żabbar, in-Naxxar, u mkejjen oħra bħal Marsaxlokk u Ħaż-Żebbuġ. Fil-bqija tal-ktieb insibu miġburin ritratti tax-xogħlijiet ta' natura reliġjuża tal-pittur inkwistjoni fil-Knejjes Parrokkjali ta' Ħaż-Żabbar, in-Naxxar, is-Siġġiewi, Ħal Għaxaq, Marsaxlokk (inkluża l-Kappella ta' Ġesù ta' Nażarett), il-Munxar, L-Isla (San Filippu Neri), u ż-Żejtun. Taqsimiet oħra huma ddedikati lil ritratti ta' membri tal-familja tal-pittur u personalitajiet reliġjużi oħra, xogħlijiet ta' Ġużeppi Maria Caruana li llum jinsabu f'kollezzjonijiet privati, u fl-aħħar nett, studji u disinni minn id il-pittur stess. Fit-tmiem insibu lista sħiħa tax-xogħlijiet ewlenin tal-artist.




***IT-TURUFNAMENT U S-SALTNA*, ta' Albert Camus, maqlub għall-Malti minn Anthony Aquilina, Faraxa Publishers, 2022**

L-impass li kien sab ruħu fih Albert Camus (1913-1960) fil-ħamsinijiet tas-seklu l-ieħor kien dovut prinċipalment għall-kwestjoni politika taħraq Alġerina li hu ħassha saħansitra qiegħda toħnoqlu l-potenzjal kreattiv tiegħu. Dan narawh jispikka fin-novella 'Il-Mi(n)stieden', ir-raba' waħda fil-ġabra *It-Turufnament u s-Saltna*. Imma mhux biss: kien hemm ukoll is-sitwazzjoni familjari privata li bla dubju influwenzatu sew fil-kompożizzjoni ta' 'Jonas jew l-Artist fuq Xogħlu', u l-ġlieda tiegħu kontra Sartre u sħabu meta ġie biex jikteb 'Il-Ġebla Katrana' u 'Il-Waqgħa'. Tal-anqas erbgħa mis-sitt novelli fil-ġabra jġibu t-timbru tat-traġedja personali li kien għaddej minnha l-kittieb. Dan it-titlu jagħti xhieda ta' żewġ pożizzjonijiet kontrapposti, dikotomija u / jew duwaliżmu. Tema ewlenija, dik tat-turufnament, hi ttrattata b'sitt modi differenti, mill-monologu interjuri san-narrattiva realista. Is-saltna hi dik li tikkorrispondi ma' ċerta ħajja ħielsa u mneżżgħa għal kollox li aħna rridu nerġgħu niskopru sabiex sa fl-aħħar nitwieldu mill-ġdid.




***MINN WARA L-ĦĠIEĠ*, ta' Rita Saliba, Klabb Kotba Maltin, 2022**

Nistqarr li lil Rita Saliba nafha iktar bħala kittieba ta' proża - rumanzi, rakkonti u mikro-rakkonti - milli ta' poeżija. Għalhekk *Minn Wara l-Ħġieġ* ħareġ bħala sorpriża għalija. Dan hu ktieb li jiġbor fih 58 poeżija ta' Saliba, bi studju kritiku ta' Olivia Borg bl-isem ta' "It-Tinbixa Poetika ta' Rita Saliba" fl-aħħar. L-għażla metrika u prosodika ta' Saliba hija dik tal-metru u vers ħieles, filwaqt li t-tul tal-poeżiji jvarja minn ftit versi sa paġna jew tnejn. L-istil hu wieħed li ma jdejjqekx, anzi jistiednek terġa' taqra l-poeżija u tirrifletti dwar aspetti varji. Fi kliem Olivia Borg, "Il-poeżija ta' Rita Saliba għandha x-xeħta ta' ċelebrazzjoni tas-sinċerità, b'enfasi fuq dik emottiva. Meta wieħed jgħarbel dawn il-poeżiji kelma kelma jintebaħ bl-ispirtu kontemplattiv u meditattiv li hemm iserrep bejn dawn il-versi. Din ta' Saliba hi poeżija intima li ġejja mit-tfittxija tagħha nnifisha." Il-lessiku li tħaddem Saliba hu wieħed ċar, sempliċi u jinftiehem bla diffikultà, u dan żgur jgħin biex il-qarrej japprezza aktar il-versi tagħha. Li hu żgur hu li Rita Saliba tkompli żżid mal-wirt tal-poeżija Maltija miktuba minn kittieba nisa.